SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla)

1 ta' Marzu 2017 *

"Għajnuna mill-Istat — Kabotaġġ marittimu — Għajnuna mogħtija minn Franza lil Société nationale maritime Corse Méditerranée (SNCM) u lil Compagnie méridionale de navigation — Servizz ta' importanza ekonomika ġenerali — Kumpens għal servizz komplementari tas-servizz bażiku, intiż sabiex ikopri l-perijodi l-iktar iffrekwentati matul l-istaġun turistiku — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern — Kunċett ta' għajnuna mill-Istat — Vantaġġ — Sentenza Altmark — Determinazzjoni tal-ammont tal-għajnuna"

Fil-Kawża T-454/13,

Société nationale maritime Corse Méditerranée (SNCM), stabbilita f'Marseille (Franza), inizjalment irrappreżentata minn A. Winckler, F.-C. Laprévote, J.-P. Mignard u S. Mabile, sussegwentement minn A. Winckler u F.-C. Laprévote u finalment minn F.-C. Laprévote u C. Froitzheim, avukati,

ir-rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn M. Afonso u M. B. Stromsky, bħala aġenti,

il-konvenuta,

sostnuta minn

Corsica Ferries Franza SAS, stabbilita f'Bastia (Franza), irrappreżentata minn S. Rodrigues u C. Bernard-Glanz, avukati,

l-intervenjenti,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/435/UE tat-2 ta' Mejju 2013, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.22843 (2012/C) (ex 2012/NN) implimentata minn Franza favur is-Société Nationale Corse Méditerranée u l-Compagnie Méridionale de Navigation (ĠU 2013, L 220, p. 20),

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla),

komposta minn S. Frimodt Nielsen, President, A. M. Collins (Relatur) u V. Valančius, Imħallfin,

Reġistratur: G. Predonzani, Amministratur,

* * Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tal-14 ta' Ġunju 2016,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

L-atturi prinċipali

1 Ir-rikorrenti, Société nationale maritime Corse Méditerranée (SNCM), hija kumpannija marittima Franċiża li tipprovdi konnessjonijiet regolari lejn, b'mod partikolari, Korsika (Franza) mill-portijiet ta' Marseille (Franza) u ta' Nice (Franza), billi tgħaqqadhom ma' dawk ta' Ajaccio, ta' Bastia, ta' Calvi, tal-Île-Rousse, ta' Porto-Vecchio u ta' Propriano.

2 Fil-perijodu li fih seħħew il-fatti, SNCM kienet topera flotta ta' għaxar vapuri, fosthom sitt laneċ, jiġifieri d-*Danielle Casanova*, in-*Napoléon Bonaparte*, il-*Corse*, il-*Méditerranée*, l-*Île de Beauté* u l-*Excelsior*, u erba' vapuri tal-merkanzija mħalltin li jipprovdu t-trasport kemm tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija, jiġifieri l-*Jean Nicoli* (li ssostitwixxa l-*Monte Cinto* fl-2009 għall-forniment tas-servizzi inkwistjoni), il-*Pascal Paoli*, il-*Paglia Orba* u l-*Monte d'Oro*.

3 Permezz ta' sentenza tat-28 ta' Novembru 2014, il-Qorti tal-Kummerċ ta' Marseille bdiet proċedura ta' insolvenza ġudizzjarja fil-konfront ta' SNCM. Permezz ta' sentenza tal-20 ta' Novembru 2015, din il-qorti laqgħet waħda mill-offerti li saritilha għax-xiri ta' SNCM. Konsegwentement, hija biddlet il-proċedura ta' insolvenza ġudizzjarja fi stralċ ġudizzjarju ta' SNCM u stabbilixxiet id-data tad-dħul fis-seħħ tal-akkwist mill-akkwirent għal 45 jum wara d-data tas-sentenza.

4 Compagnie méridionale de navigation (iktar 'il quddiem "CMN") hija kumpannija marittima Franċiża li sservi b'mod partikolari l-portijiet ta' Bastia, ta' Ajaccio u ta' Propriano minn Marseille.

5 Għall-forniment tas-servizzi inkwistjoni, CMN kienet tuża tliet vapuri tal-merkanzija mħalltin, il-*Kalliste*, il-*Girolata* u l-i*Scandola* (sussegwentement issostitwit mill-*Piana*).

6 Corsica Ferries France SAS (iktar 'il quddiem "Corsica Ferries") hija kumpannija marittima Franċiża li toffri konnessjonijiet marittimi regolari bejn, b'mod partikolari, Franza kontinentali u Korsika, jiġifieri l-linji Nice-Ajaccio, Nice-L'Île-Rousse, Nice-Bastia, Nice-Calvi, Toulon-Ajaccio, Toulon-Bastia u Toulon-L'Île-Rousse.

7 L-Awtorità territorjali ta' Korsika (iktar 'il quddiem iċ-"CTC") hija persuna ġuridika fid-dritt pubbliku Franċiż li tinkludi tliet entitajiet, jiġifieri l-Assemblea ta' Korsika, il-Kunsill Eżekuttiv ta' Korsika u l-Kunsill Ekonomiku, Soċjali u Kulturali ta' Korsika.

8 L-Uffiċċju tat-Trasport ta' Korsika (iktar 'il quddiem l-"OTC") huwa uffiċċju pubbliku ta' natura industrijali u kummerċjali Franċiż, maħluq miċ-CTC u nkarigat mill-implementazzjoni tal-politika tat-trasport bl-ajru u bil-baħar tal-gżira. L-OTC għandu, b'mod partikolari, il-funzjoni li jiġġestixxi l-allokazzjoni baġitarja mogħtija miċ-CTC sabiex tiżgura l-kontinwità territorjali u tqassam il-fondi bejn it-trasport bl-ajru u t-trasport bil-baħar. Għal dan il-għan, huwa jikkonkludi mal-kumpanniji tat-trasport, delegati tas-servizz pubbliku, ftehim li jiddefinixxu b'mod partikolari t-tariffi, il-kundizzjonijiet ta' implementazzjoni u l-kwalità tas-servizz. Il-prinċipju ta' kontinwità territorjali huwa intiż sabiex jikkumpensa l-insularità u jiżgura s-servizz tal-gżira b'kundizzjonijiet kemm jista'

jkun simili għal dawk tal-konnessjonijiet purament kontinentali u sabiex fuq il-konnessjonijiet marittimi bejn Franza kontinentali u Korsika jkun hemm tariffa komparabbli mat-tariffi tat-trasport bl-art.

Servizz ta' trasport bil-baħar bejn Franza kontinentali u Korsika u ftehim ta' delega ta' servizz pubbliku

9 Fil-perijodu meta seħħew il-fatti, is-servizz tat-trasport bil-baħar bejn Franza kontinentali u Korsika kien offrut minn tliet kumpanniji marittimi, jiġifieri, SNCM, CMN u Corsica Ferries. Ir-raba' waħda, f'dan il-każ, Moby Lines, għamlet vjaġġi bejn Toulon u Korsika minn April 2010 sa Frar 2011.

10 It-traffiku ta' passiġġieri bejn il-kontinent u Korsika huwa kkaratterizzat minn staġjonalità qawwija ferm, peress li l-maġġoranza ta' dan it-traffiku jseħħ matul ix-xhur tas-sajf. Matul is-snin 2000, it-tendenza prinċipali tas-swieq tat-trasport bejn Franza kontinentali u Korsika kienet l-iżvilupp tal-offerta ta' trasport bi tluq minn Toulon, li sar l-ikbar port ta' servizz ta' Korsika f'dak li jirrigwarda t-traffiku. Din it-tendenza għal żieda tat-traffiku li jitlaq minn Toulon kienet konsistenti maż-żieda tas-sehem fis-suq ta' Corsica Ferries.

11 Fil-31 ta' Marzu 1976, SNCM u CMN, minn naħa, u r-Repubblika Franċiża, min-naħa l-oħra, iffirmaw ftehim qafas, għal 25 sena, għall-ġestjoni tas-servizz pubbliku għas-servizz marittimu ta' Korsika minn Franza kontinentali.

12 Meta ġiet fi tmiemha din il-konċessjoni ta' servizz pubbliku, fil-31 ta' Diċembru 2001, l-awtoritajiet ta' Korsika bidlu l-iskema tas-servizz marittimu tal-gżira.

13 B'hekk, mill-1 ta' Jannar 2002, kienu biss il-linji li jitilqu minn Marseille li kienu koperti fil-qafas ta' ftehim ta' delega ta' servizz pubbliku, li jwassal għal kumpens finanzjarju lid-delegati. Dan il-ftehim ġie konkluż bejn SNCM u CMN, minn naħa, u ċ-CTC u l-OTC, minn naħa l-oħra, għal perijodu ta' ħames snin.

14 Għal-linji l-oħra, jiġifieri dawk li jitilqu minn Nice u minn Toulon, ġiet introdotta skema ta' għajnuna ta' natura soċjali, b'mod parallel mal-ftehim imsemmi fil-punt 13 hawn fuq, mill-awtoritajiet ta' Korsika għar-residenti tal-gżira u għal ċerti kategoriji ta' persuni soċjalment identifikati. Skema ta' għajnuna soċjali tippermetti b'dan il-mod il-ħlas, għal kull passiġġier eliġibbli ta' tariffa preferenzjali, ta' għajnuna prefinanzjata mill-kumpanniji ta' trasport li jaċċettaw li josservaw l-obbligi ta' servizz pubbliku (iktar 'il quddiem l-"OSP"), liema għajnuna unitarja mbagħad tiġi rrimborsata lilhom. Il-kategoriji involuti jirrappreżentaw kważi żewġ terzi tat-traffiku totali (residenti ta' Korsika, persuni ta' inqas minn 25 sena jew ta' iktar minn 60 sena, studenti ta' inqas minn 27 sena, familji u persuni b'diżabbiltà jew invalidi). Din l-iskema ta' għajnuna ġiet approvata mill-Kummissjoni Ewropea b'deċiżjoni tat-2 ta' Lulju 2002 (Għajnuna mill-Istat Nru 781/2001 – Pjan ta' għajnuna soċjali individwali għas-servizzi marittima ta' Korsika). Permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' April 2007 (Għajnuna mill-Istat Nru 13/2007 – Estensjoni tal-pjan ta' għajnuna soċjali individwali għas-servizzi marittimi ta' Korsika Nru 781/2001), il-Kummissjoni approvat li din l-iskema tkompli sal-31 ta' Diċembru 2013. Dawn il-vjaġġi marittimi bejn il-portijiet ta' Nice u ta' Toulon, minn naħa, u dawk ta' Korsika, min-naħa l-oħra, huma prinċiparjament operati minn Corsica Ferries.

15 Permezz ta' deliberazzjoni tal-24 ta' Marzu 2006, l-Assemblea ta' Korsika approvat il-prinċipju ta' tiġdid ta' delega ta' servizz pubbliku (iktar 'il quddiem id-"DSP") tas-servizz marittimu tal-portijiet ta' Ajaccio, ta' Bastia, ta' Calvi, ta' L'Île-Rousse, ta' Porto-Vecchio u ta' Propriano mill-port ta' Marseille mill-1 ta' Jannar 2007. Bl-istess deliberazzjoni, hija tat mandat lill-President tal-OTC sabiex għan-nom taċ-CTC, iniedi proċedura ta' sejħa għal offerti, iħejji l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerti u jassisti liċ-CTC fl-għoti tad-DSP.

16 Avviż għal sejħa għal offerti ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-27 ta' Mejju 2006 kif ukoll fil-gazzetta *Les Échos* fid-9 ta' Ġunju 2006. Fl-4 ta' Awwissu 2006, id-data tal-għeluq tal-offerti, intefgħu erba' offerti, jiġifieri offerta ta' SNCM, offerta ta' Corsica Ferries, offerta ta' CMN u offerta ta' grupp li ngħaqad għal din l-offerta bejn Corsica Ferries u CMN.

17 Permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Diċembru 2006, il-Conseil d'État (kunsill tal-istat, Franza) annulla l-proċedura tal-għoti tad-DSP.

18 Permezz ta' deliberazzjoni tat-22 ta' Diċembru 2006, l-Assemblea ta' Korsika ddeċidiet li terġa' tibda mill-ġdid il-proċedura kollha tal-għoti tad-DSP, li testendi d-DSP sat-30 ta' April 2007 u tistabbilixxi l-1 ta' Mejju 2007 bħala d-data tal-implementazzjoni tad-DSP il-ġdid.

19 Avviż ġdid ta' sejħa għal offerti ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tat-30 ta' Diċembru 2006, f'*Les Échos* fl-4 ta' Jannar 2007 u fil-magażin ta' kull ġimgħa *Le Journal de la Marine Marchande* fil-5 ta' Jannar 2007. Fid-9 ta' Frar 2007, ġew ippreżentati żewġ offerti, li huma, minn naħa, offerta waħda ta' SNCM u ta' CMN li ngħaqdu għal din l-offerta (iktar 'il quddiem il-"grupp SNCM-CMN") li tirrigwarda l-linji kollha, kemm bħala offerta globali kif ukoll offerta għal kull linja partikolari, u min-naħa l-oħra, offerta ta' Corsica Ferries fir-rigward tal-linji Marseille-Ajaccio, Marseille-Porto-Vecchio u Marseille-Propriano, kemm bħala offerta globali għal dawn it-tliet linji kif ukoll offerta għal kull linja partikolari.

20 Permezz ta' digriet tas-27 ta' April 2007, l-Imħallef għal miżuri provviżorji tat-Tribunal Administratif de Bastia (tribunal amministrattiv ta' Bastia), adit minn Corsica Ferries, annulla l-fażi ta' negozjati tal-proċedura tal-għoti tad-DSP kif ukoll id-deċiżjoni tal-President tal-Kunsill Eżekuttiv ta' Korsika u tal-President tal-OTC li jagħżel l-offerta tal-grupp SNCM-CMN u li jipproponi lill-Assemblea ta' Korsika li tagħti d-DSP lil dan il-grupp. Huwa ddeċieda li kellhom ikunu ċ-CTC u l-OTC li għandhom jibdew il-proċedura ta' diskussjoni mal-impriżi li tefgħu offerta.

21 Permezz ta' deliberazzjoni tas-27 ta' April 2007, l-Assemblea ta' Korsika pprorogat b'xahrejn id-delega li kienet fis-seħħ u stabbilixxiet l-1 ta' Lulju 2007 bħala d-data tal-implementazzjoni tad-DSP il-ġdid.

22 Wara fażi ġdida ta' negozjati mal-grupp SNCM-CMN u Corsica Ferries, l-OTC ippropona li l-offerta ta' din tal-aħħar tiġi miċħuda minħabba l-fatt li ma kinitx f'pożizzjoni li tagħti b'mod finali u definittiv id-data li fiha kienet ser tkun tista' tiġġestixxi d-DSP u li ma kinitx tissodisfa l-kundizzjoni ta' età massima tal-vapuri kif mitlub mid-dispożizzjoni partikolari tas-sejħa għal offerti.

23 Permezz ta' deliberazzjoni tas7 ta' Ġunju 2007, l-Assemblea ta' Korsika tat lill-grupp SNCM-CMN id-DSP tas-servizz marittimu bejn il-port ta' Marseille u l-portijiet ta' Korsika għall-perijodu bejn l-1 ta' Lulju 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013.

24 L-Artikolu 1 ta' din id-deliberazzjoni jipprovdi dan li ġej:

"Tapprova r-rapport tal-President tal-Kunsill Eżekuttiv [ta' Korsika] li fih ġie espost, minn naħa, li l-offerta tal-grupp SNCM-CMN tissodisfa r-rekwiżiti u l-kriterji tad-dispożittiv partikolari tas-sejħa għal offerti u tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt għal kull waħda mill-ħames linji u, minn naħa l-oħra, li l-kumpannija Corsica Ferries ma hijiex f'pożizzjoni li tagħti, b'mod finali u definittiv, id-data li fiha kienet ser tkun tista' tiġġestixxi d-[DSP] li jmiss u li f'dan ir-rigward il-kundizzjonijiet li hija toffri, relatati ma' elementi li ma jiffurmawx parti mill-kontenut tad-[DSP], ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni."

25 Permezz ta' deċiżjoni tal-istess jum, il-President tal-Kunsill Eżekuttiv ta' Korsika ġie awtorizzat jiffirma l-ftehim ta' delega ta' servizz pubbliku dwar dan is-servizz marittimu (iktar 'il quddiem l-"FDSP").

26 L-FDSP ġie konkluż fis-7 ta' Ġunju 2007 għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013.

27 Permezz ta' sentenza tal-24 ta' Jannar 2008, it-Tribunal Administratif de Bastia (tribunal amministrattiv ta' Bastia) ċaħad talba ta' Corsica Ferries għall-annullament tad-deliberazzjoni u tad-deċiżjoni msemmija fil-punti 23 u 25 hawn fuq. Permezz ta' sentenza tas-7 ta' Novembru 2011, il-Cour administrative d'appel de Marseille (qorti amministrattiva ta' appell ta' Marseille, Franza) annullat din is-sentenza kif ukoll din id-deliberazzjoni u din id-deċiżjoni. Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Lulju 2012, il-Conseil d'État (kunsill tal-istat, Franza), fuq appell ta' SNCM u ta' CMN, annulla s-sentenza tal-Cour administrative d'appel de Marseille u rrinvija l-kawża lura lilha. Permezz ta' sentenza tas-6 ta' April 2016, il-Cour administrative d'appel de Marseille annullat is-sentenza tat-Tribunal Administratif de Bastia tal-24 ta' Jannar 2008 kif ukoll l-imsemmija deliberazzjonijiet u deċiżjoni.

28 L-Artikolu 1 tal-FDSP jiddefinixxi l-għan tiegħu bħala fornitur ta' servizzi marittimi regolari fuq il-linji kollha tad-DSP bejn il-port ta' Marseille u l-portijiet ta' Bastia, ta' Ajaccio, ta' Porto-Vecchio, ta' Propriano u ta' Balagne (Calvi u L'Île-Rousse).

29 L-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, li jinsabu fl-Anness I tal-FDSP, jiddefinixxu n-natura tal-imsemmija servizzi. B'mod partikolari, jipprevedu:

— servizz permanenti għall-"passiġġieri u merkanzija" li għandu jingħata matul is-sena kollha fuq ir-rotot kollha kkonċernati (iktar 'il quddiem is-"servizz bażiku") u

— servizz għall-"passiġġieri" addizzjonali li għandu jingħata matul il-perijodi l-iktar iffrekwentati fuq ir-rotot Marseille-Ajaccio, Marseille-Bastia u Marseille-Propriano (iktar 'il quddiem is-"servizz komplementari").

30 L-Artikolu 2 tal-FDSP jispjega b'mod partikolari l-ammont ta' kumpens finanzjarju ta' referenza li fuqu d-delegati jaqblu għall-perijodu tad-DSP.

31 L-Artikolu 3 tal-FDSP jipprevedi li d-DSP ma tagħtix lok għall-esklużività fuq ir-rotot marittimi inkwistjoni, iżda jagħmilha possibbli għal kumpanniji oħrajn, billi madankollu jkunu suġġetti għal ċerti kundizzjonijiet, li jwettqu servizz regolari mingħajr kumpens finanzjarju. Dan l-artikolu jispjega wkoll li t-talbiet għall-kumpens finanzjarju tad-delegati kienu stabbiliti skont l-iskema ta' għajnuna soċjali.

32 L-Artikolu 5 tal-FDSP, intitolat "kundizzjonijiet ta' ħlas ta' kumpens finanzjarju", jipprevedi, fit-tielet sentenza tal-paragrafu 2 tiegħu, li l-kumpens finanzjarju finali ta' kull delegat għal kull sena huwa limitat għall-ammont tad-defiċit operatorju li jirriżulta mill-obbligi tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, filwaqt li titqies produzzjoni raġonevoli tal-kapital tal-flotta fi proporzjon mal-jiem tal-użu effettiv tagħha għall-vjaġġi li jikkorrispondi għal dawn l-obbligi. Huwa kkunsidrat bħala produzzjoni raġonevoli tal-kapital tal-flotta użata l-perċentwali ta' 15 % tal-valur konvenzjonali tagħha. Dan il-valur konvenzjonali huwa speċifikat fl-Anness 3 tal-FDSP.

33 L-Artikolu 7 tal-FDSP, intitolat "klawżola ta' salvagwardja", jistipula, fl-ewwel paragrafu tiegħu, li, f'każ ta' tibdil sinjifikattiv fil-kundizzjonijiet tekniċi, regolatorji jew ekonomiċi ta' ġestjoni tas-servizzi ddelegati jew sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni avvenimenti esterni li għandhom impatt sinjifikattiv fuq l-impenji finanzjarji tad-delegat jew tad-delegati, il-partijiet jerġgħu jiftiehmu, fuq inizjattiva tal-parti l-iktar diliġenti, sabiex jieħdu miżuri li jirrestawraw il-bilanċ finanzjarju inizjali tal-FDSP, "speċjalment, rigward it-tariffi massimi u l-adattament tas-servizzi".

34 L-Artikolu 7(2) tal-FDSP ifakkar li l-ammonti tal-kumpens finanzjarju annwali ta' referenza ġew stabbiliti skont il-previżjonijiet tad-dħul mill-passiġġieri u mit-traffiku fl-offerta ta' kull delegat. L-istess dispożizzjoni tipprevedi l-possibbiltà ta' aġġustament, 'il fuq jew 'l isfel, kull sena u f'ċerti każijiet, tal-kumpens finanzjarju għal kull kategorija ta' dħul u għal kull delegat. Din id-dispożizzjoni tipprevedi wkoll li dan il-mekkaniżmu ta' aġġustament japplika biss sad-data ta' applikazzjoni tal-klawżola ta' adattament prevista fl-Artikolu 8 tal-FDSP.

35 L-Artikolu 8 tal-FDSP, intitolat “klawżola ta’ adattament”, jipprevedi dan li ġej:

“Fid-dawl tal-perijodu tal-[FDSP], huwa previst rapport ta’ progress matul it-tielet sena sabiex jiġi analizzat, permezz ta’ proċedura u ta’ perizja kontradittorja, l-ekwilibriju finanzjarju tal-[FDSP] u jiġi deċiż, bi ftehim bejn il-partijiet, il-miżuri eventwali ta’ korrezzjoni tas-servizzi u ta’ aġġustamenti ta’ tariffi li jiżguraw il-kontroll għaċ-[CTC] tal-intervent fiannzjarju tagħha, b’mod partikolari bit-tnaqqis tal-kumpens, u għandhom jippreżervaw l-istruttura ġenerali tal-[FDSP].”

36 Bis-saħħa ta’ din il-klawżola ta’ adattament, l-FDSP ġie emendat permezz ta’ addendum fl-aħħar tas-sena 2009.

Il-proċedura quddiem il-Kummissjoni u d-deċiżjoni kkontestata

37 Permezz ta’ posta elettronika tas-27 ta’ Settembru, tat-30 ta’ Novembru u tal-20 ta’ Diċembru 2007, il-Kummissjoni rċeviet ilment mingħand Corsica Ferries dwar għajnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli mas-suq intern, li minnha SNCM u CMN kienu qed jibbenefikaw permezz tal-FDSP.

38 Permezz ta’ posta elettronika tal-20 ta’ Mejju 2010, tas-16 ta’ Lulju 2010, tat-22 ta’ Marzu 2011, tat-22 ta’ Ġunju 2011, tal-15 ta’ Diċembru 2011 u tal-10 ta’ Jannar 2012, Corsica Ferries baġħtet informazzjoni addizzjonali lill-Kummissjoni insostenn tal-ilment tagħha.

39 Permezz ta’ posta elettronika tat-13 ta’ Marzu 2008, tat-12 ta’ Novembru 2008, tat-13 ta’ Ottubru 2011 u tal-14 ta’ Diċembru 2011, il-Kummissjoni talbet informazzjoni lill-awtoritajiet Franċiżi. Dawn tal-aħħar irrispondew għal dawn it-talbiet permezz ta’ posta elettronika tat-3 ta’ Ġunju 2008, tal-14 ta’ Jannar 2009, tas-7 ta’ Diċembru 2011 u tal-20 ta’ Jannar 2012, rispettivament.

40 Permezz ta’ ittra tas-27 ta’ Ġunju 2012, il-Kummissjoni informat lir-Repubblika Franċiża bid-deċiżjoni tagħha li tiftaħ proċedura ta’ investigazzjoni formali, skont l-Artikolu 108(2) TFUE dwar l-għajnuna potenzjali favur SNCM u CMN fl-FDSP (ĠU 2012, C 301, p. 1).

41 L-awtoritajiet Franċiżi ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq din id-deċiżjoni u wieġbu għall-mistoqsijiet li kienu jinsabu fiha permezz ta’ posta elettronika tat-13 ta’ Lulju u tas-7 ta’ Settembru 2012. Corsica Ferries, SNCM u CMN ukoll ippreżentaw osservazzjonijiet fuq l-imsemmija deċiżjoni li ntbagħtu lill-awtoritajiet Franċiżi u hija kkummentat dwarhom permezz ta’ posta elettronika tal-14 ta’ Novembru 2012 u tat-3 ta’ Jannar, tas-16 ta’ Jannar u tat-12 ta’ Frar 2013.

42 Fi tmiem din il-proċedura, il-Kummissjoni, fit-2 ta’ Mejju 2013, adottat id-Deċiżjoni 2013/435/UE dwar l-għajnuna mill-Istat SA.22843 (2012/C) (ex 2012/NN) implimentata minn Franza favur is-Société Nationale Corse Méditerranée u l-Compagnie Méridionale de Navigation (ĠU 2013, L 220, p. 20, iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”).

43 Id-deċiżjoni kkontestata ġiet innotifikata lir-Repubblika Franċiża fit-3 ta’ Mejju 2013 u mibgħuta lil SNCM permezz ta’ posta elettronika tal-Kummissjoni fl-14 ta’ Ġunju 2013.

44 Fid-deċiżjoni kkontestata, sabiex tistabbilixxi jekk il-kumpens mogħti lil SNCM u lil CMN fil-kuntest tal-FDSP jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat u, b’mod partikolari, vantaġġ selettiv, il-Kummissjoni eżaminat jekk il-kriterji kumulattivi stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-24 ta’ Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, EU:C:2003:415), kinux issodisfatti f’dan il-każ (iktar ’il quddiem il-“kriterji Altmark”). B’mod iktar partikolari, hija tipproċedi għall-analiżi tal-ewwel u tar-raba’ kriterji (ara l-punti 87 u 90 iktar ’il quddiem).

45 Fir-rigward tal-ewwel kriterju Altmark, fl-ewwel lok, il-Kummissjoni ddefinixxiet il-"qafas tal-analiżi" li għandu jintuża sabiex dan jiġi evalwat (premessi 132 sa 136 tad-deċiżjoni kkontestata). B'mod partikolari, hija kkunsidrat li, sabiex tkun aċċettabbli fir-rigward tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, il-firxa tas-settur pubbliku għandha tosserva r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92, tas-7 ta' Diċembru 1992, li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol 2, p. 10, iktar 'il quddiem ir-"regolament kabotaġġ marittimu"), kif interpretat mill-ġurisprudenza u, b'mod partikolari, mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Frar 2001, Analir *et* (C-205/99, EU:C:2001:107). Minn dan hija kkonkludiet li "l-kamp ta' applikazzjoni tas-servizz pubbliku kif definit minn kuntratt ta' servizz pubbliku għandu jkun meħtieġ u proporzjonat mal-ħtieġa reali ta' servizz pubbliku, muri min-nuqqas ta' servizzi regolari ta' trasport f'kundizzjonijiet normali tas-suq" (premessa 136 tad-deċiżjoni kkontestata).

46 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni kkunsidrat li s-servizz bażiku u s-servizz komplementari għandhom jiġu kkunsidrati b'mod separat (premessi 137 sa 144 tad-deċiżjoni kkontestata). Hija rrilevat li l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt annessi mal-FDSP kienu jagħmlu distinzjoni ċara bejn dawn iż-żewġ tipi ta' servizzi. Barra minn hekk, hija kkunsidrat li s-servizz komplementari jista' jkun iġġustifikat mill-ħtieġa reali ta' servizz pubbliku ssodisfatta mis-servizz bażiku biss, jekk ikun stabbilit li t-twettiq tiegħu huwa indispensabbli għal dak tas-servizz bażiku "abbażi ta' sett ta' konsiderazzjonijiet tekniċi u ekonomiċi" (premessa 139 tad-deċiżjoni kkontestata). Issa, f'dan il-każ, ma ġiet stabbilita l-ebda komplementarjetà teknika bejn iż-żewġ tipi ta' servizzi, peress li dawn huma suġġetti għal obbligi distinti, b'mod partikolari f'termini ta' ħinijiet u ta' frekwenza, u s-servizz bażiku jingħata permezz ta' vapuri tal-merkanzija mħallta filwaqt li s-servizz komplementari jingħata permezz ta' laneċ. Barra minn hekk, il-kontabbiltà analitika ta' SNCM turi b'mod permanenti, fir-rigward tas-servizz komplementari, defiċit operatorju, b'tali mod li l-argument tal-awtoritajiet Franċiż li l-inklużjoni ta' dan is-servizz fil-firxa tad-DSP hija ġġustifikata minn ekwalizzazzjoni finanzjarja mas-servizz bażiku ma għandux jintlaqa'.

47 Fit-tielet lok, il-Kummissjoni analizzat is-servizz bażiku fir-rigward tal-ewwel kriterju Altmark (premessi 145 sa 150 tad-deċiżjoni kkontestata). F'dan ir-rigward, qabel xejn, hija kkonstatat li l-provvista ta' servizz minimu ta' kontinwità territorjali bejn Marseille u l-ħames portijiet ta' Korsika inkwistjoni tissodisfa ħtieġa ta' servizz pubbliku ddefinit b'mod ċar (premessa 145 tad-deċiżjoni kkontestata). Imbagħad, fir-rigward tan-nuqqas ta' inizjattiva privata, hija rrilevat li l-operaturi l-oħrajn tas-suq jammettu huma stess li ma kinux kapaċi jipprovdu s-servizz bażiku (premessa 146 tad-deċiżjoni kkontestata). Barra minn hekk, hija kkunsidrat li l-ġbir tar-rotot f'servizz wieħed ma huwiex fih innifsu kuntrarju għar-regolament ta' kabotaġġ marittimu. Għall-kuntrarju, f'dan il-każ, il-ġbir tal-ħames linji kien jippermetti li jingħaqdu flimkien il-mezzi nawtiċi b'tali mod li titjieb il-kwalità tas-servizz inkwistjoni u jitnaqqsu l-ispejjeż tiegħu (premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata). Finalment, hija fakkret li l-FDSP u l-annessi tiegħu kienu jistabbilixxu standards ċari ta' kontinwità, ta' regolarità, ta' kapaċità u ta' tariffi li d-delegati għandhom jirrispettaw sabiex jipprovdu s-servizz bażiku (premessa 149 tad-deċiżjoni kkontestata). Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti hija kkonkludiet li l-inklużjoni tas-servizz bażiku fil-firxa tal-FDSP hija meħtieġa u proporzjonata meta mqabbla mal-ħtieġa reali tas-servizz pubbliku (premessa 150 tad-deċiżjoni kkontestata).

48 Fir-raba' lok, il-Kummissjoni analizzat is-servizz komplementari, mogħti biss minn SNCM, bl-użu ta' żewġ laneċ, fir-rigward tal-ewwel kriterju Altmark (premessi 151 sa 167 tad-deċiżjoni kkontestata). Hija kkunsidrat li l-inklużjoni tiegħu fil-firxa tas-servizz pubbliku ma kienx jissodisfa bżonn reali ta' servizz pubbliku u li r-Repubblika Franċiża kienet, għalhekk, wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta kklassifikatu bħala servizz ta' importanza ekonomika ġenerali (iktar 'il quddiem "SIEĠ") (premessa 167 tad-deċiżjoni kkontestata).

49 F'dan ir-rigward, minn naħa, il-Kummissjoni kkunsidrat li s-servizz komplementari, li jitlaq minn Marseille, kien ġeneralment sostitwibbli, f'termini ta' domanda ta' passiġġieri, mis-servizzi ta' trasport ta' passiġġieri mogħtija bi tluq minn Toulon lejn Bastia u Ajaccio meta ngħata l-FDSP (premessi 154

sa 160 tad-deċiżjoni kkontestata). F'dan ir-rigward, hija rrilevat b'mod partikolari li l-evoluzzjoni tat-traffiku fuq ir-rotot bejn Franza kontinentali u Korsika matul il-perijodu 2002-2009 turi l-iżvilupp mgħaġġel ta' offerta kompetittiva ma' dik taż-żewġ delegati. It-tqassim tat-traffiku bejn il-portijiet servuti juri żieda kbira tat-traffiku li jitlaq minn Toulon u tnaqqis konkomitanti tat-traffiku li jitlaq minn Marseille. Minn dan joħroġ li ż-żieda fit-traffiku globali kienet ġeneralment assorbita mill-forniturі tas-servizz li joperaw minn Toulon, għad-detriment tal-offerta tad-delegati li joperaw minn Marseille. Hija semmiet ukoll id-distanza qasira bejn Marseille u Toulon, il-fatt li l-ħin tal-vjaġġ fuq l-art bejn iż-żewġt ibliet kien ħafna inqas mill-ħin tal-vjaġġ fuq il-baħar u l-fatt li l-bastimenti li jitilqu minn Toulon jaslu Korsika f'inqas ħin minn dawk li jitilqu minn Marseille.

50 Minn naħa l-oħra, il-Kummissjoni rrilevat li ma ġiet stabbilita l-ebda evidenza tan-nuqqas ta' inizjattiva privata għas-servizz komplementari mill-awtoritajiet Franċiżi (premessa 161 tad-deċiżjoni kkontestata). Hija kkonstatat b'mod partikolari li, għall-portijiet ta' Bastia u ta' Ajaccio, li jirrappreżentaw 90 % tal-kapaċitajiet meħtieġa mis-servizz komplementari, il-kombinazzjoni tal-kapaċitajiet offruti mis-servizz bażiku tad-DSP, bi tluq minn Marseille, u mis-servizz ta' inizjattiva privata mogħti minn Corsica Ferries bi tluq minn Toulon kienet biżżejjed sabiex tissodisfa d-domanda effettivament ikkonstatata, kemm għall-perijodu ta' bejn ir-rebbiegħa u l-ħarifa, kif ukoll għall-perijodu tas-sajf, għal kull wieħed miż-żewġ portijiet u għal kull sena bejn l-2004 u l-2006 (premessa 162 tad-deċiżjoni kkontestata). B'hekk, hija kkunsidrat li l-integrazzjoni tas-servizz komplementari fil-firxa tad-DSP la kienet meħtieġa u lanqas proporzjonata għas-sodisfazzjon ta' domanda ta' trasport ikkonstatata għar-rotot Marseille-Bastia u Marseille-Ajaccio. Rigward ir-rotta Marseille-Propriano, hija indikat li l-proporzjon żgħir ta' traffiku rrappreżentat minn din ir-rotta ma jippermettix li wieħed jikkunsidra li n-nuqqas ta' inizjattiva privata fuq din ir-rotta biss jinvalida l-konklużjoni tagħha dwar is-servizz komplementari kollu (premessa 164 tad-deċiżjoni kkontestata). Hija rrilevat ukoll li s-servizz ipprovdut minn Corsica Ferries kien jissodisfa l-istandards tal-OSP applikabbli għal kull konnessjoni bejn Franza kontinentali u Korsika, u ma kellu l-ebda differenza kwalitattiva mis-servizz komplementari (premessa 165 tad-deċiżjoni kkontestata).

51 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ewwel kriterju Altmark ma kienx issodisfat f'dak li jirrigwarda l-kumpens mogħti għas-servizz komplementari (premessa 167 tad-deċiżjoni kkontestata).

52 Fir-rigward tar-raba' kriterju Altmark, il-Kummissjoni kkunsidrat li dan ma kien issodisfatt mill-ebda wieħed miż-żewġ tipi ta' servizzi inkwistjoni (premessa 183 tad-deċiżjoni kkontestata).

53 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, il-Kummissjoni kkonkludiet, abbażi ta' dawn l-elementi kollha, li l-kundizzjonijiet tas-sejħa għal offerti ma ppermettewx li jintgħażel il-kandidat li kien jista' jipprovdi s-servizzi inkwistjoni bl-inqas spiża għall-awtorità territorjali (premessi 169 sa 178 tad-deċiżjoni kkontestata).

54 Sabiex waslet għal din il-konklużjoni, il-Kummissjoni essenzjalment ibbażat ruħha fuq dawn il-punti segwenti:

— l-għoti tad-DSP sar wara proċedura nnegozjata wara pubblikazzjoni ta' avviż għal sejħa għal offerti, jiġifieri proċedura li tagħti setgħa diskrezzjonali wiesgħa lill-awtorità kontraenti u tista' tillimita l-parteċipazzjoni ta' operaturi interessati;

— l-unika offerta rivali għal dik taż-żewġ delegati, jiġifieri dik ta' Corsica Ferries, ma ġietx evalwata skont il-merti proprji tagħha (kriterji ta' għoti), iżda abbażi ta' kriterju ta' selezzjoni, jiġifieri l-kapaċità tal-kandidat li jopera mill-1 ta' Lulju 2007;

— il-proċedura għalhekk ma ppermettietx lill-OTC li jqabbel diversi offerti sabiex jagħżel dik l-iktar ekonomikament vantaġġjuża;

— il-fatt li ġew ippreżentati żewġ offerti ma huwiex biżżejjed sabiex ikun hemm kompetizzjoni effettiva, peress li l-offerta rivali ta' Corsica Ferries, li kienet tistabbilixxi d-data tal-bidu tas-servizzi fit-12 ta' Novembru 2007, ma kinitx, minħabba f'hekk, tista' tikkostitwixxi alternattiva kredibbli;

— id-diversi kawżi li saru f'dan il-każ ma humiex prova tal-effettività tal-kompetizzjoni fil-kuntest tal-proċedura tal-għoti tal-FDSP;

— il-grupp SNCM-CMN kellu vantaġġ kompetittiv sinjifikattiv bħala operatur storiku li kellu diġà bastiment adattat għall-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt tal-FDSP;

— il-perijodu qasir wisq tat-terminu mogħti bejn id-data prevista għall-għoti tad-DSP (li finalment seħħ fis-7 ta' Ġunju 2007) u d-data tal-bidu tal-provvista tas-servizzi (1 ta' Lulju 2007) kien tali li jikkostitwixxi ostakolu għad-dħul sinjifikattiv ta' operaturi ġodda;

— flimkien mar-rekwiżiti tekniċi marbuta mal-ispeċifiċità tal-portijiet inkwistjoni, mal-kundizzjoni dwar l-età tal-flotta u mal-kapaċitajiet tal-unitajiet mitluba mill-ispeċifikazzjonijiet tal-FDSP, dan it-tul ta' żmien qasir ħafna seta' naqqas il-parteċipazzjoni fis-sejħa għal offerti;

— l-eżistenza ta' għadd ta' klawżoli każwali, assoċjati mal-libertà mogħtija lill-OTC li jiddeċiedi l-eżenzjonijiet għar-regoli applikabbli, setgħet ukoll għenet biex tiskoraġġixxi l-parteċipazzjoni fis-sejħa għal offerti billi tefgħet dubju dwar ċerti parametri tekniċi u ekonomiċi kruċjali għat-tfassil ta' offerta.

55 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni rrilevat li l-awtoritajiet Franċiżi ma tawha l-ebda informazzjoni li setgħet turi li l-kumpens ġie stabbilit fuq il-mudell ta' impriża medja, immexxija tajjeb u mgħammra adegwatament bil-mezzi meħtieġa (premessi 179 sa 180 tad-deċiżjoni kkontestata). Hija żiedet li l-kumpens ma ġiex iddefinit b'riferiment għal bażi ta' spejjeż stabbiliti *a priori* jew b'paragun mal-istruttura tal-ispejjeż ta' impriżi tat-trasport marittimu paragunabbli oħrajn, iżda fid-dawl ta' tbassir ta' dħul u ta' spejjeż ta' fjuwil li huma biss parti mill-introjtu u mill-ispejjeż tas-servizz (premessa 180 tad-deċiżjoni kkontestata). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-kumpens previst fid-DSP kien ogħla b'mod sinjifikattiv minn dak previst għall-perijodu 2002-2006, għal obbligi simili, jew saħansitra xi ftit inqas f'termini ta' kapaċità offruta (premessa 181 tad-deċiżjoni kkontestata). Finalment, hija kkunsidrat li tqabbil mal-ispejjeż sostnuti minn impriża mmexxija tajjeb kien iktar u iktar meħtieġ peress li ċerti elementi kienu jindikaw li SNCM, li kienet għadha kemm ħarġet minn perijodu ta' ristrutturar intensiv, ma kinitx tissodisfa tali rekwiżiti (premessa 182 tad-deċiżjoni kkontestata).

56 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm vantaġġ ekonomiku selettiv mogħti lid-delegati (premessa 184 tad-deċiżjoni kkontestata).

57 Wara li kkonstatat li l-kumpens inkwistjoni kellu r-riskju li joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u li din kienet illegali għaliex ingħatat mingħajr notifika minn qabel (premessi 185 sa 187 u l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata).

58 Fil-premessi 188 sa 212 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni eżaminat il-kompatibbiltà ta' din l-għajnuna mill-Istat mas-suq intern.

59 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, il-Kummissjoni rrilevat li, skont il-punt 11 tal-Komunikazzjoni tagħha dwar il-qafas tal-Unjoni Ewropea applikabbli għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku (2011) (ĠU 2012, C 8, p. 15, iktar 'il quddiem il-"qafas SIEĠ"), l-għajnuna mill-Istat li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni tagħha 2012/21/UE, tal-20 ta' Diċembru 2011, dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi

inkarigati bil-ġestjoni ta' [SIEĠ] (ĠU L 7, p. 3), tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mal-Artikolu 106(2) TFUE jekk tkun meħtieġa għall-funzjonament tas-SIEĠ ikkonċernati u ma taffettwax l-iżvilupp tal-kummerċ sal-punt li jkun kuntrarju għall-interess tal-Unjoni. Bilanċ bħal dan huwa possibbli biss meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimiet 2.2 sa 2.10 tal-qafas SIEĠ jiġu ssodisfatti (premessa 190 tad-deċiżjoni kkontestata).

60 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni fakkret li s-servizz bażiku kien jikkostitwixxi SIEĠ, iżda dan ma kienx il-każ għas-servizz komplementari, b'tali mod li l-kumpens mogħti għal dan l-aħħar servizz ma jistax jiġi ddikjarat bħala kompatibbli mal-Artikolu 106(2) TFUE (premessi 192 u 193 tad-deċiżjoni kkontestata).

61 Fit-tielet lok, il-Kummissjoni kkunsidrat li, fir-rigward tas-servizz bażiku, il-kundizzjonijiet l-oħra previsti mill-qafas SIEĠ kienu ssodisfatti (premessi 194 sa 212 tad-deċiżjoni kkontestata).

62 Mill-punti preċedenti l-Kummissjoni kkonkludiet li l-kumpens mogħti lil SNCM u lil CMN għas-servizz bażiku kien għajnuna mill-Istat illegali iżda kompatibbli mas-suq intern (premessa 213, Artikolu 1 u Artikolu 2(2) tad-deċiżjoni kkontestata), filwaqt li dak mogħti biss lil SNCM minħabba s-servizz komplementari kien għajnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli mas-suq intern (premessa 214, Artikolu 1 u Artikolu 2(1) tad-deċiżjoni kkontestata).

63 Konsegwentement, il-Kummissjoni ordnat il-waqfien immedjat tal-ħlas tal-kumpens relatat mas-servizz komplementari u l-irkupru, mingħand il-benefiċjarju, tal-għajnuna diġà mħallsa għal dan il-għan, bil-ħlas tal-interessi, li jibdew jiddekorru mid-data li fiha l-kumpens tħallas lill-benefiċjarju sa meta jiġi rkuprat b'mod effettiv (premessi 215 sa 218 u 220 u l-Artikolu 3 tad-deċiżjoni kkontestata). Il-Kummissjoni spjegat li dan l-irkupru kellu jseħħ b'mod immedjat u effettiv u li l-awtoritajiet Franċiżi għandhom jiżguraw li d-deċiżjoni kkontestata tiġi implementata fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika tagħha (premessa 219 u l-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata), jiġifieri sat-3 ta' Settembru 2013. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi kienu obbligati jibagħtu lill-Kummissjoni, fi żmien xahrejn min-notifika tad-deċiżjoni kkontestata, b'mod partikolari, l-ammont totali (kapital u imgħax) li għandu jiġi rkuprat mingħand il-benefiċjarju, deskrizzjoni ddettaljata tal-miżuri diġà meħuda u dawk ippjanati sabiex jikkonformaw ruħhom mad-deċiżjoni kkontestata kif ukoll id-dokumenti li juru li l-benefiċjarju ġie ordnat jirrimborsa l-għajnuna (Artikolu 5 tad-deċiżjoni kkontestata).

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

64 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-26 ta' Awwissu 2013, SNCM ippreżentat dan ir-rikors.

65 Id-deċiżjoni kkontestata kienet ukoll is-suġġett ta' rikors għal annullament ippreżentat mir-Repubblika Franċiża, fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-12 ta' Lulju 2013 bir-referenza T-366/13.

66 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-11 ta' Diċembru 2013, Corsica Ferries talbet sabiex tintervjeni f'din il-kawża insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni.

67 Permezz ta' atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-9 ta' Jannar u fl-10 ta' Frar 2014, SNCM talbet it-trattament kunfidenzjali, fir-rigward ta' Corsica Ferries, jekk din tal-aħħar tiġi aċċettata sabiex tintervjeni, ta' ċerti elementi li jinsabu, fir-rikors u fir-replika, rispettivament. Ma' dawn it-talbiet hija annettiet verżjoni mhux kunfidenzjali ta' dawn id-dokumenti.

68 Permezz ta' digriet tal-21 ta' Frar 2014, il-President tas-Sitt Awla tal-Qorti Ġenerali aċċetta l-intervent ta' Corsica Ferries. Id-deċiżjoni dwar il-fondatezza tat-talbiet ta' trattament kunfidenzjali baqgħet rriżervata.

69 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-6 ta' Marzu 2014, Corsica Ferries ippreżentat oġġezzjonijiet kontra t-talbiet ta' trattament kunfidenzjali f'dak li jirrigwarda l-maġġoranza tal-elementi msemmija minnhom.

70 Permezz ta' digriet tat-3 ta' Ottubru 2014, SNCM vs Il-Kummissjoni (T-454/13, EU:T:2014:898), il-President tas-Sitt Awla tal-Qorti Ġenerali laqa' parzjalment it-talbiet ta' trattament kunfidenzjali.

71 Corsica Ferries ippreżentat in-nota ta' intervent tagħha fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-9 ta' Jannar 2015. SNCM ippreżentat osservazzjonijiet dawn din in-nota permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-9 ta' Marzu 2015. Permezz ta' ittra tal-istess jum, il-Kummissjoni indikat li hija ma kellhiex osservazzjonijiet sabiex tippreżenta fuq din in-nota.

72 Fuq proposta tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (is-Sitt Awla) iddeċidiet li tiftaħ il-fażi orali tal-proċedura.

73 Fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura prevista fl-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti Ġenerali talbet lill-Kummissjoni sabiex twieġeb bil-miktub għal xi mistoqsijiet, u dan għamlitu fit-terminu preskritt.

74 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-6 ta' Ġunju 2016, SNCM talbet it-trattament kunfidenzjali, fir-rigward ta' Corsica Ferries, ta' xi partijiet mit-tweġiba tal-Kummissjoni għal dawn il-mistoqsijiet. Corsica Ferries irċeviet biss verżjoni mhux kunfidenzjali ta' din it-tweġiba u ma ressqet l-ebda oġġezzjoni kontra t-talba ta' trattament kunfidenzjali li sar fil-konfront tagħha.

75 Is-sottomissjonijiet orali u t-tweġibiet tal-partijiet għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali nstemgħu matul is-seduta tal-14 ta' Ġunju 2016.

76 SNCM titlob sabiex il-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— prinċiparjament, tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— sussidjarjament, tannulla parzjalment id-deċiżjoni kkontestata sa fejn tipprevedi li l-ammont tal-għajnuna jinkludi elementi ċċitati fil-premessa 218 tagħha;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

77 Il-Kummissjoni titlob sabiex il-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors bħala infondat;

— tikkundanna lil SNCM għall-ispejjeż.

78 Corsica Ferries titlob sabiex il-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors prinċipali;

— tikkundanna lil SNCM għall-ispejjeż.

Id-dritt

79 Insostenn tar-rikors, SNCM tinvoka serje ta' argumenti li jistgħu jiġu miġbura f'ħames motivi, li huma:

— l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kkunsidrat b'mod żbaljat li s-servizz komplementari ma kienx jikkostitwixxi SIEĠ;

— it-tieni motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kkunsidrat b'mod żbaljat li l-FDSP ma kienx jissodisfa r-raba' kriterju tal-kriterji Altmark;

— it-tielet motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kkalkolat b'mod żbaljat l-ammont tal-għajnuna li kellha tiġi rkuprata;

— ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi;

— il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

Osservazzjonijiet preliminari

80 Preliminarjament, għandhom jiġu spjegati ċerti prinċipji ġurisprudenzjali, relatati b'mod partikolari mal-klassifikazzjoni tal-għajnuna mill-Istat ta' kumpens ta' servizz pubbliku, li fid-dawl tagħhom dan ir-rikors għandu jiġi eżaminat.

81 Skont l-Artikolu 107(1) TFUE, ħlief għad-derogi previsti fit-Trattati, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, sa fejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern.

82 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, titlob li l-kundizzjonijiet kollha msemmija minn din id-dispożizzjoni jiġu ssodisfatti. B'dan il-mod, l-ewwel nett, għandu jkun hemm intervent mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, it-tieni nett, dan l-intervent għandu jkun ta' natura li jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, it-tielet nett, l-intervent għandu jagħti vantaġġ lill-benefiċjarju tiegħu u, ir-raba' nett, dan għandu jwassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni (ara s-sentenza tat-8 ta' Mejju 2013, Libert *et*, C-197/11 u C-203/11, EU:C:2013:288, punt 74 u l-ġurisprudenza ċċitata).

83 L-ewwel żewġ motivi ta' dan ir-rikors jikkonċernaw b'mod iktar partikolari t-tielet waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, jiġifieri dik li l-miżura inkwistjoni għandha tiġi evalwata bħala l-għoti ta' vantaġġ lill-benefiċjarju tagħha.

84 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li huma kkunsidrati bħala għajnuna mill-Istat l-interventi li, taħt kwalunkwe forma, jistgħu jiffavorixxu direttament jew indirettament lil impriżi jew li għandhom jiġu kkunsidrati bħala vantaġġ ekonomiku li l-impriża benefiċjarja ma kinitx tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq (ara s-sentenza tat-2 ta' Settembru 2010, Il-Kummissjoni vs Deutsche Post, C-399/08 P, EU:C:2010:481, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

85 Madankollu, intervent mill-Istat ikkunsidrat bħala kumpens għas-servizzi pprovduti mill-impriżi benefiċjarji sabiex iwettqu OSP, b'mod illi dawn l-impriżi, fir-realtà ma jieħdux vantaġġ finanzjarju u li l-imsemmi intervent m'għandux għalhekk l-effett li jpoġġi tali impriżi f'pożizzjoni kompetittiva iktar favorevoli minn dik ta' impriżi kompetituri tagħhom, ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni

tal-Artikolu 107(1) TFUE (sentenzi tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg, C-280/00, EU:C:2003:415, punt 87, u tat-8 ta' Mejju 2013, Libert *et*, C-197/11 u C-203/11, EU:C:2013:288, punt 84).

86 Madankollu, sabiex, f'każ konkret, tali kumpens jista' ma jiġix ikklassifikat bħala għajnuna mill-Istat, għandhom jiġu ssodisfatti erba' kriterji b'mod kumulattiv (sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg, C-280/00, EU:C:2003:415, punti 87 u 88).

87 L-ewwel nett, l-impriża benefiċjarja għandha tkun effettivament inkarigata sabiex twettaq OSP u dawn l-obbligi għandhom ikunu ddefiniti b'mod ċar (sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg, C-280/00, EU:C:2003:415, punt 89). Il-kunċett ta' OSP fis-sens ta' dan l-ewwel kriterju jikkorrispondi għal dak ta' SIEĠ imsemmi fl-Artikolu 106(2) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Frar 2008, BUPA *et* vs Il-Kummissjoni, T-289/03, EU:T:2008:29, punt 162).

88 It-tieni nett, il-parametri li fuqhom huwa kkalkolat il-kumpens għandhom ikunu stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti (sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg, C-280/00, EU:C:2003:415, punt 90).

89 It-tielet nett, il-kumpens ma jistax ikun iktar minn dak li hu neċessarju sabiex ikunu koperti l-ispejjeż kollha jew parti minnhom, li jirriżultaw mit-twettiq ta' OSP, filwaqt li jiġi kkunsidrat id-dħul rilevanti kollu kif ukoll il-profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawn l-obbligi (sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg, C-280/00, EU:C:2003:415, punt 92).

90 Ir-raba' nett, meta, f'każ speċifiku, l-impriża li għandha twettaq l-obbligi ta' servizz pubbliku ma hijiex magħżula permezz ta' proċedura ta' kuntratt pubbliku li tippermetti li jintgħażel il-kandidat kapaċi li jipprovdi s-servizzi inkwistjoni bl-inqas spiża għall-awtorità territorjali, il-livell tal-kumpens neċessarju għandu jkun stabbilit abbażi ta' analiżi tal-ispejjeż, li impriża medja, immexxija tajjeb u adegwatament mogħnija b'mezzi ta' trasport sabiex tkun tista' tissodisfa l-ħtiġijiet ta' servizz pubbliku, kienet tagħmel sabiex twettaq dawn l-obbligi, filwaqt li jiġi kkunsidrat id-dħul rilevanti kollu kif ukoll il-profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawn l-obbligi (sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg, C-280/00, EU:C:2003:415, punt 93).

91 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-ewwel kriterju Altmark ma ġiex issodisfatt mis-servizz komplementari u li r-raba' wieħed ma ġiex issodisfatt miż-żewġ tipi ta' servizzi inkwistjoni.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kkunsidrat b'mod żbaljat li s-servizz komplementari ma kienx jikkostitwixxi SIEĠ

92 Permezz tal-ewwel motiv tagħha, li jinqasam f'erba' partijiet, SNCM issostni li l-Kummissjoni kkunsidrat b'mod żbaljat li s-servizz komplementari ma kienx jikkostitwixxi SIEĠ.

93 Preliminarjament, hemm lok li jiġi ppreċiżat li, skont ġurisprudenza stabbilita, fir-rigward, minn naħa, tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandu Stat Membru fir-rigward ta' definizzjoni ta' funzjoni ta' SIEĠ u tal-kundizzjonijiet għall-implementazzjoni tagħha u, min-naħa l-oħra, tal-portata tal-istħarriġ limitat għall-iżball manifest li l-Kummissjoni hija awtorizzata li teżerċita b'dan il-mod (ara l-punt 111 iktar 'il quddiem), l-istħarriġ li għandu jsir mill-Qorti Ġenerali dwar l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward lanqas ma għandu jaqbeż l-istess limitu u li, għalhekk, dan il-kontroll għandu jiġi limitat sabiex jiġi eżaminat jekk il-Kummissjoni kkonstatatx jew ċaħditx b'mod korrett l-eżistenza ta' żball manifest tal-Istat Membru (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Settembru 2013, Iliad *et* vs Il-Kummissjoni, T-325/10, mhux ippubblikata, EU:T:2013:472, punt 121 u l-ġurisprudenza ċċitata).

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi billi eżerċitat stħarriġ iddettaljat tal-ħtieġa tas-servizz fir-rigward tal-ħtieġa reali ta' servizz pubbliku

94 Fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel motiv, SNCM tikkontesta l-fondatezza tat-test użat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata sabiex tivverifika l-osservanza tal-ewwel kriterju Altmark (ara l-punt 45 hawn fuq). Hija ssostni li din tal-aħħar ikkommettiet żball ta' liġi meta eżerċitat, f'dan il-każ, stħarriġ iddettaljat tal-klassifikazzjoni ta' SIEĠ u tal-ħtieġa tas-servizz komplementari fir-rigward ta' ħtieġa reali ta' servizz pubbliku.

95 Din l-ewwel parti tista' tiġi diviża f'erba' subpartijiet. Hemm lok, qabel xejn, li tiġi eżaminata l-ewwel subparti, imbagħad it-tieni u r-raba' u, fl-aħħar nett, it-tielet waħda.

– Fuq l-ewwel subparti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni interpretat b'mod żbaljat il-prassi deċiżjonali preċedenti tagħha kif ukoll il-ġurisprudenza

96 SNCM tikkonferma li l-FDSP, li kellu bħala għan ewlieni li jimplementa l-prinċipju ta' kontinwità territorjali, sabiex jissodisfa kollu kemm hu ħtieġa ċara ta' servizz pubbliku. Billi kkunsidrat il-kuntrarju fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni telqet mill-prassi deċiżjonali preċedenti tagħha relatata mad-DSP preċedenti għas-servizz marittimu ta' Korsika, mis-sentenzi tad-19 ta' Mejju 1993, Corbeau (C-320/91, EU:C:1993:198), u tal-11 ta' Settembru 2012, Corsica Ferries France vs Il-Kummissjoni (T-565/08, EU:T:2012:415). Fir-replika, SNCM iżżid li l-Kummissjoni, dwar l-istess suġġett, ma tistax tadotta pożizzjoni dijametrikament opposta għal dik użata sa issa, mingħajr motivazzjoni immotivata tajjeb.

97 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti mressqa minn SNCM.

98 Qabel xejn, għandu jiġi kkonstatat li l-allegazzjoni ta' SNCM li l-Kummissjoni aġixxiet b'mod "manifestament kontradittorju" inkwantu kienet diġà kkunsidrat f'deċiżjonijiet mogħtija qabel relatati ma' DSP preċedenti li t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' kapaċitajiet addizzjonali ta' trasport ta' passiġġieri matul il-perijodi l-iktar iffrekwentati kien jissodisfa l-ħtieġa ta' servizz pubbliku ma għadux jintlaqa'. Fil-fatt, hija ġurisprudenza stabbilita li l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat huwa kunċett oġġettiv li jintuża sempliċement sabiex tiġi deċiża l-kwistjoni dwar jekk miżura tal-Istat tagħtix vantaġġ jew le lil xi impriża jew lil diversi impriżi. Il-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni fuq dan is-suġġett ma tistax għaldaqstant tirriżulta deċiżiva (ara s-sentenza tal-4 ta' Marzu 2009, Associazione italiana del risparmio gestito u Fineco Asset Management vs Il-Kummissjoni, T-445/05, EU:T:2009:50, punt 145 u l-ġurisprudenza ċċitata). L-istess japplika fir-rigward tal-kwistjoni tal-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta' għajnuna mas-suq intern (sentenzi tal-20 ta' Mejju 2010, Todaro Nunziatina & C., C-138/09, EU:C:2010:291, punt 21, u tal-15 ta' Ġunju 2005, Regione autonoma della Sardegna vs Il-Kummissjoni, T-171/02, EU:T:2005:219, punt 177).

99 Fi kwalunkwe każ, is-sempliċi fatt li d-deċiżjoni kkontestata hija differenti mid-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni dwar dan is-suġġett ma jippermettix li jiġi kkunsidrat li hija inkoerenti ma' dawn tal-aħħar. Fil-fatt, kif korrettament tirrileva l-Kummissjoni, l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' ħtieġa reali ta' servizz pubbliku xorta tista' sseħħ matul iż-żmien, skont l-iżvilupp tal-forzi tas-suq. Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li, diġà fid-Deċiżjoni 2002/149/KE, tat-30 ta' Ottubru 2001, dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija minn Franza lil SNCM (ĠU 2002, L 50, p. 66), invokata diversi drabi minn SNCM fid-dokumenti tagħha, il-Kummissjoni kienet enfasizzat li "f'dak li jirrigwarda s-servizzi li jitilqu mill-portijiet Franċiżi tal-kontinent, is-sitwazzjoni tas-suq kienet evolviet b'mod sinjifikattiv matul l-aħħar snin, sal-punt li ġiet ikkonstatata l-ħtieġa tal-eżistenza tal-OSP għal-linji kollha matul is-sena kollha" (premessa 78) u li "l-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa reali tas-servizz pubbliku li tirriżulta mis-sistema ta' servizzi mill-Ftehim-Qafas bejn l-Istat u SNCM fl-1976 u, fil-kuntest ta' dan

il-ftehim, permezz ta' ftehim kull ħames snin konkluż bejn l-OTC u SNCM fl-1991 u 1996 ma tistax tiġi estrapolata lil hinn mid-data limitu tal-31 ta' Diċembru 2001, data li fiha jiskadi l-Ftehim-Qafas" (premessa 80).

100 Imbagħad, għall-istess raġunijiet bħal dawk imsemmija fil-punt 99 hawn fuq, hemm lok li jiġi kkunsidrat li SNCM ma setgħetx tinvoka b'mod utli s-sentenza tal-11 ta' Settembru 2012, Corsica Ferries France vs Il-Kummissjoni (T-565/08, EU:T:2012:415), insostenn tal-allegazzjoni tagħha. Iż-żewġ partijiet ta' din is-sentenza ċċitata minn SNCM kienu jirrigwardaw, fil-fatt, id-DSP relatat mal-perijodu 1996-2001.

101 Barra minn hekk, SNCM lanqas setgħet tinvoka s-sentenza tad-19 ta' Mejju 1993, Corbeau (C-320/91, EU:C:1993:198), u, minnha, ir-rekwiżit li tiġi evitata prassi ta' "xkumar", jiġifieri l-fatt li l-operaturi kompetituri tad-delegat tas-servizz pubbliku li jikkonċentraw fuq l-attivitajiet ta' profitt tad-DSP u li jħallu lil dan tal-aħħar l-attivitajiet li ma jħallux profitt, li ma kinux jippermettulha għalhekk li tagħti kumpens bejn it-telf li jseħħ fis-setturi li ma jħallux profitt u l-benefiċċji li jirriżultaw fis-setturi li jħallsu iktar profitt. Fil-fatt, kif ser jiġi spjegat fid-dettall fil-punt 155 iktar 'il quddiem, id-dokumenti tal-proċess juru li kemm is-servizz bażiku kif ukoll is-servizz komplementari kienu jirrappreżentaw defiċit operatorju sinjifikattiv, li kien jeskludi kull possibbiltà ta' ekwalizzazzjoni finanzjarja bejniethom (ara, b'mod partikolari, il-premessi 47 u 143 tad-deċiżjoni kkontestata).

102 Finalment, għandu jiġi miċħud bħala infondat l-ilment li l-Kummissjoni interpretat b'mod żbaljat l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha. Minbarra l-fatt li din tal-aħħar ma tistax tiġi kkritikata li adottat, f'dan il-każ, approċċ "dijametrikalment oppost" għal dak adottat fid-deċiżjonijiet preċedenti tagħha dwar dan is-suġġett (ara l-punt 99 hawn fuq), għandu jiġi kkonstatat li, fid-deċiżjoni kkontestata, hija tindika b'mod ċar u preċiż ir-raġunijiet li għalihom hija tikkunsidra li l-eżistenza ta' ħtieġa reali ta' servizz pubbliku ma ġietx stabbilita fir-rigward tas-servizz komplementari. B'hekk, wara li ddefinit il-"kuntest ta' analiżi" li hija kienet ser tuża sabiex tevalwa jekk l-ewwel kriterju Altmark kienx issodisfat f'dan il-każ (premessi 132 sa 136 tad-deċiżjoni kkontestata), il-Kummissjoni spjegat, b'mod partikolari billi ċaħdet l-argumenti mressqa mir-Repubblika Franċiża, minn SNCM u minn CMN, ir-raġunijiet li għalihom hija kienet ikkunsidrat li s-servizz bażiku u s-servizz komplementari kienu jikkostitwixxu żewġ tipi ta' servizzi distinti u kellhom jiġu eżaminati b'mod separat (premessi 137 sa 144 tad-deċiżjoni kkontestata), qabel ma jiġi evalwat it-tieni wieħed minn dawn is-servizzi fir-rigward ta' dan il-kriterju (premessi 151 sa 167 tad-deċiżjoni kkontestata). Fir-rigward ta' dan l-aħħar punt, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-inklużjoni tas-servizz komplementari fil-firxa tas-servizz pubbliku ma kinitx tissodisfa ħtieġa reali ta' servizz pubbliku wara li kkonstatat, essenzjalment, abbażi ta' sensiela ta' punti, minn naħa, li dan is-servizz, li jitlaq minn Marseille, kien ġeneralment sostitwibbli, f'termini ta' domanda ta' passiġġieri, għas-servizzi ta' trasport ta' passiġġieri mogħtija bi tluq minn Toulon lejn Bastia u Ajaccio meta ngħata l-FDSP (premessi 154 sa 160 tad-deċiżjoni kkontestata) u, min-naħa l-oħra, li ma nġabet l-ebda prova ta' nuqqas ta' inizjattiva privata li tirrigwarda l-imsemmi servizz komplementari (premessi 161 sa 166 tad-deċiżjoni kkontestata).

103 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ewwel subparti għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

– Fuq it-tieni u r-raba' subpartijiet, ibbażati fuq il-fatt li l-Kummissjoni interpretat b'mod żbaljat is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tal-Istati Membri kif ukoll il-portata tas-sentenza tal-20 ta' Frar 2001, Analir *et* (C-205/99, EU:C:2001:107), u tar-regolament kabotaġġ marittimu

104 Fl-ewwel lok, SNCM targumenta li l-Kummissjoni, f'dan il-każ, marret lil hinn mill-marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa li għandhom l-Istati Membri fid-definizzjoni tas-SIEĠ. Fil-fatt, minflok illimitat ruħha għas-sempliċi stħarriġ tal-iżball manifest ta' evalwazzjoni, hija wettqet stħarriġ partikolarment iddettaljat tad-definizzjoni tas-SIEĠ inkwistjoni u tal-ħtieġa tas-servizz. Barra minn hekk, SNCM tikkunsidra li l-Kummissjoni ma għandhiex tislet l-argument mis-sentenza tas-16 ta' Settembru 2013, Colt Télécommunications France vs Il-Kummissjoni (T-79/10, mhux ippubblikata, EU:T:2013:463),

peress li, fil-kawża li tat lok għal dik is-sentenza, kienu jeżistu linji gwida li espressament kienu jipprevedu l-ħtieġa li jiġi pprovat nuqqas tas-suq, f'dan il-każ il-Linji gwida Komunitarji għall-applikazzjoni ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'rabta mat-twessigħ rapidu tan-netwerks tal-faxxa wiesa' (ĠU 2009, C 235, p. 7).

105 Fit-tieni lok, SNCM tallega li l-Kummissjoni interpretat b'mod żbaljat il-portata tas-sentenza tal-20 ta' Frar 2001, Analir *et* (C-205/99, EU:C:2001:107) u tar-regolament kabotaġġ marittimu. Hija tiddikjara li la din is-sentenza u lanqas dan ir-regolament ma jikkonċernaw l-istħarriġ tal-għajnuna mill-Istat u li huma jikkonfermaw, fir-realtà, il-validità tal-FDSP. Hija żżid li l-imsemmija sentenza u l-imsemmi regolament jirrigwardaw l-obbligi li jistgħu jiġu imposti bis-servizzi pubbliċi u li jistgħu jiġġustifikaw skema ta' awtorizzazzjoni minn qabel jew kuntratt ta' servizz pubbliku, u mhux fuq il-kamp tas-servizzi li jistgħu jkunu s-suġġett ta' kumpens fis-sens tal-ġurisprudenza Altmark jew fuq l-ammont ta' dan il-kumpens. Hija tenfasizza b'mod partikolari li, kuntrarjament għas-sitwazzjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-20 ta' Frar 2001, Analir *et* (C-205/99, EU:C:2001:107), il-provvista ta' servizzi ta' trasport marittimu bejn Franza kontinentali u Korsika ma hijiex suġġetta għall-kisba ta' awtorizzazzjoni minn qabel. Barra minn hekk, hija tikkontesta li l-kamp tas-servizz pubbliku, kif iddefinit minn kuntratt ta' servizz pubbliku, għandu jkun neċessarju u proporzjonat meta mqabbel mal-ħtieġa reali ta' servizz pubbliku, muri mill-insuffiċjenza tas-servizzi regolari ta' trasport f'kundizzjonijiet normali tas-suq. Finalment, hija tikkontesta l-konstatazzjoni tal-Kummissjoni, li tinsab fil-premessa 135 tad-deċiżjoni kkontestata, li "[l]-kumpens ta' obbligi speċifiċi fil-qafas ta' kuntratt ta' servizz pubbliku, bl-għoti ta' sussidju lil offerta ta' servizzi, jikkostitwixxi b'mod ċar restrizzjoni għall-moviment liberu tas-servizzi". F'dan il-każ, il-kumpens tas-servizz pubbliku ma kellux l-għan u lanqas l-effett li jtellef il-moviment liberu tas-servizzi u l-ebda sentenza ċċitata mill-Kummissjoni fin-nota ta' qiegħ il-paġna 63 tad-deċiżjoni kkontestata ma kienet tistabbilixxi l-kuntrarju.

106 Matul is-seduta, bi tweġiba għall-mistoqsija tal-Qorti Ġenerali sabiex tippreċiża x'kienu, fl-opinjoni tagħha, il-kriterji li abbażi tagħhom il-mertu tas-SIEĠ u tal-firxa tiegħu kellhom jiġu stabbiliti, SNCM iddikjarat li kien biżżejjed għall-Istat Membru li "jidentifika interess ġenerali fis-sens wiesa' ferm li seta' jaffettwa dak li jaqa' b'mod ġenerali taħt l-interess pubbliku". Hija żiedet li fl-opinjoni tagħha l-kriterji ta' ħtieġa u ta' proporzjonalità, tal-inqas dawk li jirriżultaw mir-regolament kabotaġġ marittimu u mis-sentenza tal-20 ta' Frar 2001, Analir *et* (C-205/99, EU:C:2001:107), ma kellhomx jiġu kkunsidrati fil-qafas ta' dan l-eżerċizzju għaliex kienu jirriżultaw minn kunċetti marbuta mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

107 Il-Kummissjoni, sostnuta minn Corsica Ferries, tiċħad l-argumenti ta' SNCM.

108 Fl-ewwel lok, b'riferiment għall-punt 154 tas-sentenza tas-16 ta' Settembru 2013, Colt Télécommunications France vs Il-Kummissjoni (T-79/10, mhux ippubblikata, EU:T:2013:463), il-Kummissjoni u Corsica Ferries jiddikjaraw li, ikun xi jkun is-settur ikkonċernat, l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' nuqqas tas-suq għandha tkun preliminari għall-klassifikazzjoni ta' attività ta' SIEĠ u, għalhekk, li l-kundizzjoni dwar l-insuffiċjenza jew dwar in-nuqqas ta' inizjattiva privata hija inerenti għall-ewwel kriterju Altmark u teħtieġ eżami ddettaljat.

109 Barra minn hekk, il-Kummissjoni u Corsica Ferries isostnu li s-setgħa diskrezzjonali rrikonoxxuta mill-Istati Membri fid-definizzjoni tas-SIEĠ hija limitata bir-regolament kabotaġġ marittimu, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, fis-sentenza tal-20 ta' Frar 2001, Analir *et* (C-205/99, EU:C:2001:107). Dan jimplika li s-servizz inkwistjoni għandu jissodisfa ħtieġa reali ta' servizz pubbliku, minħabba l-insuffiċjenza tas-servizzi regolari tat-trasport f'sitwazzjoni ta' kompetizzjoni ħielsa, peress li l-portata tas-SIEĠ għandha tkun neċessarja u proporzjonata ma' dan il-bżonn. Matul is-seduta, il-Kummissjoni spjegat li l-prova tal-eżistenza ta' ħtieġa reali ta' servizz pubbliku tikkostitwixxi rekwiżit iktar diffiċli mill-prova tal-eżistenza ta' nuqqas tas-suq, kif imsemmi fis-sentenza tas-16 ta' Settembru 2013, Colt Télécommunications France vs Il-Kummissjoni (T-79/10, mhux ippubblikata, EU:T:2013:463).

110 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni u Corsica Ferries jikkunsidraw li huwa żbaljat li SNCM tikkontesta l-eżistenza ta' rabta bejn regolament kabotaġġ marittimu u l-istħarriġ tal-għajnuna mill-Istat. Huwa wkoll manifestament skorrett li jiġi allegat li dan ir-regolament jikkonċerna biss is-sitwazzjonijiet li fihom il-provvista ta' servizzi hija suġġetta għal awtorizzazzjoni preliminari. Fir-rigward tas-sentenza tal-20 ta' Frar 2001, Analir *et* (C-205/99, EU:C:2001:107), din ma hijiex biss kwistjoni dwar jekk huwiex possibbli li tissuġġetta attività ta' trasport marittimu għal awtorizzazzjoni preliminari, iżda tinkludi raġunament ċar ħafna dwar il-mod li bih għandhom jiġu interpretati d-dispożizzjonijiet tar-regolament kabotaġġ marittimu, filwaqt li jiġi kkunsidrat l-għan tiegħu, li jiżgura l-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi ta' kabotaġġ marittimu u li ma jistgħux jiġu aċċettati it-theddid għal din il-libertà ħlief jekk ikunu ġġustifikati minn ħtieġa reali ta' servizz pubbliku u meħtieġa u proporzjonali għas-sodisfazzjon ta' dan tal-aħħar. Barra minn hekk, huwa evidenti li l-fatt li tiġi ssussidjata offerta ta' servizzi billi jiġi konkluż ma' operatur partikolari kuntratt ta' servizz pubbliku msemmi minn dan ir-regolament jista' jwassal għal ostakolu għal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi.

111 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-Istati Membri għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tad-definizzjoni ta' x'jikkunsidraw bħala SIEĠ u li, konsegwentement, id-definizzjoni ta' dawn is-servizzi minn Stat Membru ma tistax tiġi kkontestata mill-Kummissjoni ħlief f'każ ta' żball manifest (ara s-sentenzi tal-15 ta' Ġunju 2005, Olsen vs Il-Kummissjoni, T-17/02, EU:T:2005:218, punt 216 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-22 ta' Ottubru 2008, TV2/Danmark *et* vs Il-Kummissjoni, T-309/04, T-317/04, T-329/04 u T-336/04, EU:T:2008:457, punt 101 u l-ġurisprudenza ċċitata).

112 Għaldaqstant, is-setgħa ta' definizzjoni tas-SIEĠ mill-Istat Membru ma hijiex mingħajr limiti u ma tistax tiġi eżerċitata b'mod arbitrarju sempliċement sabiex settur partikolari jaħrab mill-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni (sentenza tat-12 ta' Frar 2008, BUPA *et* vs Il-Kummissjoni, T-289/03, EU:T:2008:29, punt 168).

113 B'mod partikolari, meta jeżistu regoli speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni li jinkludu d-definizzjoni tal-kontenut u tal-portata tas-SIEĠ, dawn jorbtu l-evalwazzjoni tal-Istati Membri, skont il-punt 46 tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-fornitura ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU 2012, C 8, p. 4, iktar 'il quddiem il-"Komunikazzjoni SIEĠ"). Kif korrettament tirrileva l-Kummissjoni, dawn ir-regoli huma ġeneralment intiżi għal armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet sabiex ineħħu l-ostakoli għall-moviment liberu tal-persuni u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, u l-fatt li jiġu adottati abbażi ta' dispożizzjonijiet tat-trattat oħra u mhux dawk li jirrigwardaw l-istħarriġ tal-għajnuna mill-Istat u li għandhom bħala għan ewlieni t-twettiq tas-suq intern bl-ebda mod ma jillimita r-rilevanza tagħhom fir-rigward tal-ewwel kriterju Altmark.

114 Issa, f'dan il-każ, kif isostnu ġustament il-Kummissjoni u Corsica Ferries, tali regoli kienu jeżistu, f'dan il-każ id-dispożizzjonijiet tar-regolament kabotaġġ marittimu. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament jistabbilixxi l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' kabotaġġ marittimu fl-Unjoni. Fl-istess sens, it-tielet premessa tiegħu tispjega li huwa intiż sabiex jabolixxi r-restrizzjonijiet ta' din il-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

115 Fl-Artikolu 4 tiegħu, ir-regolament kabotaġġ marittimu jipprevedi eċċezzjonijiet possibbli għal dan il-prinċipju ewlieni, jiġifieri l-fakultà għall-Istati Membri li jikkonkludu kuntratti ta' servizz pubbliku ma' kumpanniji ta' ġarr marittimu li jipparteċipaw f'servizzi regolari lejn, minn u bejn gżejjer jew li jimponu fuqhom OSP bħala kundizzjoni għall-għoti ta' servizzi ta' kabotaġġ. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, kif fuq kollox tirrikonoxxih SNCM, l-FDSP mingħajr dubju jikkostitwixxi tali kuntratt ta' servizz pubbliku, li huwa ddefinit mill-punt 3 tal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament bħala kuntratt konkluż bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru u proprjetarju ta' vapur tal-Unjoni sabiex jiġu pprovduti lill-pubbliku servizzi ta' trasport adegwati. Għandu jintqal ukoll li l-Artikolu 4(2) tal-imsemmi regolament jistipula li meta jiġu imposti OSP, l-Istati Membri għandhom ikunu illimitati għal ħtiġijiet dwar portijiet li jkunu servuti, regolarità, kontinwità, frekwenza, kapaċità li jipprovdu

s-servizz, rati li għandhom jiġu mitluba u l-persunal tal-vapur. Skont din l-istess dispożizzjoni, kull kumpens dovut, meta jkun applikabbli, għal OSP għandu jkun disponibbli lill-proprjetarji kollha tal-vapuri tal-Unjoni.

116 Għalhekk għandha tiġi kkonfermata l-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni li, f'din il-kawża, is-setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet Franċiżi kienet limitata mid-dispożizzjonijiet tar-regolament kabotaġġ marittimu.

117 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li huwa korrett ukoll li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkunsidrat l-interpretazzjoni mogħtija lill-imsemmija dispożizzjonijiet mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-20 ta' Frar 2001, Analir *et* (C-205/99, EU:C:2001:107). Fil-kawża li tat lok għal din is-sentenza, din tal-aħħar kienet mitluba b'mod partikolari sabiex tinterpreta l-Artikoli 1 u 4 tar-regolament kabotaġġ marittimu u tispjega l-kundizzjonijiet li fihom il-provvista ta' servizzi ta' kabotaġġ marittimu setgħet tkun suġġetta għal skema ta' awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel.

118 Filwaqt li interpretat id-dispożizzjonijiet inkwistjoni tar-regolament kabotaġġ marittimu, il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari żviluppat ir-raġunament segwenti:

> "34. [L]-applikazzjoni ta' skema ta' awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel bħala metodu sabiex jiġu imposti [OSP] tippresupponi li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti setgħu qabel xejn jikkonstataw, għal vjaġġi partikolari, li s-servizzi regolari ta' trasport ma jkunux suffiċjenti jekk il-provvista tagħhom titħalla skont il-forzi tas-suq biss. Fi kliem ieħor, għandu jkun possibbli li tiġi pprovata l-eżistenza ta' ħtieġa reali ta' servizz pubbliku.
>
> 35. Min-naħa l-oħra, sabiex skema ta' awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel tista' tiġi ġġustifikata, għandu anki jintwera li tali skema hija neċessarja sabiex ikunu jistgħu jiġu imposti [OSP] u li din tkun proporzjonali għall-għan li għandu jiġi segwit, b'tali mod li l-istess għan ma kienx jintlaħaq minn miżuri inqas restrittivi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, b'mod partikolari, minn sistema ta' dikjarazzjonijiet *a posteriori* […]
>
> 36. F'dan ir-rigward, ma jistax jiġi eskluż li l-awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel tkun fiha nnifisha mezz adegwat li jippermetti li jiġi kkonkretizzat il-kontenut ta' [OSP] li għandu jiġi impost fuq proprjetarju ta' vapur individwali filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni partikolari tiegħu jew tiġi mistħarrġa minn qabel il-kapaċità ta' proprjetarju ta' vapur li jeżegwixxi tali obbligi.
>
> 37. Madankollu, tali skema ma tistax tilleġittimizza aġir diskrezzjonarju mill-awtoritajiet nazzjonali, b'mod li jtellfu lid-dispożizzjonijiet Komunitarji, b'mod partikolari dawk relatati mal-libertà fundamentali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, mill-effett utili tagħhom […]."

119 Fir-realtà, il-kawża li wasslet għas-sentenza tal-20 ta' Frar 2001, Analir *et* (C-205/99, EU:C:2001:107), kienet tirrigwarda skema ta' awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel u mhux, bħal f'din il-kawża, DSP akkumpanjata mill-għoti ta' kumpens. Madankollu, ir-raġunament żviluppat mill-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża, li jistrieħ fuq interpretazzjoni tar-regolament kabotaġġ marittimu skont l-għan fundamentali tiegħu, jiġifieri l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' kabotaġġ marittimu u, għalhekk, li ma jiġux aċċettati restrizzjonijiet ta' din il-libertà ħlief skont kundizzjonijiet stretti ħafna, huwa kompletament trasponibbli fil-każ inkwistjoni.

120 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-Artikolu 56 TFUE ma jeżiġix biss it-tneħħija ta' kull diskriminazzjoni fil-konfront tal-persuna li tipprovdi servizzi stabbilita fi Stat Membru ieħor minħabba n-nazzjonalità tagħha jew minħabba l-fatt li hija stabbilita fi Stat Membru ieħor minbarra dak li fih l-provvista għandha tingħata, iżda wkoll it-tneħħija ta' kull restrizzjoni, anki jekk din tapplika mingħajr distinzjoni għall-persuni li jipprovdu servizz nazzjonali u għal dawk ta' Stati Membri oħra, meta hija ta' natura li tipprojbixxi, li tfixkel, jew li tirrendi inqas

attraenti l-attivitajiet tal-persuna li tipprovdi servizzi stabbilita fi Stat Membru ieħor, fejn legalment tipprovdi servizzi simili (minbarra s-sentenzi ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 63 tad-deċiżjoni kkontestata, ara s-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2010, dos Santos Palhota *et*, C-515/08, EU:C:2010:589, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata; sentenza tad-19 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-577/10, EU:C:2012:814, punt 38; ara, ukoll, is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, Essent Energie Productie, C-91/13, EU:C:2014:2206, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ma għandux jiġi kkontestat li l-għoti ta' kumpens finanzjarju lil persuna li tipprovdi servizzi b'mod partikolari, id-delegat ta' servizz pubbliku jista' jfixkel, jew jirrendi inqas attraenti l-għoti ta' dawn l-istess servizzi minn operaturi li ma jibbenefikawx mill-istess kumpens. Fil-fatt, l-ammont tal-kumpens jippermetti lill-benefiċjarju tiegħu li jgawdi vantaġġ deċiżiv fuq il-kompetituri tiegħu u, għalhekk, jiddiswadihom milli joffru s-servizzi kkonċernati.

121 F'dan il-każ, id-DSP kienet iktar u iktar ta' natura li tikkawża preġudizzju għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' kabotaġġ marittimu, kif jirriżulta mill-konstatazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni fil-punt 44 tad-deċiżjoni tagħha ta' ftuħ ta' proċedura ta' investigazzjoni formali, mill-FDSP, li fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tagħha kienet timponi fuq l-eventwali operaturi ġodda fuq il-linji li jitilqu minn Marseille għal Korsika kundizzjonijiet partikolarment restrittivi. Din id-dispożizzjoni, fil-fatt, taqra kif ġej:

"[K]ompetizzjoni tista' tiġi eżerċitata fil-kuntest li ġej: għal kull waħda minn dawn il-linji, kull kumpannija tista' topera, mingħajr kumpens finanzjarju, servizz regolari li jkun fih, is-sena kollha, tal-inqas żewġ rotot fil-ġimgħa, li għandhom isiru f'kundizzjonijet li ma jippreġudikawx il-kundizzjonijiet ekonomiċi tal-operatur tas-servizz pubbliku u li konsegwentement l-għażla tal-ġranet ta' tluq u ta' wasla jiġu stabbiliti mill-OTC wara qbil mal-Assemblea ta' Korsika. Din il-kundizzjoni tkun is-suġġett ta' ftehim partikolari. F'każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' dan il-ftehim b'mod totali jew parzjali, tiġi applikata penalità ta' EUR 2 miljuni lill-kumpannija u l-ħlas tagħha jiġi ggarantit permezz ta' garanzija bankarja ta' ammont ekwivalenti. Din il-garanzija bankarja għandha tingħata minn bank stabbilit fl-Unjoni Ewropea, ta' long term rating 'Standard and Poors A+' (jew ekwivalenti)."

122 F'dan il-kuntest, l-osservazzjoni ta' SNCM li l-eżistenza tad-DSP ma ttellifx lil Corsica Ferries milli tidħol fis-suq u takkwista b'mod veloċi "pożizzjoni dominanti" għandha tiġi miċħuda. Fil-fatt, ma jistax jiġi eskluż li, fl-assenza tad-DSP, id-dħul ta' Corsica Ferries fis-suq u l-iżvilupp tal-attivitajiet tagħha fuqu kienu jkunu iktar mgħaġġla jew li kienu jidħlu wkoll operaturi oħra fih.

123 Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li tallega SNCM, mill-fatt li l-għoti tad-DSP sar fil-kuntest ta' sejħa għal offerti, li fiha pparteċipat Corisa Ferries, ma jistax jiġi dedott li l-preġudizzju għal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi li jirriżulta mill-ħlas tal-kumpens finanzjarju lid-delegat uniku tas-servizz pubbliku kien tneħħa. Ċertament, meta d-DSP isir wara sejħa għal offerti verament miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja, dan jista' jnaqqas l-importanza ta' dan il-preġudizzju. Madankollu, xorta jibqa' l-fatt li dan iseħħ matul il-perijodu kollu tal-provvista tas-servizz pubbliku inkwistjoni.

124 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti u, b'mod partikolari, tal-interpretazzjoni tar-regolament kabotaġġ marittimu magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-20 ta' Frar 2001, Analir *et* (C-205/99, EU:C:2001:107) (ara l-punt 118 hawn fuq), għandu jiġi konkluż li huwa korrett li, fid-deċiżjoni kkontestata, sabiex jiġi vverifikat l-ewwel kriterju Altmark, il-Kummissjoni kkunsidrat li "l-kamp ta' applikazzjoni tas-servizz pubbliku kif definit minn kuntratt ta' servizz pubbliku għandu jkun meħtieġ u proporzjonat mal-ħtieġa reali ta' servizz pubbliku, muri min-nuqqas ta' servizzi regolari ta' trasport f'kundizzjonijiet normali tas-suq" (premessa 136 tad-deċiżjoni kkontestata).

125 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx lok li tingħata xi deċiżjoni dwar il-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-partijiet dwar ir-rilevanza għal din il-kawża tas-sentenza tas-16 ta' Settembru 2013, Colt Télécommunications France vs Il-Kummissjoni (T-79/10, mhux ippubblikata, EU:T:2013:463). Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li, f'każ bħal dan, l-awtoritajiet nazzjonali ma għandhomx jonqsu milli juru l-eżistenza ta' nuqqas ta' inizjattiva privata. Fil-fatt, mill-punt 34 tas-sentenza tal-

20 ta' Frar 2001, Analir *et* (C-205/99, EU:C:2001:107), jirriżulta b'mod ċar li l-eżistenza ta' ħtieġa reali ta' servizz pubbliku hija marbuta mal-eżistenza ta' tali nuqqas. Fi kliem ieħor, huwa abbażi ta' konstatazzjoni ta' nuqqas ta' inizjattiva privata li hija stabbilita l-ħtieġa reali ta' servizz pubbliku.

126 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li t-tieni u r-raba' subpartijiet tal-ewwel parti tal-ewwel motiv għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

– Fuq it-tielet subparti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni interpretat b'mod żbaljat ir-regoli dwar l-oneru tal-prova

127 SNCM tallega li l-Kummissjoni interpretat b'mod żbaljat l-oneru tal-prova fl-analiżi tagħha tal-ewwel kriterju Altmark. F'dan ir-rigward, minn naħa, hija tiddikjara li l-Kummissjoni imponiet b'mod sistematiku fuq ir-Repubblika Franċiża l-oneru li tipprova n-neċessità tas-servizz pubbliku kif ukoll in-nuqqas ta' inizjattiva privata. Min-naħa l-oħra, filwaqt li tiċċita żewġ evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni li jinsabu fil-premessi 165 u 166 tad-deċiżjoni kkontestata, hija ssostni li, għall-kuntrarju, din tal-aħħar eżonerat lilha nnifisha minn kull oneru ta' prova f'diversi partijiet essenzjali tal-analiżi tagħha tal-imsemmi kriterju.

128 Fir-replika, SNCM iżżid li t-"test […] fi tliet stadji" invokat mill-Kummissjoni (ara l-punt 130 hawn taħt) ma huwiex tas-soltu, la jissemma fid-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali u lanqas fid-deċiżjoni kkontestata u ma jistrieħ fuq l-ebda bażi ġuridika stabbilita minn qabel. Barra minn hekk, dan it-test huwa partikolarment diffiċli, jekk mhux impossibbli, sabiex jiġi pprovat.

129 Il-Kummissjoni, sostnuta minn Corsica Ferries, tikkontesta li interpretat b'mod żbaljat ir-regoli tal-oneru tal-prova.

130 Minn naħa, il-Kummissjoni ssostni li huwa l-Istat Membru kkonċernat li għandu jiġġustifika l-ostakolu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi kif ukoll li jistabbilixxi l-ħtieġa u l-proporzjonalità tiegħu. B'mod iktar preċiż, f'dan il-każ, sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ħtieġa reali ta' servizz pubbliku li jiġġustifika l-għoti ta' DSP, l-awtoritajiet Franċiżi kellhom juru, l-ewwel nett, li kien hemm talba mill-utenti, it-tieni nett, li din it-talba ma setgħetx tiġi ssodisfatta mill-operaturi tas-suq fl-assenza ta' obbligu f'dan is-sens stabbilit mill-awtoritajiet pubbliċi u, it-tielet nett, li l-użu ta' OSP sempliċi ma kienx biżżejjed sabiex itaffi tali nuqqas. Hija tispjega li b'hekk hija mhux qed tistabbilixxi test kompletament ġdid, iżda sempliċement kienet qed tfakkar fil-qosor il-lakuni tal-awtoritajiet Franċiżi u ta' SNCM fir-rigward tal-eżistenza ta' ħtieġa reali ta' servizz pubbliku. Hija żżid li din il-prova ma hijiex ġdida u lanqas partikolarment diffiċli sabiex tingħab.

131 Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tiċħad l-allegazzjoni ta' SNCM li ċerti evalwazzjonijiet li jinsabu fil-premessi 165 u 166 tad-deċiżjoni kkontestata ma huma bbażati fuq l-ebda prova.

132 Għandu jiġi kkunsidrat ukoll li l-Kummissjoni ma għandhiex tiġi kkritikata li interpretat b'mod żbaljat ir-regoli tal-oneru tal-prova fl-analiżi tagħha tal-ewwel kriterju Altmark.

133 Fil-fatt, minn naħa, mill-kunsiderazzjonijiet esposti fil-kuntest tal-eżami tat-tieni u tar-raba' subpartijiet tal-ewwel parti tal-ewwel motiv (ara l-punti 111 sa 126 hawn fuq) jirriżulta li, sabiex servizz ta' kabotaġġ marittimu jista' jiġi kklassifikat bħala SIEĠ, jeħtieġ li jissodisfa ħtieġa reali ta' servizz pubbliku, muri bl-insuffiċjenza tas-servizzi regolari ta' trasport f'sitwazzjoni ta' kompetizzjoni ħielsa, u li l-portata tas-SIEĠ hija meħtieġa u proporzjonata għal dan il-ħtieġa. Mingħajr dubju, għandu jkun l-Istat Membru kkonċernat, u mhux il-Kummissjoni, li jressaq dawn il-provi, u dan billi jipproduċi provi suffiċjentement konvinċenti. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, kuntrarjament għal dak sostnut minn SNCM waqt is-seduta (ara l-punt 106 hawn fuq), l-Istat Membru ma għandux jillimita

ruħu li jinvoka l-eżistenza ta' "interess ġenerali fis-sens wiesa'". L-assenza ta' prova, prodotta mill-Istati Membru, li l-kriterji hawn fuq imsemmija huma ssodisfatti jew li l-interpretazzjoni żbaljata tagħhom tista' tikkostitwixxi żball manifest ta' evalwazzjoni li l-Kummissjoni hija obbligata li tikkunsidra.

134 Fir-rigward tal-prova fi tliet stadji msemmija mill-Kummissjoni sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ħtieġa reali ta' servizz pubbliku (ara l-punt 130 hawn fuq), għandu jiġi rrilevat li, kuntrarjament għal dak li tallega SNCM, dan bl-ebda mod ma jirrappreżenta rekwiżit addizzjonali ta' prova mhux prevista mid-deċiżjoni kkontestata. Din il-prova hija sempliċement preżentazzjoni alternattiva tat-test użat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata sabiex tiġi vverifikata l-osservanza tal-ewwel kriterju Altmark (ara l-punt 45 hawn fuq) u li l-fondatezza tiegħu ġiet ikkonfermata waqt l-eżami tal-ewwel u tar-raba' subpartijiet tal-ewwel parti tal-ewwel motiv (ara l-punti 111 sa 126 hawn fuq). B'hekk, qabel xejn, jekk ma teżistix talba tal-utenti għas-servizzi kollha jew parti minnhom li jidħlu fil-firxa tas-servizz pubbliku, kif iddefinit mill-awtoritajiet nazzjonali, dan is-servizz pubbliku jew il-firxa tiegħu ċertament ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala meħtieġa u proporzjonati meta mqabbla mal-ħtieġa reali tas-servizz pubbliku. Imbagħad, lanqas għandu jkun hemm tali ħtieġa jekk it-talba tal-utenti tista' diġà tiġi ssodisfatta mill-operaturi tas-suq fl-assenza ta' obbligu f'dan is-sens stabbilit mill-awtoritajiet pubbliċi. Fi kliem ieħor, kif diġà ġie rrilevat fil-punt 125 hawn fuq, fl-assenza ta' nuqqas ta' inizjattiva privata, ma għandux ikun hemm ħtieġa reali ta' servizz pubbliku. Finalment, jekk hemm talba ta' utenti u jekk din it-talba ma tistax tiġi ssodisfatta mis-sempliċi kompetizzjoni fis-suq, iktar u iktar għandhom l-awtoritajiet nazzjonali jagħtu preferenza lill-approċċ li joħloq l-inqas preġudizzju għal-libertajiet essenzjali tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Issa, kif korrettament issostni l-Kummissjoni fit-tweġiba tagħha għal waħda mill-mistoqsijiet bil-miktub tal-Qorti Ġenerali, fir-rigward tas-settur tal-kabotaġġ marittimu, l-impożizzjoni ta' OSP applikabbli għat-trasportaturi kollha li jixtiequ joffru s-servizzi tagħhom fuq rotta partikolari u li mhux neċessarjament tagħti lok għal kumpens finanzjarju (ara l-Artikolu 4(2) tar-regolament kabotaġġ marittimu) iġġib magħha restrizzjonijiet inqas sinjifikattivi fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi mill-għoti ta' kumpens finanzjarju għal trasportatur partikolari jew għal numru limitat ta' trasportaturi fil-kuntest ta' DSP.

135 Għandu jintqal ukoll li l-prova hekk ikkritikata minn SNCM ma hijiex daqstant diffiċli li tiġi prodotta, peress li l-ħtiġiet ta' servizz pubbliku jistgħu, fil-fatt, faċilment jiġu evalwati permezz ta', b'mod partikolari, studji tas-suq, konsultazzjonijiet pubbliċi jew sejħiet għal proġetti, ħaġa li f'dan il-każ qatt ma saret mill-awtoritajiet Franċiżi qabel ma ġie approvat il-prinċipju ta' tiġdid ta' DSP tas-servizz marittimu ta' Korsika.

136 Min-naħa l-oħra, huwa skorrett li SNCM tallega li ż-żewġ evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni li hija kkwotat, li jidhru fil-premessi 165 u 166 tad-deċiżjoni kkontestata, ma huma bbażati fuq l-ebda prova. Dawn l-evalwazzjonijiet jirriżultaw, fil-fatt, mill-eżami, mill-Kummissjoni, ta' provi li jinsabu fil-proċess.

137 B'hekk, fir-rigward tal-ewwel evalwazzjoni kkritikata, li tinsab fil-premessa 165 tad-deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi rrilevat li l-fraži li minnha tirriżulta tibda bil-konstatazzjoni li "[s]-servizz mogħti minn Corsica Ferries jissodisfa r-regoli tal-OSP applikabbli għal kull servizz bejn il-kontinent Franċiż u Korsika" u li din il-konstatazzjoni ma għandhiex tiġi kkontestata. B'hekk, il-kumpanniji li, bħal Corsica Ferries, kienu joffru servizzi ta' trasport marittimu fuq, b'mod partikolari, ir-rotta Toulon-Korsika kienu suġġetti għal OSP fir-rigward ta' regolarità, kontinwità, frekwenza tal-vjaġġi, kapaċità li jipprovdu s-servizz, rati u l-persunal tal-vapuri, u dan fil-kuntest tal-iskema ta' għajnuna mill-Istat ta' natura soċjali deskritta fil-punt 14 hawn fuq. Dawn il-kumpanniji għandhom jagħtu l-ġustifikazzjonijiet kollha fuq il-kapaċitajiet tagħhom sabiex jiżguraw is-servizz, li jkunu konformi mal-obbligi fiskali u soċjali, jikkomunikaw minn qabel il-programm ta' implementazzjoni tal-OTC u jiżguraw tal-inqas żewġ rotot fil-ġimgħa s-sena kollha bejn Toulon u Korsika. L-ekwipaġġ tal-vapuri tagħhom kienu suġġetti għar-regoli previsti mid-dritt Franċiż. Barra minn hekk, ir-rati soċjali massimi kienu stabbiliti għal kull kategorija kkonċernata.

138 Mill-paragun bejn ir-rekwiżiti marbuta ma' dawn l-OSP u l-obbligi previsti mill-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt tal-FDSP għas-servizz komplementari, li kienu inqas stretti minn dawk applikabbli għas-servizz bażiku (ara l-premessa 141 tad-deċiżjoni kkontestata u l-punt 151 iktar 'il quddiem), il-Kummissjoni setgħet leġittimament tislet l-evalwazzjoni kkritikata minn SNCM li s-servizz ipprovdut minn Corsica Ferries "ma kienx jippreżenta differenza kwalitattiva mis-servizz ipprovdut fil-kuntest tas-servizz kumplimentari".

139 Fir-rigward tat-tieni evalwazzjoni kkritikata, li tinsab fil-premessa 166 tad-deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi kkonstatat li qari kumplessiv ta' din il-premessa, li permezz tagħha l-Kummissjoni tixtieq issostni, essenzjalment, li s-servizzi pprovduti minn Corsica Ferries li jitilqu minn Toulon huma b'mod sodisfaċenti u b'kundizzjonijiet (prezz, karatteristiċi ta' kwalità oġġettivi, kontinwità u aċċess għas-servizz) kompatibbli mal-interess ġenerali. Issa, din l-evalwazzjoni tidher ibbażata mhux biss fir-rigward tal-argumenti li jinsabu fil-punt 137 hawn fuq, iżda wkoll, u b'mod iktar ġenerali, billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt, korrettament imqajjem mill-Kummissjoni, li l-kundizzjonijiet marbuta mal-OSP applikabbli għall-vjaġġi marittimi bejn Franza kontinentali u Korsika ġew iddefiniti bl-OTC skont ir-regolament kabotaġġ marittimu. Dawn l-OSP għandhom għalhekk jiġu kkunsidrati bħala obbligi sabiex is-servizzi ta' kabotaġġ marittimu jiġu pprovduti b'kundizzjonijiet kompatibbli mal-interess ġenerali u li l-proprjetarju ta' vapur tal-Unjoni ma jassumix jew ma jassumix sa l-istess punt jekk ikun qed jikkunsidra l-interessi kummerċjali tiegħu (ara, f'dan ir-rigward, il-punt 4 tal-Artikolu 2 tar-regolament kabotaġġ marittimu u l-punti 47 u 48 tal-Komunikazzjoni SIEĠ). Għalhekk jista' leġittimament jiġi kkunsidrat li kull provvista ta' servizz ta' kabotaġġ marittimu li taqa' fil-kuntest ta' dawn l-OSP saret skont l-interess ġenerali fir-rigward tal-firxa kwalitattiva rregolata mill-OSP u elenkata fl-Artikolu 4(2) tar-regolament kabotaġġ marittimu, fosthom dawk imsemmija fil-premessa 166 tad-deċiżjoni kkontestata.

140 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti għandu jiġi konkluż li t-tielet subparti tal-ewwel parti tal-ewwel motiv u, għalhekk, din l-ewwel parti kollha kemm hi, għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi, żball ta' fatt u żball manifest ta' evalwazzjoni billi assimilat il-kapaċitajiet addizzjonali sabiex jingħata servizz matul il-perijodi l-iktar iffrekwentati ma' servizz komplementari u billi evalwat dan is-servizz b'mod separat mis-servizz bażiku fir-rigward tal-ewwel kriterju Altmark

141 Fil-kuntest tat-tieni parti tal-ewwel motiv, SNCM issostni li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi, żball ta' fatt u żball manifest ta' evalwazzjoni billi assimilat il-kapaċitajiet addizzjonali sabiex jingħata servizz matul il-perijodi l-iktar iffrekwentati ma' servizz komplementari u billi evalwat dan is-servizz b'mod separat mis-servizz bażiku fir-rigward tal-ewwel kriterju Altmark.

142 Din it-tieni parti tinqasam fi tliet subpartijiet, l-aħħar waħda invokata b'mod sussidjarju.

– Fuq l-ewwel subparti, ibbażata fuq il-fatt li l-FDSP ma jagħmilx distinzjoni bejn is-servizz bażiku u s-servizz komplementari

143 SNCM targumenta li l-FDSP ma jagħmilx distinzjoni bejn is-servizz bażiku u s-servizz komplementari, kuntrarjament għal dak indikat fil-premessa 137 tad-deċiżjoni kkontestata, li fuqha huwa bbażat ir-raġunament kollu tal-Kummissjoni. Il-kontenut tal-allegat servizz komplementari ma huwiex iddefinit f'dispożizzjonijiet speċifiċi u identifikabbli b'mod ċar mill-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt. Billi pprevedew il-kapaċitajiet minimi addizzjonali għal ċerti perijodi tas-sena, il-partijiet tal-FDSP ma ridux joħolqu żewġ servizzi li jistgħu joperaw indipendentement minn xulxin. Fir-rigward tal-fatt li d-DSP il-ġdid għall-perijodu 2014-2023 ma kienx għadu jkopri s-servizz komplementari, iżda kien limitat għas-servizz bażiku, dan ma huwiex rilevanti, peress li din l-esklużjoni hija dovuta għal raġunijiet baġitarji. Barra minn hekk, l-inklużjoni fil-firxa tas-servizz pubbliku ta' servizzi li jikkonċernaw il-perijodi l-iktar iffrekwentati sabiex jiġi evitat kull riskju ta' xkumar hija l-unika soluzzjoni

kompatibbli mal-ġurisprudenza li ħarġet mis-sentenza tad-19 ta' Mejju 1993, Corbeau (C-320/91, EU:C:1993:198). Fl-aħħar nett, il-kumpens ta' servizz pubbliku previst mill-FDSP jitħallas kull sena u huwa kkalkolat b'rata fissa għas-servizzi kollha pprovduti mid-delegati.

144 Il-Kummissjoni, sostnuta minn Corsica Ferries, tikkontesta l-argumenti mressqa minn SNCM.

145 Għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni korrettament tiddikjara, fil-premessa 137 tad-deċiżjoni kkontestata, li d-distinzjoni bejn is-servizzi ta' trasport li għandhom jiġu pprovduti matul is-sena kollha fil-kuntest tas-servizz bażiku u l-kapaċitajiet addizzjonali li għandhom jingħataw fil-perijodu l-iktar iffrekwentat, jiġifieri, is-servizz komplementari, tirriżulta b'mod ċar mill-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt tal-FDSP.

146 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li s-servizz komplementari, li jirrigwarda biss tliet linji minn ħamsa koperti mid-DSP, huma s-suġġett ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt tal-FDSP, jiġifieri l-paragrafu 2, punt I(a) (linja Marseille-Bastia), il-paragrafu 2, punt I(b) (linja Marseille-Ajaccio) u l-paragrafu 1.4, punt I(d) (linja Marseille-Propriano) tiegħu.

147 Il-fatt, allegat minn SNCM f'dan il-kuntest, li l-FDSP ma tagħmel "riferiment fl-ebda ħin" għall-espressjoni "servizz kumplimentari" bħala tali għalhekk ma huwiex rilevanti. Fi kwalunkwe każ, din l-allegazzjoni ma hijiex fondata, peress li, fil-paġna 1 tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt annessi mal-FDSP, huwa spjegat li s-servizzi kkonċernati "jinkludu, fuq kull linja, servizz tal-passiġġieri u tal-merkanzija permanenti u, fuq ċerti linji, servizz tal-passiġġieri addizzjonali fl-eqqel tat-traffiku". Barra minn hekk, għandu jiġi rrimarkat li, kif korrettament tirrileva Corsica Ferries, SNCM stess, f'ċerti rapporti ta' eżekuzzjoni tad-DSP li hija kienet obbligata tipprepara kull sena, tagħmel distinzjoni espliċita bejn is-servizz permanenti u s-servizz komplementari.

148 Fit-tieni lok, għandu jiġi enfasizzat li, kuntrarjament għal dak li ssostni SNCM, il-konklużjoni tal-Kummissjoni li s-servizz bażiku u s-servizz komplementari jikkostitwixxu żewġ tipi ta' servizzi distinti ma tistrieħx "kompletament" fuq id-dikjarazzjoni kkritikata li tinsab fil-premessa 137 tad-deċiżjoni kkontestata, li, permezz tan-nota ta' qiegħ il-paġna 64, tirreferi għad-dispożizzjonijiet speċifiċi ċċitati fil-punt 146 hawn fuq. Fil-fatt, din il-konklużjoni hija bbażata wkoll fuq sensiela ta' elementi oħra esposti iktar 'il quddiem.

149 L-ewwel nett, għandu jitfakkar li s-servizz bażiku jikkonċerna t-trasport marittimu ta' passiġġieri u ta' merkanzija, filwaqt li s-servizz komplementari jikkonċerna biss it-trasport tal-passiġġieri.

150 It-tieni nett, għandu jiġi rrilevat li, fir-rigward tas-servizz bażiku, l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt tal-FDSP jistabbilixxu, għal kull linja kkonċernata u vjaġġ vjaġġ, kapaċitajiet minimi ta' kuljum, filwaqt li fir-rigward tas-servizz komplementari, jistabbilixxi biss, ukoll għal kull linja kkonċernata u vjaġġ vjaġġ, kapaċitajiet minimi globali skont il-perijodi.

151 It-tielet nett, għandu jiġi kkonstatat li ż-żewġ tipi ta' servizzi huma suġġetti għal ċerti obbligi distinti, b'mod partikolari f'termini ta' ħinijiet u frekwenzi ta' vjaġġi, u li dawk applikabbli għas-servizz bażiku huma iktar stretti minn dawk applikabbli għas-servizz komplementari. B'hekk, filwaqt li l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt tal-FDSP jipprevedu ħinijiet riġidi ta' tluq u ta' wasla għas-servizz bażiku, ma jimponu l-ebda ħin partikolari għas-servizz komplementari. Bl-istess mod, filwaqt li dawn l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt jistipulaw, fir-rigward tas-servizz bażiku, li t-trasport tal-passiġġieri għandu jkun żgurat f'kull direzzjoni, kuljum, (iżda tliet darbiet fil-ġimgħa biss fir-rigward tal-linja Marseille-Propriano) u matul is-sena kollha, fir-rigward tas-servizz komplementari, ma jipprevedu l-ebda obbligu f'termini ta' frekwenza ta' vjaġġi. Ċertament, minn dawn l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt jirriżulta li, fil-każ tas-servizz komplementari, il-ġranet u ħinijiet tal-vjaġġi għandhom ikunu s-suġġett ta' memorandum ta' qbil "espliċitu u preliminari" qabel l-OTC. Madankollu, dan huwa spjegat qabel xejn min-natura kuntrattwali tal-FDSP u xorta jibqa' l-fatt li SNCM għandha b'dan

il-mod ħafna iktar flessibbiltà milli fil-każ tas-servizz bażiku. Għandu jiżdied ukoll li, fir-rigward ta' dan l-aħħar servizz, il-vjaġġi għandhom jingħataw mingħajr waqfa, filwaqt li, fir-rigward tas-servizz komplementari, tali rekwiżit ma huwiex previst.

152 Ir-raba' nett, kif jirriżulta mill-anness 2 tal-FDSP u li se jkun spjegat f'iktar dettall fil-punti 160 u 161 iktar 'il quddiem, is-servizz bażiku jingħata billi jintużaw vapuri tal-merkanzija mħalltin, li jippermettu t-transport kemm tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija, filwaqt li s-servizz komplementari jingħata bl-użu tal-laneċ, li jippermetti biss it-trasport tal-passiġġieri (u tal-vetturi tagħhom).

153 Il-ħames nett, mill-anness 2 tal-FDSP jirriżulta wkoll li l-ġestjoni tas-servizz komplementari kienet taħt ir-responsabbiltà ta' SNCM biss. Fil-fatt, fih hemm previst li huma l-vapuri *Danielle Casanova* u *Napoléon Bonaparte* li huma użati sabiex "jiżguraw il-kapaċitajiet addizzjonali tas-servizz tal-passiġġieri tal-linji ta' Ajaccio, [ta'] Bastia u [ta'] Propriano". Issa, dawn iż-żewġ vapuri jagħmlu parti mill-flotta ta' SNCM u mhux minn dik ta' CMN. Għalhekk, fil-prattika, kienet biss SNCM li żgurat il-ġestjoni tas-servizz komplementari.

154 Fit-tielet lok, f'dak li jirrigwarda l-allegazzjoni ta' SNCM li ma jistax jintuża l-argument li d-DSP il-ġdid għall-perijodu 2014-2023 ma jkoprix iktar is-servizz komplementari, iżda huwa limitat għas-servizz bażiku, peress li, essenzjalment, din l-esklużjoni hija dovuta għal raġunijiet baġitarji, għandha tiġi miċħuda bħala ineffettiva. Fil-fatt, dan l-argument ibbażat fuq id-DSP il-ġdid huwa argument li kien invokat minn Corsica Ferries waqt il-proċedura amministrattiva, iżda li ma reġax intuża bħala tali mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata sabiex tibbaża r-raġunament tagħha. Fi kwalunkwe każ, il-fatt li dan id-DSP il-ġdid ma għadux ikopri s-servizz komplementari juri effettivament li dan tal-aħħar ma huwiex indispensabbli sabiex is-servizz bażiku jingħata b'mod tajjeb, kemm jekk huwa għal raġunijiet tekniċi jew għal kunsiderazzjonijiet ta' natura ekonomika, u li dawn iż-żewġ tipi ta' servizzi huma inseparabbli.

155 Fir-raba' lok, huwa żbaljat li SNCM tinvoka l-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tad-19 ta' Mejju 1993, Corbeau (C-320/91, EU:C:1993:198). Fil-fatt, kif dan diġà ġie rrilevat fil-punt 101 hawn fuq, mill-proċess jirriżulta li kemm is-servizz bażiku kif ukoll is-servizz komplementari jirrappreżentaw defiċit operatorju sinjifikattiv li jeskludi kull possibbiltà ta' ekwalizzazzjoni finanzjarja bejniethom. Dan huwa muri b'mod iktar partikolari mill-analiżi tad-dikjarazzjonijiet tad-dħul ta' SNCM, annessi mal-osservazzjonijiet tal-5 ta' Novembru 2012 li din tal-aħħar kienet ippreżentat fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva, li juru li, għal kull sena fil-perijodu 2007-2011 u f'dak li jirrigwarda kemm il-laneċ kif ukoll il-vapuri tal-merkanzija mħalltin, l-ispejjeż diretti (jiġifieri, b'mod partikolari, l-ispejjeż marittimi, tal-persunal u ta' provvisti) kienu ogħla mid-dħul nett.

156 Fil-ħames lok, jekk huwa veru, kif issostni SNCM u kif huwa qabel xejn ikkonstatat fil-premessa 47 tad-deċiżjoni kkontestata, il-kumpens dovut lil din tal-aħħar kien stabbilit b'mod globali fl-Artikolu 2 tal-FDSP, xorta jibqa' l-fatt li mill-analiżi tad-dikjarazzjonijiet tad-dħul msemmija fil-punt 155 iktar 'il fuq jirriżulta li, fil-prattika, kien maqsum bejn is-servizz bażiku, operat permezz ta' vapuri tal-merkanzija mħalltin, u s-servizz komplementari, operat permezz ta' laneċ. Fi kwalunkwe każ, il-fatt li dan l-artikolu jipprevedi kumpens globali għaż-żewġ tipi ta' servizzi ma jindikax jekk dawn humiex separabbli jew le.

157 Minn dan jirriżulta li l-ewwel subparti tat-tieni parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

– Fuq it-tieni subparti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni b'mod żbaljat assimilat is-servizz bażiku mas-servizzi offruti permezz tal-vapuri tal-merkanzija mħalltin u s-servizz komplementari ma' dawk offruti permezz tal-laneċ

158 SNCM tiddikjara li l-Kummissjoni b'mod żbaljat assimilat is-servizz bażiku mas-servizzi offruti permezz tal-vapuri tal-merkanzija mħalltin u s-servizz komplementari ma' dawk offruti permezz tal-laneċ. Hija ssostni li l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt tal-FDSP bl-ebda mod ma jitlob l-użu ta' vapuri differenti għal kull wieħed minn dawn it-tipi ta' servizzi. Għall-kuntrarju, fil-prattika, parti mill-provvista tas-servizz komplementari operata permezz tal-vapuri tal-merkanzija mħalltin u l-laneċ tista' tintuża għall-provvista tas-servizz bażiku, b'mod partikolari fl-istaġun baxx jekk ikun hemm xi ħsarat tekniċi tal-vapuri tal-merkanzija mħalltin. Sabiex tikkorrobora l-allegazzjonijiet tagħha, SNCM tirreferi għal tabelli annessi mar-rikors tagħha.

159 Il-Kummissjoni u Corsica Ferries jiċħdu l-allegazzjonijiet ta' SNCM.

160 Għandu jiġi kkonstatat li, kif diġà ġie rrilevat fil-punt 152 hawn fuq, mill-anness 2 tal-FDSP jirriżulta li s-servizz bażiku huwa eżegwit permezz ta' vapuri tal-merkanzija mħalltin, filwaqt li għas-servizz komplementari jintużaw il-laneċ. Kif issostni korrettament Corsica Ferries, din il-konstatazzjoni hija kkonfermata wkoll fir-rapporti ta' eżekuzzjoni tad-DSP stabbiliti minn SNCM. B'hekk, pereżempju, ir-rapport ta' eżekuzzjoni relatat mas-sena 2010 jirreferi għall-fatt li s-servizz bażiku jingħata permezz ta' "vapuri tal-merkanzija mħalltin" u li huma l-"car-ferries *Napoléon Bonaparte* u *Danielle Casanova* [li] żguraw il-kapaċitajiet addizzjonali għat-trasport tal-passiġġieri matul il-perijodi frekwentati ħafna fil-portijiet ta' Bastia, [ta'] Ajaccio u [ta'] Propriano", u dan b'total ta' 251 932 passiġġieri ttrasportati, "jiġifieri 47 % tat-traffiku tad-DSP SNCM".

161 L-allegazzjoni ta' SNCM li, fir-realtà, vapuri tal-merkanzija mħalltin intużaw għall-finijiet tas-servizz komplementari, u kuntrarjament, laneċ intużaw għall-finijiet tas-servizz bażiku ma ġietx ipprovata b'mod suffiċjenti fid-dritt. B'mod iktar partikolari, it-tabelli mogħtija minn SNCM sabiex tipprova tikkorrobora din l-allegazzjoni ma humiex konklużivi. Fil-fatt, qabel xejn, waħda minn dawn it-tabelli, jiġifieri dik intitolata "servizz kumplimentari mogħti permezz tal-vapuri tal-merkanzija mħalltin", fiha żbalji ta' kalkolu. Imbagħad u fuq kollox, kif ġustament tirrileva l-Kummissjoni, l-imsemmija tabelli fihom allokazzjoni artifiċjali tal-kapaċitajiet żejda (fin-numru ta' postijiet abbord) tal-vapuri differenti li ma għandux effett fuq il-mod li bih iż-żewġ tipi ta' servizzi ingħataw fil-prattika. B'hekk, it-tabella intitolata "servizz kumplimentari mogħti permezz tal-vapuri tal-merkanzija mħalltin" tippreżenta, f'dak li jirrigwarda l-linji Marseille-Bastia u Marseille-Ajaccio u għat-tieni nofs tas-sena 2007 kif ukoll għal kull sena tal-perijodu 2008-2013, id-differenza bejn il-kapaċitajiet offruti permezz tal-vapuri tal-merkanzija mħalltin tad-delegati għal dawn il-linji fil-kuntest tas-servizz bażiku (tabella intitolata "servizz permanenti magħmul permezz tal-vapuri tal-merkanzija mħalltin") u l-kapaċitajiet mitluba mill-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt tal-FDSP għal dawn l-istess servizzi u linji (tabella intitolata "speċifikazzjonijiet tal-kuntratt servizz permanenti"). Fi kliem ieħor, l-imsemmija tabella tirrappreżenta biss sempliċi inventarju tal-kapaċitajiet żejda ta' vapuri li jiżguraw is-servizz bażiku meta mqabbla mar-rekwiżiti tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, kapaċitajiet żejda li SNCM talloka b'mod arbitrarju għal allegata provvista tas-servizz komplementari permezz tal-vapuri tal-merkanzija mħalltin. Fl-istess sens, it-tabella intitolata "servizz kumplimentari mogħti permezz tal-laneċ" turi b'mod arbitrarju l-kapaċitajiet offruti mil-laneċ ta' SNCM fil-kuntest tas-servizz komplementari kif jirriżulta mid-differenza bejn il-kapaċitajiet mitluba mill-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt tal-FDSP għal dan is-servizz (tabella intitolata "speċifikazzjonijiet tal-kuntratt servizz kumplimentari") u l-kapaċitajiet żejda riprodotti fit-tabella bit-titolu "servizz kumplimentari mogħti bil-vapuri tal-merkanzija mħalltin". Issa, mill-proċess jirriżulta li l-kapaċitajiet offruti mill-imsemmija laneċ kienu ferm ikbar minn dawk imsemmija fit-tabella intitolata "servizz kumplimentari mogħti bil-laneċ", b'tali mod li, minbarra f'ċirkustanzi eċċezzjonali, ma kienx hemm għalfejn jintużaw vapuri tal-merkanzija mħalltin sabiex tiġi żgurata l-provvista tas-servizz komplementari. Fir-rigward tat-tabella "servizz permanenti bil-laneċ", din sempliċement tindika, u mingħajr ma ngħatat xi forma ta' ġustifikazzjoni, li l-laneċ ikkontribwixxew kull sena għas-servizz bażiku sa ċertu numru ta' postijiet fuq il-linji Marseille-Ajaccio

u Marseille-Bastia (jiġifieri 13 000 post għat-tieni nofs tas-sena 2007 u 26 000 post fl-2008). Finalment, għandu jiġi rrilevat li l-fatt li seta' kien hemm każijiet iżolati li fihom vapur normalment intiż għas-servizz bażiku intuża fil-qafas tas-servizz komplementari, u kuntrarjament, ma huwiex biżżejjed fih innifsu sabiex jikkontesta l-konstatazzjoni ta' prinċipju li l-vapuri tal-merkanzija mħalltin kienu intiżi għas-servizz bażiku u l-laneċ għas-servizz komplementari.

162 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tieni subparti tat-tieni parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

– Fuq it-tielet subparti, invokata b'mod sussidjarju, ibbażata fuq il-fatt li s-servizz komplementari huwa ġġustifikat bil-ħtieġa reali ta' servizz pubbliku li kien jissodisfa s-servizz bażiku

163 B'mod sussidjarju, SNCM tallega li s-servizz komplementari huwa ġġustifikat bil-ħtieġa reali ta' servizz pubbliku li kien jissodisfa s-servizz bażiku. Hija tiddikjara li, minkejja li kien jeżisti servizz komplementari li għandu jiġi distint mis-servizz bażiku, *quod non*, dawn iż-żewġ tipi ta' servizzi ma jistgħux jiġu evalwati indipendentement minn xulxin għall-finijiet tal-analiżi tal-ewwel kriterju Altmark.

164 Insostenn ta' din it-tielet subparti, SNCM issostni żewġ settijiet ta' argumenti. Permezz tal-ewwel, hija tixtieq tistabbilixxi, essenzjalment, li analiżi globali tas-servizz bażiku u tas-servizz komplementari kien impost abbażi ta' ċerti kunsiderazzjonijiet minbarra dawk tekniċi u ekonomiċi. Permezz tat-tieni, hija tixtieq turi li hemm komplementarjetà teknika u ekonomika bejn dawn iż-żewġ tipi ta' servizzi.

165 Il-Kummissjoni, sostnuta minn Corsica Ferries, titlob li din it-tielet subparti tiġi miċħuda.

166 Fir-rigward tal-ewwel sett ta' argumenti, għandu jiġi kkonstatat li l-ebda wieħed minnhom ma jippermetti li jiġi konkluż li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta ma pproċedietx, f'dan il-każ, għal analiżi globali tas-servizz komplementari u tas-servizz bażiku.

167 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li huwa żbaljat li SNCM tipprova tikkontesta l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, li tidher fil-premessa 139 tad-deċiżjoni kkontestata, li "ma jkunx leġittimu li wieħed iqis li s-servizz kumplimentari jista' jkun iġġustifikat mill-ħtieġa reali ta' servizz pubbliku ssodisfata mis-servizz bażiku biss, jekk ikun stabbilit li t-twettiq tiegħu huwa […] indispensabbli għal dak tas-servizz bażiku, abbażi ta' sett ta' konsiderazzjonijiet tekniċi u ekonomiċi". Fil-fatt, jekk is-servizz komplementari, li huwa b'mod ċar servizz differenti mis-servizz bażiku (ara l-punti 145 sa 154 hawn fuq), kien inkluż fil-firxa tas-servizz pubbliku mingħajr ma kien iġġustifikat permezz tal-eżistenza ta' komplementarjetajiet tekniċi bejn iż-żewġ tipi ta' servizzi jew b'kunsiderazzjonijiet ta' effiċjenza ekonomika, dan manifestament ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' ħtieġa u ta' proporzjonalità (fir-rigward ta' dawn ir-rekwiżiti, ara l-punt 124 hawn fuq).

168 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li huwa żbaljat ukoll li SNCM tallega li ma hemm l-ebda differenza bejn is-servizz bażiku u s-servizz komplementari. Fil-fatt, mill-punti spjegati fil-punti 145 sa 154 iktar 'il fuq jirriżulta li dawn iż-żewġ tipi ta' servizzi fil-verità jippreżentaw differenzi sinjifikattivi.

169 Fit-tielet lok, anki jekk l-argument ta' SNCM riprodott fil-punt 168 hawn fuq għandu jinftiehem ukoll bħala li huwa bbażat fuq il-fatt li ż-żewġ tipi ta' servizzi għandhom għan komuni, jiġifieri li jiżguraw il-kontinwità territorjali, għandu jiġi kkonstatat li dan ma għandux jintlaqa'.

170 Fil-fatt, minn naħa, u b'mod ġenerali, għandu jiġi rrilevat li ma huwiex għaliex żewġ tipi ta' servizzi għandhom l-istess għan li għandhom jiġu awtomatikament ikkunsidrati bħala li ma jikkostitwixxux fir-realtà l-istess servizz uniku.

171 Min-naħa l-oħra, il-fatt li s-servizz bażiku u s-servizz komplementari allegatament huma intiżi t-tnejn sabiex jiżguraw il-kontinwità territorjali ma jfissirx neċessarjament, fir-rigward, b'mod partikolari, tal-kwistjoni tal-eżistenza ta' ħtieġa reali ta' servizz pubbliku, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, bħala li jiffurmaw xi ħaġa unika inseparabbli.

172 Fil-fatt, kif korrettament tirrileva l-Kummissjoni, għan ta' kontinwità territorjali jista' tintlaħaq ukoll fl-istess ħin mill-forzi tas-suq u mis-servizz pubbliku. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, minn naħa, li, anki jekk l-Istat Membru għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa f'dan il-qasam, ma jistax jistabbilixxi SIEĠ ħlief jekk dan jissodisfa ħtieġa reali ta' servizz pubbliku u, min-naħa l-oħra, li, jekk it-talba hija diġà ssodisfatta mill-forzi tas-suq, tali ħtieġa ma għandhiex teżisti (ara l-punti 111 sa 124 hawn fuq). Għalhekk, sabiex jiġi stabbilit SIEĠ fis-settur tal-kabotaġġ marittimu, ma huwiex biżżejjed li l-Istat Membru jinvoka li għandu jintlaħaq għan ta' kontinwità territorjali. Ikun meħtieġ li t-twettiq ta' dan l-għan ma jiġix żgurat mis-sempliċi kompetizzjoni fis-suq. Jekk dan tal-aħħar jippermetti li tintlaħaq parti mill-imsemmi għan, il-ħolqien ta' tali SIEĠ ma huwiex iġġustifikat ħlief sabiex jissodisfa n-nuqqas korrispondenti tas-suq.

173 F'dan il-każ, il-Kummissjoni kkonstatat, u dan b'mod korrett, kif ser jiġi espost iktar 'il quddiem fil-kuntest tal-eżami tat-tielet parti tal-ewwel motiv, li l-kontinwità territorjali bejn Korsika u l-kontinent Franċiż kienet diġà żgurata permezz tas-servizz bażiku komplut permezz tal-forzi tas-suq, suġġetti għal OSP. Għalhekk, minbarra l-fatt li s-servizz komplementari ma kienx jissodisfa b'mod ċar il-ħtieġa reali ta' servizz pubbliku, lanqas kien indispensabbli għat-twettiq tal-għan teoretiku ta' kontinwità territorjali li kienet mogħtija lilu mill-awtoritajiet Franċiżi.

174 Fir-raba' lok, għandu jiġi kkunsidrat li huwa għalxejn li SNCM tallega li l-approċċ adottat mill-Kummissjoni jfisser li huwa prattikament impossibbli li s-servizz pubbliku jopera b'mod tajjeb inkwantu hija tirriżervah biss għall-attivitajiet li ma jagħmlux profitt, u b'hekk teskludi kull mekkaniżmu ta' ekwalizzazzjoni u tiddiswadi kull operatur ekonomiku prudenti u informat milli jipprovdi servizz pubbliku. Fil-fatt, kif diġà enfasizzat fil-punti 101 u 155 hawn fuq, kemm is-servizz bażiku kif ukoll is-servizz komplementari jippreżentaw defiċit operatorju sinjifikattiv u rikorrenti, li jeskludi kull possibbiltà ta' ekwalizzazzjoni finanzjarja bejniethom.

175 Fil-ħames lok, SNCM tiddikjara li l-ħtieġa ta' analiżi globali tas-servizz bażiku u tas-servizz komplementari hija dedotta wkoll mill-punt 6 tad-Deċiżjoni tal-Conseil d'État (kunsill tal-istat, Franza) tat-13 ta' Lulju 2012 u mill-prassi deċiżjonali preċedenti tal-Kummissjoni dwar id-DSP preċedenti għas-servizz marittimu ta' Korsika.

176 Issa, minn naħa, SNCM ma għandhiex tuża l-passaġġ tal-punt 6 tad-Deċiżjoni tal-Conseil d'État (kunsill tal-istat, Franza) tat-13 ta' Lulju 2012 li hija tiċċita. Fil-fatt, la l-Kummissjoni u lanqas il-qorti tal-Unjoni ma huma marbuta bl-interpretazzjoni li l-Conseil d'État jagħti għad-dispożizzjonijiet tar-regolament kabotaġġ marittimu. F'dan il-każ, SNCM għandha wisq inqas bażi sabiex tinvoka l-imsemmi estratt li, fid-data li fiha l-Conseil d'État ta d-deċiżjoni tiegħu, il-proċedura ta' investigazzjoni formali li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata kienet diġà infetħet mill-Kummissjoni.

177 Minn naħa l-oħra, SNCM ma għandhiex tinvoka l-prassi deċiżjonali preċedenti tal-Kummissjoni dwar id-DSP preċedenti għas-servizz marittimu ta' Korsika, u dan għar-raġunijiet diġà esposti fil-punti 98 u 99 hawn fuq.

178 Fir-rigward tat-tieni sett ta' argumenti, fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li huwa korrett li l-Kummissjoni rrilevat, fil-premessa 141 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-ebda komplementarjetà teknika ma ġiet stabbilita bejn is-servizz bażiku u s-servizz komplementari.

179 F'dan ir-rigward, hemm lok li jitfakkar li, minbarra l-fatt li dawn is-servizzi huma suġġetti għal obbligi distinti, b'mod partikolari f'termini ta' ħinijiet u ta' frekwenza ta' vjaġġi (ara l-punt 151 hawn fuq), huma eżegwiti wkoll bl-użu ta' vapuri ta' tipi differenti u li għandhom għanijiet distinti (ara l-punti 152, 160 u 161 hawn fuq). Fil-fatt, is-servizz bażiku huwa operat b'vapuri tal-merkanzija mħalltin, li jippermettu t-trasport ta' merkanzija u ta' passiġġieri, filwaqt li s-servizz komplementari huwa operat b'laneċ, li jippermettu biss t-trasport ta' passiġġieri u tal-vetturi tagħhom. Id-differenzi tekniċi bejn dawn iż-żewġ tipi ta' vapuri jipprevjenu mhux biss li, b'mod partikolari, dawk użati għall-provvista tas-servizz komplementari jintużaw għall-provvista tas-servizz bażiku, iżda wkoll sabiex ikun hemm ekonomiji ta' skala, b'mod partikolari fuq livell ta' manutenzjoni u ta' tiswija tal-mezzi nawtiċi. Ma' dan jiżdied il-fatt li l-persunal għandu jkun suġġett ta' ċertifikazzjoni differenti skont it-tip ta' vapur u għalhekk ma huwiex sostitwibbli.

180 Dawn il-konstatazzjonijiet ma għandhomx jiġu kkontestati bl-allegazzjoni ta' SNCM li ż-żewġ tipi ta' servizzi jippreżentaw "numru ta' karatteristiċi tekniċi komuni, b'mod partikolari f'termini ta' kwalità ta' servizz" u li fl-opinjoni tagħha jeżistu sinerġiji sinjifikattivi bejniethom minħabba l-fatt li għandhom l-istess infrastruttura tal-portijiet, l-istess netwerk ta' aġenziji u l-istess mezzi tat-telefon u telematiċi għar-riżervazzjoni tal-biljetti kif ukoll l-istess persunal fuq il-moll u jistgħu jużaw l-istess proċeduri ta' ċertifikazzjoni u ta' kontroll ta' iġjene u ta' sigurtà ta' ikel. Fil-fatt, kif issostni b'mod korrett il-Kummissjoni, minn naħa, is-sinerġiji hekk invokati għandhom natura relattivament marġinali, peress li s-sors tal-ispejjeż tas-servizzi kkonċernati jinsabu fil-mezzi nawtiċi u tal-persunal u, min-naħa l-oħra, il-qsim tal-istrutturi amministrattivi u kummerċjali komuni ma għandhomx jikkostitwixxu komplementarjetà valida għall-finijiet ta' din il-problema peress li tista', f'kull każ, tapplika għall-attivitajiet kollha ta' SNCM.

181 Wara kollox ma għandiex tintlaqa' l-allegazzjoni ta' SNCM li l-laneċ għandhom jissostitwixxu l-vapuri tal-merkanzija mħalltin jekk dawn tal-aħħar jieqfu bil-ħsara. Fil-fatt, minbarra l-fatt li l-laneċ ma jippermettux trasport tal-merkanzija, jirriżulta b'mod ċar mit-tabelli li jinsabu taħt il-punt B "Preżentazzjoni tas-snin tip" tal-anness 2 tal-FDSP li, meta jieqfu minħabba raġunijiet tekniċi l-vapuri tal-merkanzija mħalltin, il-vjaġġi kkonċernati għandhom dejjem isiru minn vapuri tal-merkanzija mħalltin oħra, imsemmija f'dawn it-tabelli, u mhux minn laneċ.

182 Fit-tieni lok, għandu jiġi kkonstatat li l-ebda argument invokat minn SNCM ma jippermetti li jiġi konkluż li l-inklużjoni tas-servizz komplementari fil-firxa tas-servizz pubbliku kien iġġustifikat b'kunsiderazzjonijiet ta' effiċjenza ekonomika.

183 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li diġà ġie kkonstatat fil-punti 101, 155 u 174 hawn fuq li s-servizz komplementari jippreżenta defiċit operatorju.

184 L-argument ta' SNCM li dan l-aħħar servizz jikkontribwixxi b'mod fundamentali, permezz tad-dħul li jiġġenera mill-ġestjoni tas-servizz marittimu ta' Korsika fil-perijodi li l-iktar huma ffrekwentati, għall-ekwilibriju ekonomiku globali tas-servizz bażiku u tad-DSP kif ukoll għall-finanzjament tal-kontinwità territorjali, ma għandux jintlaqa'.

185 F'dan ir-rigward, qabel xejn, hem lok li jiġi kkunsidrat li huwa żbaljat li SNCM tikkritika lill-Kummissjoni li ma eżaminatx jekk "[is-servizz komplementari], li jkopri tal-inqas l-ispejjeż varjabbli speċifiċi, setax jikkontribwixxi sabiex ikopri parti mill-ispejjeż stabbiliti komuni mas-servizz [bażiku]". Fil-fatt, mill-analiżi tad-dikjarazzjoni tad-dħul ta' SNCM, prodotti minnha waqt il-proċedura amministrattiva, jirriżulta li, għal kull sena tal-perijodu 2007-2011, id-dħul nett iġġenerat mil-laneċ kien inqas mill-ispejjeż diretti ta' dan is-servizz (jiġifieri, b'mod partikolari, l-ispejjeż marittimi, ta' persunal u ta' provvisti) (ara l-punt 155 hawn fuq).

186 Imbagħad, huwa għal xejn li, insostenn ta' dan l-argument, SNCM issostni l-allegazzjoni tagħha li l-laneċ setgħu jintużaw ukoll għall-provvista tas-servizz bażiku. Din l-allegazzjoni għandha, fil-fatt, tiġi miċħuda għar-raġunijiet diġà esposti fil-punti 152, 160, 161 u 181 hawn fuq.

187 Finalment, fir-rigward tal-argument ta' SNCM li l-kontribut tad-dħul iġġenerat mis-servizz komplementari għar-remunerazzjoni globali ta' din il-kumpannija huwa sinjifikattiv ferm peress li l-perijodi korrispondenti għal dan is-servizz huma dawk li l-iktar huma ta' profitt, għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv. Fil-fatt, anki jekk jiġi preżunt li dan huwa korrett, xorta jibqa' l-fatt li l-imsemmi dħul ma kienx biżżejjed sabiex jikkumpensa l-ispejjeż diretti marbuta mal-provvista ta' dan is-servizz (ara l-punti 101, 155, 174 u 185 hawn fuq).

188 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti għandu jiġi konkluż li t-tielet subparti tat-tieni parti tal-ewwel motiv u, għalhekk, din it-tieni parti kollha kemm hi, għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Fuq it-tielet parti, invokata b'mod sussidjarju, ibbażata fuq il-fatt li s-servizz komplementari, ikkunsidrat waħdu, jissodisfa l-ewwel kriterju Altmark

189 Fil-kuntest tat-tielet parti tal-ewwel motiv, invokata b'mod sussidjarju, SNCM issostni li s-servizz komplementari, ikkunsidrat waħdu, jissodisfa l-ewwel kriterju Altmark u li l-Kummissjoni għalhekk ikkommettiet żball manifest ta' evalwazzjoni billi kkunsidrat li l-inklużjoni ta' dan is-servizz fil-firxa tas-servizz pubbliku ma kinitx tikkorrispondi għal ħtieġa reali tas-servizz pubbliku.

190 Din it-tielet parti tista' tinqasam f'erba' subpartijiet.

– Fuq l-ewwel subparti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni evalwat b'mod żbaljat is-sostitwibbiltà tas-servizzi ta' trasport ta' passiġġieri li jitilqu minn Marseille ma' dawk li jitilqu minn Toulon

191 SNCM issostni li l-konstatazzjoni tal-Kummissjoni, li tinsab fil-premessa 160 tad-deċiżjoni kkontestata, li "[s]-servizz kumplimentari kien ġeneralment sostitwibbli f'termini ta' domanda ta' passiġġieri għas-servizzi li jitilqu minn Toulon lejn Bastia u Ajaccio, meta ngħata l-FDSP" tistrieħ fuq raġunament manifestament żbaljat.

192 Il-Kummissjoni, sostnuta minn Corsica Ferries, tikkontesta l-argumenti mressqa minn SNCM.

193 Insostenn tal-argument tagħha, fl-ewwel lok, SNCM tiddikjara li r-raġunament tal-Kummissjoni jistrieħ fuq analiżi żbaljata u kontradittorja tal-istatistika tat-traffiku tal-passiġġieri.

194 Għandu jiġi kkonstatat li l-ebda kritika magħmula minn SNCM insostenn ta' din id-dikjarazzjoni ma hija fondata.

195 B'hekk, l-ewwel nett, huwa għalxejn li SNCM tikkritika lill-Kummissjoni li analizzat, fil-premessi 154 u 155 tad-deċiżjoni kkontestata, l-evoluzzjoni tat-traffiku tal-passiġġieri bejn il-kontinent Franċiż u Korsika bejn l-2002 u l-2009, jiġifieri perijodu li jinkludi sentejn wara l-għoti tad-DSP. Fil-fatt, it-teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn is-sentejn, minbarra s-snin mill-2002 sal-2007, jippermetti li jiġu pperċepiti t-tendenzi l-kbar taż-żieda tat-traffiku tal-passiġġieri fuq perijodu itwal u li jiġi kkonstatat li dan ma kienx naqas wara l-għoti tad-DSP. Qabel xejn, għandu jiġi rrimarkat li lanqas ma ġie allegat minn SNCM li ż-żieda tat-traffiku tal-passiġġieri wara s-sena 2007 kienet tirrappreżenta differenzi sinjifikattivi meta mqabbla ma' dik relatata mas-snin ta' qabel.

196 It-tieni nett, għandu jiġi kkunsidrat li l-osservazzjoni ta' SNCM li, matul il-perijodu 2002-2009, it-traffiku tal-passiġġieri li jitlaq minn Marseille baqa' kważi stabbli filwaqt li dak li jitlaq minn Toulon żdied ħafna bl-ebda mod ma jikkontradixxi l-konklużjoni tal-Kummissjoni relatata mal-eżistenza ta' sostitwibbiltà, mill-perspettiva tat-talba, tas-servizzi ta' trasport marittimu ta' passiġġieri offerti fuq il-linja Marseille-Korsika ma' dawk offerti fuq il-linja Toulon-Korsika.

197 Fil-fatt, mill-proċess jirriżulta li, kif dan ġie kkonstatat fil-premessa 154 tad-deċiżjoni kkontestata, it-traffiku globali għat-trasport marittimu ta' passiġġieri bejn il-kontinent Franċiż u Korsika żdied b'mod sinjifikattiv matul il-perijodu 2002-2009 (+ 31.6 %) u li din iż-żieda ġiet assorbita, u dan fil-parti l-kbira tagħha, mill-forniturі li joperaw bi tluq minn Toulon (+ 150 %), u mhux minn dawk li joperaw bi tluq minn Marseille (- 1.7 %). L-osservazzjoni ta' SNCM li filwaqt li kien hemm żieda fit-traffiku bi tluq minn Toulon magħha kien hemm kważi-stabbiltà tat-traffiku li jitlaq minn Marseille ma tiħux inkunsiderazzjoni l-evoluzzjoni tat-traffiku globali u l-iżvilupp ta' sehem tas-suq tal-operaturi. Issa, huwa inkontestabbli li, f'dan il-kuntest ta' evoluzzjoni ġenerali tat-traffiku bejn Korsika u l-kontinent Franċiż, is-sehem tas-suq tal-forniturі li joperaw bi tluq minn Toulon żdied b'mod kunsiderevoli, filwaqt li dak tal-forniturі li joperaw bi tluq minn Marseille naqas. F'dan ir-rigward ma huwiex determinanti li f'termini tan-numru assolut ta' passiġġieri, ir-rotta Marseille-Korsika kienet kważi staġnata, filwaqt li bħala proporzjon tal-ishma tas-suq, hija kellha tnaqqis nett. Minn dan setgħet tiġi dedotta b'mod ċar l-eżistenza ta' ċaqliq tat-trasport marittimu ta' passiġġieri mir-rotta Marseille-Korsika lejn ir-rotta Toulon-Korsika u, għalhekk, ta' sostitwibbiltà, mill-perspettiva tat-talba, tas-servizzi offruti fuq l-ewwel rotta ma' dawk offruti fuq it-tieni.

198 Għandu jiżdied li SNCM ma tikkontestax l-argumenti li jidhru fil-premessa 157 tad-deċiżjoni kkontestata, li tipprovdi dan li ġej:

"Fil-fatt, l-evoluzzjoni tat-traffiku bejn Franza kontinentali u Korsika għall-benefiċċju tat-traversati li jitilqu minn Toulon hija aktar qawwija għas-servizz kumplimentari. Bejn l-2002 u l-2005, it-traffiku reali osservat fuq is-servizz kumplimentari naqas b'208 213-il passiġġier fuq il-konnessjoni bejn Marsilja u Korsika, filwaqt li t-traffiku żdied bi 324 466 passiġġier fuq il-konnessjoni bejn Toulon u Korsika fl-istess perjodu. It-tnaqqis fil-proporzjon tat-traffiku pprovdut mis-servizz kumplimentari għall-benefiċċju ta' operaturi oħrajn tas-suq, f'kuntest ta' żieda globali tat-traffiku mill-2002, jindika grad għoli ta' sostitwibbiltà bejn iż-żewġ servizzi."

199 It-tielet nett, huwa żbaljat li SNCM tallega li l-analiżi tal-Kummissjoni li tidher fil-premessa 154 tad-deċiżjoni kkontestata tikkontradixxi l-premessa 155 ta' din id-deċiżjoni, fejn din tal-aħħar iddikjarat li x-xejra kkonstatata ma jidhirx li hija imputabbli għal effett ta' assorbiment tad-domanda mal-Italja peress li t-traffiku marittimu ta' passiġġieri bejn Korsika u l-Italja kien baqa' stabbli matul il-perijodu kkonċernat. Fil-fatt, fl-imsemmija premessa 155, il-Kummissjoni bl-ebda mod ma rreferiet għal tali stabbiltà tat-traffiku bejn Korsika u l-Italja. Hija tirribatti argument tal-awtoritajiet Franċiżi li r-rotot bejn Korsika u l-Italja assorbew parti mit-traffiku tar-rotot Marseille-Korsika billi bbażat ruħha, għall-kuntrarju, fuq il-fatt li l-parti tat-traffiku marittimu tal-passiġġieri li minn jew lejn il-portijiet kollha ta' Korsika rrappreżentata mir-rotot lejn l-Italja kienet naqset b'mod globali matul il-perijodu kkonċernat. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat mid-data ppubblikata mill-osservazzjoni reġjonali tat-trasport ta' Korsika li effettivament jirriżulta li, bejn l-2002 u l-2009, jekk it-traffiku bejn Korsika u l-Italja żdied b'4.6 %, madankollu, it-traffiku globali bejn Korsika u l-portijiet differenti kontinentali żdied b'iktar minn 21 %. B'hekk, il-parti tat-traffiku ta' Korsika rrappreżentat mir-rotot lejn l-Italja naqas minn 39.1 % fl-2002 għal 33.8 % fl-2009.

200 Ir-raba' nett, huwa żbaljat li SNCM tikkritika lill-Kummissjoni li kkunsidrat, fil-kuntest tal-analiżi tagħha tas-sostitwibbiltà tas-servizzi, iċ-ċaqliq tat-traffiku tar-rotta Marseille-Korsika lejn ir-rotta Toulon-Korsika matul is-snin 2004 u 2005, minħabba l-fatt li dawn is-snin kienu kkaratterizzati minn strajks sinjifikattivi li affettwaw b'mod qawwi t-traffiku li kien jitlaq minn Marseille.

201 Fil-fatt, qabel xejn, għandu jitfakkar li l-analiżi li l-Kummissjoni għamlet fil-premessi 154 sa 160 tad-deċiżjoni kkontestata ma tillimitax ruħha għas-snin 2004 u 2005, iżda tkopri perijodu mill-2002 sal-2009. Sussegwentement, il-kunflitti soċjali li għalihom tirreferi SNCM saru biss matul ix-xhur ta' Settembru 2004, Settembru 2005 u Ottubru 2005, u mhux matul is-snin 2004 u 2005, kif tidher qed issostni. Fl-aħħar nett, kif ġustament tirrileva l-Kummissjoni meta tirreferi għall-punt 38

tal-Komunikazzjoni tagħha fuq id-definizzjoni tas-suq inkwistjoni għall-finijiet tad-dritt Komunitarju dwar il-kompetizzjoni (ĠU 1997, C 372, p. 5), fid-dritt tal-kompetizzjoni, l-esperjenza ta' strajk tista' tintuża sabiex tillimita suq.

202 Fit-tieni lok, għandu jiġi kkunsidrat li huwa żbaljat li SNCM tiddeskrivi l-analiżi tas-sostitwibbiltà tas-servizzi mogħtija mill-Kummissjoni bħala "partikolarment rudimentali" inkwantu tikkunsidra biss l-iżvilupp tal-volumi, mingħajr ma tivverifika jekk is-servizzi offruti minn Corsica Ferries kinux sostitwibbli għas-servizzi tagħha stess, u dan f'termini ta' ħinijiet li għandhom jiġu osservati, limiti ta' tariffi, kwalità tas-servizzi u destinazzjonijiet koperti bir-rotot.

203 L-analiżi tal-Kummissjoni tistrieħ, fil-fatt, fuq eżami ddettaljat tal-aġir tal-konsumaturi kif ukoll ta' elementi razzjonali u ta' konstatazzjonijiet fattwali li jirriżultaw, b'mod partikolari, mid-data pubblika relatata mal-offerta u mat-talba ta' servizzi ta' trasport marittimu. B'hekk, kif ġustament tirrimarka l-Kummissjoni, meta utent jagħmel l-għażla li jasal Korsika minn Toulon minflok jitlaq minn Marseille, bilfors jieħu inkunsiderazzjoni l-firxa kollha msemmija minn SNCM. Jista' leġittimament jiġi preżunt li, kieku kienet verament teżisti differenza kwalitattiva bejn is-servizzi fornuti minn din il-kumpannija li jitilqu minn Marseille u dawk fornuti minn Corsica Ferries li jitilqu minn Toulon, dan kien iwaqqaf iċ-ċaqliq tat-traffiku kkonstatati fil-punti 197 u 198 iktar 'il fuq. Barra minn hekk, kif diġà ġie espost fil-punti 137 u 139 hawn fuq, is-servizzi offruti minn Corsica Ferries għandhom jissodisfaw numru ta' rekwiżiti f'termini ta' regolarità, kontinwità, frekwenza ta' vjaġġi, kapaċità ta' twettiq tas-servizzi, tariffi u persunal tal-vapuri u jingħataw f'kundizzjonijiet li huma kompatibbli mas-servizz ġenerali.

204 F'dan il-kuntest, għandu jiżdied li, fil-premessa 158 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tikkunsidra wkoll, għall-finijiet tal-analiżi tagħha tas-sostitwibbiltà tas-servizzi "[b]'mod aktar kwalitattiv", id-distanza qasira bejn Marseille u Toulon. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li huwa korrett li hija kkunsidrat li d-distanza qasira, jiġifieri madwar 50 km għad-dritt u 65 km bħala vjaġġ, u l-fatt li l-ħin tal-vjaġġ tar-rotta bejn iż-żewġt ibliet huwa biss ta' 45 minuta, li huwa ħin ħafna inqas minn dak tal-vjaġġ lejn Korsika jekk titlaq mill-kontinent Franċiż, jikkostitwixxu indizji rilevanti tas-sostitwibbiltà, mill-perspettiva tat-talba, tas-servizzi ta' trasport marittimu ta' passiġġieri li jitilqu minn Marseille u dawk li jitilqu minn Toulon. Ma' dan jiżdied il-fatt li l-port ta' Toulon huwa eqreb lejn Korsika minn dak ta' Marseille, li jippermetti lill-vapuri li joperaw bi tluq mill-ewwel port li jagħmlu l-vjaġġ f'inqas ħin minn dawk li joperaw bi tluq mit-tieni wieħed. Fid-dawl ta' dawn il-punti, ftit huwa plawżibbli li dawn il-45 minuta addizzjonali ta' vjaġġ bil-karozza jiskoraġġixxu lill-persuni li jirrisjedu jew li jaħdmu f'Marseille li jibbukkjaw il-vjaġġ Toulon-Korsika. Ir-rilevanza ta' dawn il-konstatazzjonijiet differenti ma hijiex, qabel xejn, ikkontestata minn SNCM.

205 Ċertament, kif ġustament tirrileva SNCM, il-port ta' Propriano, li kien wieħed mit-tliet portijiet ta' Korsika koperti bis-servizz komplementari, ma kellux servizz bil-vapuri li jitilqu minn Toulon. Madankollu, huwa kien servut bil-vapuri tal-grupp SNCM-CMN li jitilqu minn Marseille fil-qafas tas-servizz bażiku [ara l-punt I(d) tal-paragrafu 1.3 tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt tal-FDSP]. Għal-linja Marseille-Propriano u għal dan is-servizz, kienet ukoll prevista żieda tal-kapaċitajiet minimi matul il-perijodu mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' Settembru [ara l-punt I(d) tal-paragrafu 1.3(i) tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt tal-FDSP]. Kif korrettament tirrileva l-Kummissjoni, ma teżisti l-ebda indikazzjoni li s-servizz bażiku, hekk imsaħħaħ matul il-ħames xhur fil-perijodu tar-rebbiegħa-sajf, ma kienx biżżejjed sabiex waħdu jissodisfa t-talba tal-utenti fuq din il-linja, anki fil-perijodu l-iktar iffrekwentat. Għalhekk, għandu jiġi kkunsidrat li s-servizzi mogħtija bl-imsemmija linja fil-qafas tas-servizz komplementari ma kinux jissodisfaw ħtieġa reali ta' servizz pubbliku u li l-kwistjoni ta' sostitwibbiltà tal-portijiet ta' Marseille u ta' Toulon għas-servizz ta' Propriano għaldaqstant lanqas kienet tqum.

206 Barra minn hekk, u fi kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat li, kif tirrileva l-Kummissjoni fil-premessa 164 u fin-nota ta' qiegħ il-paġna 98 tad-deċiżjoni kkontestata, it-traffiku fuq il-linja Marseille-Propriano kien jirrappreżenta biss proporzjon żgħir (madwar 10 %) tal-attività kollha koperta

bis-servizz komplementari. Proporzjon daqstant żgħir ma kienx jippermetti li tkun iġġustifikata l-eżistenza ta' servizz pubbliku kbir daqs is-servizz komplementari, li ma kienx kopert b'din il-linja. Kif huwa indikat fl-imsemmija premessa, "il-proporzjon żgħir ta' traffiku rrappreżentat minn din ir-rotta ma jippermettix li wieħed jikkunsidra li n-nuqqas ta' inizjattiva privata fuq din ir-rotta jinvalida l-konklużjoni dwar is-servizz kumplimentari kollu".

207 Finalment, għandu jiġi enfasizzat li, sabiex jiġi konkluż li hemm sostitwibbiltà f'dan il-każ, ma kienx neċessarju li r-rekwiżiti applikabbli għas-servizzi li jitilqu minn Marseille u dawk li jitilqu minn Toulon ikunu identiċi b'mod rigoruż.

208 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-Kummissjoni kkunsidrat b'mod korrett li s-servizzi ta' transport marittimu mogħtija fir-rotta Marseille-Korsika fil-kuntest tas-servizz komplementari u dawk mogħtija fir-rotta Toulon-Korsika kienu, mill-perspettiva tat-talba tal-passiġġieri, sostitwibbli bejniethom.

– Fuq it-tieni subparti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni evalwat b'mod żbaljat in-nuqqas ta' inizjattiva privata

209 Fil-kuntest ta' din it-tieni subparti, SNCM issostni li l-analiżi tan-nuqqas ta' inizjattiva privata magħmula mill-Kummissjoni fil-premessi 161 sa 166 tad-deċiżjoni kkontestata ma hijiex suffiċjentement immotivata u hija manifestament żbaljata.

210 Din l-analiżi kompliet bil-mod segwenti fil-premessa 162 tad-deċiżjoni kkontestata:

"[…] qabblet it-traffiku reali tal-passiġġieri lejn kull wieħed mill-portijiet tas-servizz kumplimentari mal-offerta ta' trasport ipprovduta minn Corsica Ferries bi tluq minn Toulon, u mis-servizz bażiku tad-DSP. Minn dan jirriżulta li, għall-portijiet ta' Bastia u ta' Ajaccio, li jirrappreżentaw 90 % tal-kapaċitajiet meħtieġa mis-servizz kumplimentari, il-kombinazzjoni tal-kapaċitajiet offruti mis-servizz bażiku tad-DSP, bi tluq minn Marsilja, u mis-servizz tal-inizjattiva privata li kienet teżisti bejn l-2004 u l-2006 bi tluq minn Toulon kienet biżżejjed sabiex tissodisfa d-domanda effettivament osservata, kemm għall-perjodu ta' bejn ir-rebbiegħa u l-ħarifa, kif ukoll għall-perjodu tas-sajf, għal kull wieħed mill-portijiet u għal kull sena bejn l-2004 u l-2006."

211 Il-Kummissjoni u Corsica Ferries jikkontestaw l-allegazzjonijiet ta' SNCM.

212 Insostenn tal-argument tagħha, fl-ewwel lok, SNCM tilmenta li l-Kummissjoni ma tat l-ebda dettall u l-ebda ċifra fuq il-kalkolu ikkomparat tal-offerta u tat-talba deskritta fil-premessa 162 tad-deċiżjoni kkontestata.

213 Dan l-ilment għandu jiġi miċħud bħala infondat. Fil-fatt, kif il-Kummissjoni kkonfermat fit-tweġiba tagħha għal mistoqsija bil-miktub tal-Qorti Ġenerali, l-informazzjoni li hija użat sabiex tagħmel l-analiżi kkritikata hija informazzjoni pubblika li toħroġ mill-osservazzjoni reġjonali tat-trasport ta' Korsika, li ġiet ikkomunikata lilha minn Corsica Ferries waqt il-proċedura amministrattiva u ma kinitx ikkontestata mill-awtoritajiet Franċiżi waqt din il-proċedura. SNCM, li tinsab f'pożizzjoni tajba sabiex tkun taf is-sitwazzjoni tal-offerta u d-domanda ta' trasport marittimu bejn il-kontinent Franċiż u Korsika kif ukoll l-informazzjoni relatata mal-kapaċitajiet previsti mill-FDSP, ma tistax għalhekk tallega b'mod serju, kif għamlet fl-osservazzjonijiet tagħha, li ma setgħetx tifhem ir-raġunament tal-Kummissjoni u tivverifika jekk id-data użata minn din tal-aħħar kinitx korretta jew le. Fir-rigward tal-metodoloġija użata mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-analiżi tagħha, jirriżulta b'mod ċar mill-premessa 162 tad-deċiżjoni kkontestata li din hija sempliċement paragun, għal kull sena mill-2004 sa l-2006, bill issir distinzjoni bejn il-perijodu msejjaħ "rebbiegħa-ħarifa" u dak imsejjaħ tas-"sajf", u għall kull wieħed mit-tliet portijiet koperti bis-servizz komplementari, tal-kombinazzjoni tal-kapaċitajiet offruti minn Corsica Ferries li jitilqu minn Toulon u ta' dawk offruti mill-kodelegati

fil-qafas tas-servizz bażiku li jitlaq minn Marseille mat-talba kkonstatat b'mod reali (jiġifieri t-traffiku reali tal-passiġġieri). Billi kkonċentrat fuq il-portijiet ta' Bastia u ta' Ajaccio, li jirrappreżentaw 90 % tal-kapaċitajiet mitluba mis-servizz komplementari, il-Kummissjoni kkonstatat li din il-kombinazzjoni kienet biżżejjed sabiex tiżgura d-domanda effettivament ikkonstatata, billi bbażat ruħha fuq il-fatt li d-differenza bejn l-ewwel u t-tieni kienet sistematikament pożittiva. Għalhekk, il-Kummissjoni mmotivat l-analiżi tagħha tan-nuqqas ta' inizjattiva privata b'mod suffiċjenti fid-dritt.

214 Fit-tieni lok, SNCM issostni li l-analiżi kkomparata tat-traffiku reali ta' passiġġieri mal-kombinazzjoni tal-offerta ta' trasport ipprovduta minn Corsica Ferries u dik ipprovduta fil-qafas tas-servizz bażiku hija manifestament żbaljata inkwantu ma tiħux inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi tas-suq u, b'mod iktar partikolari, l-iżbilanċ sinjifikattiv tat-talba fiż-żmien il-perijodu l-iktar iffrekwentat. Fil-fatt, anki fil-qofol tas-sajf, jeżistu perijodi ffrekwentati ferm, b'mod partikolari fi tmiem il-ġimgħa, li l-imsemmija kombinazzjoni ma tistax tkopri totalment.

215 Għandu jiġi kkonstatat li SNCM ma turix b'mod suffiċjenti fid-dritt l-iżbilanċ allegatament sinjifikattiv tat-talba li hija tinvoka. F'dan ir-rigward, hija tirreferi biss għal estratt mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/166/KE, tad-9 ta' Lulju 2003, dwar l-għajnuna għar-ristrutturazzjoni li Franza tippjana li tagħti lis-Société nationale maritime Corse-Méditerranée (SNCM) (ĠU 2004, L 61, p. 13), li tirreferi għal studju tas-suq li sar, fl-opinjoni tagħha, mill-Kummissjoni. Fil-verità, kif jirriżulta mill-premessa 50 ta' din id-deċiżjoni, dan l-istudju tas-suq ma sarx mill-Kummissjoni, iżda ġie ppreżentat mill-awtoritajiet Franċiżi. Barra minn hekk, l-imsemmi studju tas-suq kien ibbażat fuq informazzjoni disponibbli sal-2001. Issa, il-kundizzjonijiet tas-suq żviluppaw b'mod sinjifikattiv bejn l-2001 u l-2007. Finalment, għandu jiġi rrilevat li d-Deċiżjoni 2004/166 ġiet annullata mill-Qorti Ġenerali permezz tas-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2005, Corsica Ferries France vs Il-Kummissjoni (T-349/03, EU:T:2005:221).

216 Fit-tielet lok, SNCM tiddikjara li, sabiex teżamina l-kwistjoni tan-nuqqas ta' inizjattiva privata, il-Kummissjoni ma setgħetx tipproċedi b'analiżi kwantitattiva tal-offerta magħmula minn Corsica Ferries biss. Fil-fatt, hija kellha targumenta mhux f'termini ta' kapaċità biss, iżda wkoll f'termini ta' tariffi, kontinwità u regolarità u turi li Corsica Ferries kienet toffri s-servizzi tagħha f'kundizzjonijiet simili għal dawk mogħtija minn SNCM fil-qafas tas-servizz komplementari. SNCM tirrileva, f'dan il-kuntest, li l-Kummissjoni bl-ebda mod ma turi li s-servizzi pprovduti minn Corsica Ferries kienu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalità mitluba mill-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt.

217 L-ilmenti hekk magħmula kontra l-Kummissjoni għalhekk ma għandhomx jintlaqgħu.

218 Ċertament, kif jirriżulta mill-proċess, u barra minn hekk kif inhu stabbilit bejn il-partijiet, l-obbligi tal-FDSP applikabbli għas-servizz komplementari u l-OSP li għalihom huma suġġetti s-servizzi ta' trasport li jitilqu minn Toulon ma humiex strettament identiċi. Madankollu, kif ġustament tirrileva l-Kummissjoni fil-premessa 165 tad-deċiżjoni kkontestata, l-eżistenza ta' differenza kwalitattiva sinjifikattiva bejn is-servizzi tat-transport marittimu pprovduti li jitilqu minn Marseille fil-qafas tas-servizz komplementari u s-servizzi ta' trasport marittimu pprovduti li jitilqu minn Toulon li tista' tiddiswadi lill-utenti tal-ewwel li jużaw it-tieni ma ġietx murija wara kollox.

219 F'dan ir-rigward, qabel xejn, għandu jitfakkar li l-obbligi previsti mill-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt tal-FDSP huma inqas mandatorji f'dak li jirrigwarda s-servizz komplementari minn dak li jirrigwarda s-servizz bażiku (ara l-punt 151 hawn fuq). Imbagħad, hemm lok li jsir riferiment għall-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 202 sa 204 hawn taħt, li minnhom jirriżulta li, barra mill-fatt li s-servizzi pprovduti minn Corsica Ferries għandhom jissodisfaw numru ta' rekwiżiti f'termini ta' regolarità, kontinwità, frekwenza ta' vjaġġi, kapaċità ta' twettiq tas-servizz, tariffi u persunal tal-vapuri u jintervjenu f'kundizzjonijiet kompatibbli mal-interess ġenerali, ma huwiex stabbilit li teżisti differenza kwalitattiva reali bejn l-imsemmija servizzi u dawk pprovduti minn SNCM li jitilqu minn Marseille. Fl-aħħar nett, fir-rigward, b'mod iktar preċiż, tal-obbligi ta' kwalità tas-servizz offrut kif previsti fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt tal-FDSP għas-servizz komplementari, invokati minn SNCM,

huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li din tal-aħħar ma pproduċietx l-iċken prova li tista' tistabbilixxi li kien jeżisti xi ħtieġa partikolari tal-vjaġġaturi li ma kinitx ġiet issodisfatta fil-qafas tal-provvista tas-servizzi ta' trasport marittimu mill-kumpanniji li joperaw bi tluq minn Toulon. Barra minn hekk, is-servizz komplementari kien fih biss ftit obbligi f'termini ta' kwalita tas-servizz offrut u dawn ma kinux differenti b'mod fundamentali minn dawk applikabbli għas-servizzi ta' trasport ipprovduti mill-kumpanniji kompetituri, b'mod partikolari Corsica Ferries.

220 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Kummissjoni kienet korretta meta kkunsidrat li f'dan il-każ ma kienet inġabet l-ebda prova tan-nuqqas ta' inizjattiva privata li tirrigwarda s-servizz komplementari.

– Fuq it-tielet subparti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni b'mod żbaljat naqset milli tanalizza l-impatt li kien ikun hemm bit-tneħħija tas-servizz komplementari fuq l-offerta effettivament ikkonstatata

221 SNCM tilmenta li l-Kummissjoni ma evalwatx l-impatt li kien ikollha t-tneħħija tas-servizz komplementari fuq l-offerta effettivament ikkonstatata, li kien iwassal lil din tal-aħħar sabiex tissopravaluta inizjattiva privata li tista' tissostitwixxi dan is-servizz. Fil-fatt, qabel xejn, ma hemm xejn fid-deċiżjoni kkontestata li jindika li s-servizzi ta' Corsica Ferries li jitilqu minn Toulon u dawk ta' SNCM li jitilqu minn Marseille kienu perfettament sostitwibbli. Imbagħad, xejn ma jindika li, minbarra kull kuntratt ta' servizz pubbliku, l-offerta ta' Corsica Ferries kienet tali li tiżgura kontinwità u regolarità ta' servizz ekwivalenti għal dawk tas-servizz komplementari. Finalment, f'każ ta' tneħħija tal-kumpens imħallas, il-preżenza stess ta' SNCM fuq is-suq hija kkontestata, li tpoġġi lil Corsica Ferries f'sitwazzjoni ta' kważi-monopolju u timbotta lil din tal-aħħar sabiex iżżid it-tariffi tagħha b'mod sinjifikattiv u tnaqqas il-kwalità tas-servizz tagħha.

222 Il-Kummissjoni tiċħad l-allegazzjonijiet ta' SNCM.

223 Din it-tielet subparti ma għandhiex tintlaqa'. Fil-fatt, it-tliet premessi li fuqhom huwa bbażat l-ilment magħmul minn SNCM kontra l-Kummissjoni huma żbaljati.

224 B'hekk, fl-ewwel lok, il-Kummissjoni ma għandhiex b'mod raġonevoli tintalab turi l-eżistenza ta' sostitwibbiltà perfetta bejn is-servizzi ta' transport ipprovduti li jitilqu minn Toulon u dawk ipprovduti li jitilqu minn Marseille. Huwa korrett li hija ħadet inkunsiderazzjoni, fil-premessa 160 tad-deċiżjoni kkontestata, li dawn is-servizzi kienu "ġeneralment sostitwibbli".

225 Fit-tieni lok, għandu jiġi kkonstatat li l-analiżi magħmula mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkonstatata tippermetti li jiġi stabbilit b'mod suffiċjenti fid-dritt li, fl-assenza ta' DSP għas-servizz komplementari, l-offerta ta' Corsica Ferries li jitilqu minn Toulon, flimkien ma' dik tal-grupp SNCM-CMN fil-kuntest tas-servizz bażiku, kienet tippermetti li tiġi żgurata l-kontinwità territorjali matul is-sena kollha, inkluż il-perijodi l-iktar iffrekwentati, jew, fi kliem ieħor, li t-talba tal-passiġġieri kienet tkun dejjem issodisfatta (ara l-eżami tal-ewwel u tat-tieni subpartijiet ta' din it-tielet parti hawn fuq).

226 L-allegazzjoni li SNCM tagħmel f'dan il-kuntest, li, fl-assenza ta' DSP għas-servizz komplementari, Corsica Ferries setgħet, b'mod progressiv jew f'daqqa, talloka mill-ġdid il-flotta tagħha lejn destinazzjonijiet oħra mhux Korsika, hija sempliċement spekulazzjoni u ma għandhiex tiġi aċċettata.

227 Fit-tielet lok, għandu jiġi kkunsidrat li huma wkoll sempliċement spekulazzjonijiet u għandhom għalhekk jiġu miċħuda l-allegazzjonijiet ta' SNCM dwar il-konsegwenzi, fuq is-sitwazzjoni tagħha u dik ta' Corsica Ferries, ta' tneħħija ta' kumpens imħallas għas-servizz komplementari.

– Fuq ir-raba' subparti, ibbażata fuq il-fatt li l-kompetituri ta' SNCM li joperaw servizzi li jitilqu minn Toulon ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom f'kundizzjonijiet normali tas-suq

228 SNCM tallega li, kuntrarjament għal dak indikat fil-premessa 166 tad-deċiżjoni kkontestata, dawn il-kompetituri li joperaw servizzi li jitilqu minn Toulon ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom f'kundizzjonijiet normali tas-suq. Fil-fatt, is-servizz li jitlaq minn Toulon huwa ssussidjat minn għajnuna mill-Istat, jiġifieri l-iskema ta' għajnuna soċjali, u huwa suġġett għal OSP bis-saħħa ta' din l-iskema.

229 Il-Kummissjoni u Corsica Ferries jitolbu li din is-subparti tiġi miċħuda.

230 Għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni, meta rrilevat, fl-aħħar sentenza tal-premessa 166 tad-deċiżjoni kkontestata, li "[l]-kompetituri tal-SNCM għat-trasport tal-passiġġieri u li joperaw bi tluq minn Toulon setgħu jitqiesu li qegħdin joperaw fil-kundizzjonijiet normali tas-suq", ma kinitx qed tirreferi għal sitwazzjoni ta' assenza ta' intervent pubbliku fis-suq. Kif jirriżulta mill-ewwel parti tal-imsemmija sentenza – "minħabba l-preżenza tal-OSP u tal-iskema ta' għajnuna soċjali fuq ir-rotta kollha bejn Franza kontinentali u Korsika" –, il-Kummissjoni riedet sempliċement tindika li l-kumpanniji marittimi kollha li joffru servizzi ta' trasport ta' passiġġieri bejn, b'mod partikolari, il-port ta' Toulon u l-portijiet ta' Korsika kienu koperti minn skema ta' għajnuna ta' natura soċjali deskritta fil-punt 14 hawn fuq u, minħabba f'hekk, suġġetti għall-obbligi imposti bl-OSP previsti fil-kuntest ta' din l-iskema, b'tali mod li għandhom jiġu kkunsidrati bħala li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom fuq is-suq f'kundizzjonijiet simili. Fi kliem ieħor, il-"kundizzjonijiet normali tas-suq" kienu dawk li kienu jorbtu l-imsemmija skema u l-OSP relatati.

231 Għalhekk, ir-raba' subparti tat-tielet parti u din l-aħħar parti kollha kemm hi għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

Fuq ir-raba' parti, invokata b'mod sussidjarju ferm, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma urietx li s-servizzi pprovduti bis-servizz komplementari jikkostitwixxu tranżazzjoni kummerċjali normali

232 B'mod iktar sussidjarju, jiġifieri fil-każ li kellu jiġi kkunsidrat li s-servizz komplementari jikkostitwixxi SIEĠ, SNCM tikkritika lill-Kummissjoni li ma urietx li l-awtoritajiet Franċiżi, meta ftehmu ma' SNCM fuq l-imsemmi servizz, ma aġixxewx bl-istess mod bħal investitur privat fil-kundizzjonijiet normali tas-suq u li x-xiri tas-servizzi pprovduti fil-qafas tal-imsemmi servizz ma setax għalhekk jiġi kklassifikat bħala tranżazzjoni kummerċjali normali.

233 Għandu jiġi kkonstatat li, kif il-Kummissjoni u Corsica Ferries isostnu b'mod korrett, il-kriterju tal-investitur privat fl-ekonomija tas-suq ma huwiex applikabbli fil-każ bħal dak f'din il-kawża. Fil-fatt, minn naħa, meta awtorità pubblika tippreżenta ruħha bħala awtorità organizzatriċi u delegata tas-servizz pubbliku, hija twarrab b'dan il-mod l-applikabbiltà ta' dan il-kriterju peress li hija taġixxi, bħala prinċipju, bħala awtorità pubblika. Min-naħa l-oħra, kuntrarjament għall-pożizzjoni difiża minn SNCM, l-aġir tal-awtoritajiet Franċiżi f'din il-kawża ma għandux jiġi assimilat għal xiri, minnhom, bil-ħlas ta' prezz, ta' servizzi ta' trasport marittimu. Fir-realtà, dan il-każ jirrigwarda ftehim li bih awtorità pubblika tafda l-ġestjoni ta' servizz pubbliku lil operaturi ekonomiċi, permezz tal-ħlas ta' kumpens finanzjarju lil dawn tal-aħħar. F'tali sitwazzjoni, huma l-erba' kriterji Altmark li għandhom japplikaw sabiex jiġi stabbilit jekk dan il-kumpens jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat u, b'mod partikolari, vantaġġ selettiv.

234 Għaldaqstant, ir-raba' parti tal-ewwel motiv ma għandhiex tiġi milqugħa.

235 Minn dan isegwi li l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat kollu kemm hu. Għalhekk għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni korrettament ikkunsidrat li l-inklużjoni tas-servizz komplementari fil-firxa tas-servizz pubbliku ma kienx jissodisfa ħtieġa reali ta' servizz pubbliku u li r-Repubblika Franċiża kienet, għalhekk, wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta kklassifikat is-servizz komplementari bħala SIEĠ.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kkunsidrat b'mod żbaljat li l-FDSP ma kienx jissodisfa r-raba' kriterju Altmark

236 Permezz tat-tieni motiv tagħha, SNCM tallega li l-Kummissjoni kkunsidrat b'mod żbaljat li r-raba' kriterju Altmark ma kienx ġie ssodisfatt kemm fir-rigward tas-servizz bażiku kif ukoll fir-rigward tas-servizz komplementari. Hija ssostni li l-proċedura ta' għoti tal-FDSP ippermettiet li tiġi żgurata kompetizzjoni effettiva bejn il-partijiet u, għalhekk, li tintgħażel l-offerta l-iktar ekonomikament vantaġġjuża għall-Awtorità territorjali.

237 Il-Kummissjoni u Corsica Ferries jiċħdu l-argumenti ta' SNCM.

238 Għandu jitfakkar li r-raba' kriterju Altmark huwa ssodisfatt f'żewġ każijiet alternattivi. Skont l-ewwel wieħed, l-għażla tal-impriża li ser teżegwixxi l-OSP għandha ssir fil-qafas ta' proċedura ta' kuntratt pubbliku li jippermetti li jintgħażel il-kandidat li kapaċi jipprovdi s-servizzi inkwistjoni bl-inqas spiża għall-Awtorità territorjali. Skont it-tieni, il-livell ta' kumpens għandu jiġi stabbilit abbażi ta' analiżi tal-ispejjeż li impriża medja, immexxija tajjeb u mgħammra adegwatament bil-mezzi meħtieġa kienet issostni sabiex tissodisfa r-rekwiżiti ta' servizz pubbliku mitluba sabiex teżegwixxi dawn l-obbligi, filwaqt li jiġi kkunsidrat id-dħul li huwa relatat miegħu kif ukoll profitt raġonevoli għall-eżekuzzjoni ta' dawn l-obbligi.

239 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-ebda wieħed minn dawn iż-żewġ każijiet ma seħħew f'dan il-każ (ara l-premessi 169 sa 178 u 179 sa 183 tad-deċiżjoni kkontestata). Fil-qafas ta' dan ir-rikors, SNCM tikkontesta biss il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni relatati mal-ewwel minn dawn il-każijiet.

240 Għandu jiġi kkonstatat li minn numru ta' indizji konverġenti jirriżulta li s-sejħa għal offerti li saret f'dan il-każ manifestament ma wasslitx għal kompetizzjoni reali u miftuħa biżżejjed li tippermetti l-għażla ta' kandidat li jista' jipprovdi s-servizzi ta' transport marittimu inkwistjoni bl-inqas spiża għall-Awtorità territorjali.

241 B'hekk, fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li l-FDSP ingħata lill-grupp SNCM-CMN fi tmiem proċedura nnegozjata wara pubblikazzjoni, u dan wara annullament, mill-Conseil d'État (kunsill tal-istat, Franza), fil-15 ta' Diċembru 2006, tal-ewwel proċedura ta' għoti tad-DSP kollu kemm hu. Issa, kif jirriżulta mill-premessa 170 tad-deċiżjoni kkontestata u mill-punt 66 tal-Komunikazzjoni SIEĠ, proċedura nnegozjata b'pubblikazzjoni tagħti setgħa diskrezzjonali wiesgħa lill-awtorità kontraenti u tista' tillimita l-parteċipazzjoni tal-operaturi kkonċernati. Tali proċedura għalhekk ma tistax tkun ikkunsidrata bħala suffiċjenti sabiex tissodisfa r-raba' kriterju Altmark ħlief f'każijiet eċċezzjonali. Għandu jiżdied illi l-punt 68 tal-istess komunikazzjoni ifakkar li jista' jkun li proċedura ta' għoti ta' kuntratt ma tistax tippermetti spiża inqas għall-Awtorità territorjali minħabba l-fatt li ma twassalx għal kompetizzjoni miftuħa u reali biżżejjed.

242 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li żewġ offerti biss ġew ippreżentati wara l-pubblikazzjoni tal-avviż għal sejħa, jiġifieri l-offerta magħquda ta' SNCM u ta' CMN, minn naħa, u l-offerta ta' Corsica Ferries, min-naħa l-oħra. Issa, fit-teorija, diversi kumpanniji oħra marittimi setgħu jitfgħu offerta għal din is-sejħa għal offerti, fosthom tal-inqas tliet kumpanniji li jipprovdu servizzi regolari ta' trasport marittimu bejn il-kontinent u Korsika [Saremar (Italja-Korsika), Lauro (Italja-Korsika) u Moby (Italja-Korsika iżda wkoll, f'ċertu perijodu Franza kontinentali-Korsika)].

243 Fit-tielet lok, u bħala konsegwenza ta' dak li ġie espost fil-punt 242 hawn fuq, għandu jiġi kkonstatat li, kif jirriżulta mill-premessi 174 sa 177 tad-deċiżjoni kkontestata, numru ta' fatturi, fil-fatt, iddiswadew, jiġifieri impedixxew, lil kandidati potenzjali milli jipparteċipaw fis-sejħa għal offerti.

244 L-ewwel nett, għandu jiġi kkunsidrat li, kif ġie indikat fil-premessa 175 tad-deċiżjoni kkontestata u kif jirriżulta mill-punti 60 u 106 tad-Deċiżjoni 06-MC-03 tal-Kunsill tal-Kompetizzjoni (Franza), tal-11 ta' Diċembru 2006, dwar talbiet għal miżuri protettivi fis-settur tat-trasport marittimu bejn Korsika u l-kontinent, il-grupp SNCM-CMN kellu vantaġġ kompetittiv sinjifikattiv bil-pożizzjoni tiegħu ta' operatur storiku fuq ir-rotta Marseille-Korsika billi kellu diġà vapuri adattati għall-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt tal-FDSP.

245 It-tieni nett, it-termini qosra imposti fil-qafas tal-proċedura tal-għoti tal-kuntratt tal-FDSP żgur kellhom effett projbittiv. F'dan ir-rigward, hemm lok li jitfakkar li s-sejħa għal offerti ġdida u l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt finali ġew ippubblikati fit-30 ta' Diċembru 2006, għal implementazzjoni tad-DSP li kellha tibda sseħħ mill-1 ta' Mejju 2007, jiġifieri erba' xhur iktar tard biss, b'din l-aħħar data saret l-1 ta' Lulju 2007 permezz ta' deliberazzjoni tal-Assemblea ta' Korsika tas-27 ta' April 2007. Minn dan irriżulta li t-terminu bejn id-data tal-għoti tad-DSP, liema għoti sar finalment fis-7 ta' Ġunju 2007, u d-data tal-implementazzjoni tad-DSP kien qasir ferm. Fil-fatt, l-imsemmi terminu kien biss ta' 23 jum. Issa, termini daqstant qosra manifestament ma jippermettux lill-operaturi li ma kinux diġà preżenti fuq ir-rotta Marseille-Korsika sabiex jużaw il-vapuri tagħhom li kienu jitilqu minn rotot oħra jew li jakkwistaw vapuri oħra li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt. Dawn l-operaturi ma ħadux ir-riskju ekonomiku, għoli ferm, li jadattaw minn qabel il-flotta tagħhom fl-assenza ta' xi indikazzjoni favorevoli dwar il-possibbiltà li jidħlu fis-suq.

246 Ċertament, minkejja l-ostakoli li kien hemm minħabba dawn it-termini qosra ħafna, Corsica Ferries setgħet titfa' offerta għas-sejħa għal offerti inkwistjoni. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li din tal-aħħar sabet ruħha f'sitwazzjoni impossibbli li tipproponi data qabel it-12 ta' Novembru 2007 għall-bidu tal-implementazzjoni tad-DSP preċiżament minħabba l-fatt li l-flotta tagħha kellha tibqa' mmobilizzata fuq Nice u Toulon sa din l-aħħar data, peress li l-biljetti ta' trasport għall-istaġun turistiku kienu tpoġġew għall-bejgħ mix-xahar ta' Jannar.

247 It-tielet nett, għandu jiġi kkonstatat li ċerti obbligi ta' natura tekniċi illimitaw ukoll in-numru ta' kandidati li setgħu jippreżentaw offerta għas-sejħa għal offerti. B'hekk, il-vapuri kellhom jissodisfaw rekwiżiti tekniċi preċiżi sabiex ikunu jistgħu jimmanuvraw f'ċerti portijiet ta' Korsika. Pereżempju, kif diġà ġie indikat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 107 tad-deċiżjoni kkontestata, fl-2007, il-port ta' Bastia ma kienx jippermetti l-manuvra ta' vapuri li jkunu itwal minn 180 metru. Din ir-restrizzjoni, flimkien mar-rekwiżit tan-numru minimu għoli ta' metri lineari previst fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt tal-FDSP għat-trasport tal-merkanzija, kien ifisser il-bini ta' vapuri kważi fuq miżura, simili għal xi vapuri ta' SNCM, bħall-*Paglia Orba* u l-*Pascal Paoli*. Issa, kif irrilevat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 109 tad-deċiżjoni kkontestata, l-ispiża ta' vapuri li jistgħu jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt kienet partikolarment għolja. Ma' dawn il-punti jiżdied il-fatt li l-imsemmija speċifikazzjonijiet tal-kuntratt jipprevedu li l-vapuri intiżi sabiex jiżguraw is-servizz pubbliku ma setax ikollhom iktar minn 20 sena, bil-possibbiltà ta' deroga għas-snin 2007 u 2008, li kienet tibbenefika direttament lil SNCM, filwaqt li għandhom l-effett li jeskludu ħames vapuri tal-flotta ta' Corsica Ferries disponibbli għall-implementazzjoni tad-DSP, kif tispjega b'mod konvinċenti ferm il-Kummissjoni fit-tweġiba tagħha għal waħda mill-mistoqsijiet bil-miktub tal-Qorti Ġenerali.

248 Għandu jiżdied li, fil-punt 56 tad-Deċiżjoni tagħha 06-MC-03 tal-11 ta' Diċembru 2006 (ara l-punt 244 hawn fuq), iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 106 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kunsill tal-Kompetizzjoni kkonkluda li, "jekk, fit-teorija, diversi kumpanniji kellhom vapuri neċessarji u setgħu jissodisfaw is-sejħa għal offerti, ċertu numru ta' karatteristiċi tar-regolament ta' konsultazzjoni, it-termini mogħtija sabiex jipparteċipaw fis-sejħa kif ukoll diversi limitazzjonijiet ta' natura teknika jew

kummerċjali fir-realtà naqsu n-numru tagħhom għat-tliet kumpanniji diġà attivi fuq is-servizz ta' Korsika mill-portijiet ta' Marseille, [ta'] Toulon u [ta'] Nice" (ara wkoll il-punti 120 sa 133 tad-Deċiżjoni 09-D-10 tal-Kunsill tal-Kompetizzjoni, tas-27 ta' Frar 2009, dwar il-prassi implementati fis-settur tat-trasport marittimu bejn Korsika u l-kontinent).

249 Fir-raba' lok, kif ġie korrettament ikkonstatat fil-premessa 172 tad-deċiżjoni kkontestata, l-offerta ta' Corsica Ferries, li kienet l-unika offerta rivali għal dik tal-grupp SNCM-CMN, ġiet miċħuda abbażi ta' kriterji ta' selezzjoni, u mhux ta' kriterji ta' għoti, jiġifieri mingħajr ma sar paragun tal-kontenut proprju tal-offerti sabiex tintgħażel l-iktar waħda vantaġġjuża mill-aspett ekonomiku. B'hekk, mid-deliberazzjoni tal-Assemblea ta' Korsika tas-7 ta' Ġunju 2007 jirriżulta li l-offerta ta' Corsica Ferries ġiet miċħuda minħabba l-fatt li din tal-aħħar ma kinitx tista' "tistabbilixxi, b'mod finali u definittiv, id-data li fiha hija setgħet timplementa d-[DSP]". Iktar preċiżament, kif diġà ġie indikat fil-punt 246 hawn fuq, Corsica Ferries sabet ruħha f'sitwazzjoni impossibbli li tipproponi data qabel it-12 ta' Novembru 2007 għall-implementazzjoni tad-DSP, minkejja li l-bidu tiegħu kien ġie stabbilit għall-1 ta' Lulju 2007. Barra minn hekk, mir-rapport tal-President tal-Kunsill Eżekuttiv ta' Korsika dwar is-servizz marittimu tas-servizz pubbliku bejn Marseille u Korsika, li fir-rigward tiegħu ġiet adottata din id-deliberazzjoni, jirriżulta li ċerti vapuri ta' Corsica Ferries ma kinux jissodisfaw il-kundizzjoni ta' età massima stabbilita bid-dispożizzjoni partikolari ta' sejħa għal offerti, peress li kienu bdew joperaw qabel l-1 ta' Jannar 1987 (ara wkoll in-nota ta' qiegħ il-paġna 20 tad-deċiżjoni kkontestata).

250 Għalhekk ma għandux ikun ikkunsidrat li, kif tissottometti SNCM, l-offerta ta' Corsica Ferries ġiet miċħuda minħabba l-fatt li ma kinitx l-iktar waħda ekonomikament vantaġġjuża. Għandu jiżdied li r-raġunijiet li ġġustifikaw dan ir-rifjut ma humiex fost il-kriterji ta' għoti mħabbra permezz tad-dispożizzjonijiet partikolari tas-sejħa għal offerti, li taħt it-titolu "kriterju ta' għażla", jipprevedu b'mod partikolari dan li ġej:

"Għall-għoti tal-kuntratti, iċ-[CTC] tiġi stabbilita skont l-impenn finanzjarju globali li hija għandha tieħu u skont elementi ta' kwalità ta' servizz u ta' żvilupp ekonomiku tal-gżira mogħtija mill-impriżi li jitfgħu l-offerta, b'mod partikolari il-parti tas-servizzi u attivitajiet maħsuba fis-suq insulari, fil-limiti tal-kapaċitajiet u tat-tipi ta' produzzjoni."

251 Fil-ħames lok, għandha tiġi kkonfermata l-konstatazzjoni tal-Kummissjoni, li tinsab fil-premessa 177 tad-deċiżjoni kkontestata, li "l-eżistenza ta' għadd ta' klawsoli każwali assoċjati mal-libertà mogħtija lill-OTC li jiddeċiedi l-eżenzjonijiet għar-regoli applikabbli setgħet ukoll għenet biex tiskoraġġixxi l-parteċipazzjoni fis-sejħa għall-offerti billi tefgħet dubju dwar ċerti parametri tekniċi u ekonomiċi kruċjali għat-tfassil ta' offerta".

252 B'hekk, l-ewwel nett, l-Artikolu 2 tal-FDSP jipprevedi li l-obbligi tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt jistgħu jiġu emendati matul perijodu tranżitorju li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2008. L-obbligi hekk imsemmija, li jistgħu jitnaqqsu fid-diskrezzjoni tal-OTC, jirrigwardaw punti essenzjali tad-DSP, peress li jikkonċernaw il-kapaċitajiet minimi [ara l-punt I(a) tal-paragrafu 1.3, il-punt I(b) tal-paragrafu 1.3, il-punt I(c) tal-paragrafu 1.3, il-punt I(d) tal-paragrafu 1.3 u l-punt I(e) tal-paragrafu 1.3 tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt], il-kwalità tas-servizz u d-data tad-dħul fis-servizz tal-vapuri (ara l-introduzzjoni tal-punt III tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt). Ċertament, id-derogi kienu previsti biss għal perijodu ta' 18-il xahar, iżda huma xorta kienu sinjifikattivi, peress li tali terminu kien biżżejjed sabiex tiġi organizzata mill-ġdid, jekk ikun il-każ, flotta ta' vapuri.

253 It-tieni nett, l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt tal-FDSP jipprevedi li "jista' jiġi aċċettat, wara l-ftehim tal-OTC, b'mod partikolari sabiex jiġu ssodisfatti obbligi leġiżlattivi ta' manutenzjoni/[ta'] tiswija/[ta'] klassifikazzjoni mill-ġdid tal-vapuri, li livell ta' servizz iktar imnaqqas, għall-kapaċitajiet previsti hawn fuq, b'mod partikolari għall-passiġġieri (fil-limitu ta' 30 % ta' tnaqqis), jiġi introdott matul il-perijodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Marzu, minbarra l-perijodu tal-vaganzi tal-iskola u kwalunkwe perijodu ieħor tas-sena f'każ ta' avveniment imprevist" [ara l-punt I(a) tal-paragrafu 1.4, il-punt I(b)

tal-paragrafu 1.4, il-punt I(c) tal-paragrafu 1.4, il-punt I(d) tal-paragrafu 1.4 u l-punt I(e) tal-paragrafu 1.4 tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt]. Għandu jiġi rrilevat li tnaqqis tas-servizz kien possibbli "b'mod partikolari" sabiex jissodisfa l-obbligi leġiżlattivi ta' manutenzjoni, ta' tiswija u ta' klassifikazzjoni mill-ġdid tal-vapuri, u mhux "biss" għal din ir-raġuni, kif jidher li tallega SNCM. Barra minn hekk, kif ġustament enfasizzat il-Kummissjoni, il-marġni ta' diskrezzjoni li din id-dispożizzjoni tagħti lill-OTC kienet wiesgħa ferm, peress li hija kienet tħalli miftuħ kemm il-motiv li għalih ir-riduzzjonijiet setgħu isiru kif ukoll il-parametri tagħhom ("b'mod partikolari għall-passiġġieri") u d-daqs tagħhom (b'massimu ta' 30 %), u dan matul il-perijodi kwieti, jiġifieri matul dawk li matulhom l-użu ta' rotot differenti marittimi kien, bħala regola, bl-iktar defiċit u, għalhekk, li matulhom tnaqqis tas-servizzi kien l-iktar profittabbli għad-delegati.

254 It-tielet nett, fir-rigward tal-portata tagħhom, setgħu wkoll iwasslu għal dubju fuq ċerti parametri tekniċi u ekonomiċi l-klawżola ta' protezzjoni u l-klawżola ta' adattazzjoni previsti fl-Artikolu 7 u l-Artikolu 8 tal-FDSP, rispettivament (ara l-punti 33 sa 35 hawn fuq).

255 Barra minn hekk, l-ebda wieħed mill-argumenti l-oħra mressqa minn SNCM ma kien jippermetti li jiġu kkontestati l-kunsiderazzjonijiet preċedenti.

256 B'hekk, fl-ewwel lok, huwa żbaljat li SNCM tallega li, fil-punt 59 tas-sentenza tagħha tal-11 ta' Settembru 2012, Corsica Ferries France vs Il-Kummissjoni (T-565/08, EU:T:2012:415), il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li d-DSP għall-perijodu 2007-2013 kien inkiseb mill-grupp SNCM-CMN "[s]kont ir-regoli Komunitarji l-ġodda u wara sejħa għall-offerti fil-livell Ewropew". Fil-fatt, minn naħa, il-kawża li wasslet għal din is-sentenza ma kinitx tirrigwarda d-DSP għall-perijodu 2007-2013, iżda SIEĠ għall-perijodu 1991-2001. Min-naħa l-oħra, fil-punt 59 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali illimitat ruħha sabiex tikkonstata li SNCM u CMN kienu kisbu flimkien id-DSP wara l-2001 skont ir-regoli ġodda tal-Unjoni, wara sejħa għal offerti fil-livell Ewropew, u dan mingħajr ma ġiet eżaminata r-regolarità ta' dawn is-sejħiet għal offerti, li fuq kollox ma kinux is-suġġett tal-kawża, u lanqas, *a fortiori*, il-kapaċità tagħhom li jissodisfaw ir-raba' kriterju Altmark.

257 Fit-tieni lok, SNCM ma għandhiex tinvoka b'mod effettiv il-fatt li ċ-CTC qatt ma ġiet adita minn talba ta' kandidati potenzjali li rrinunzjaw milli jipparteċipaw fil-konsultazzjoni minħabba obbligi imposti bl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt jew minħabba t-tempistika tal-għoti tad-DSP. Dan il-fatt, anki jekk jiġi preżunt stabbilit, fir-realtà, ma huwiex, fih innifsu, ta' natura li jinfluwenza r-raġunament u l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni magħmula fid-deċiżjoni kkontestata relatati man-nuqqas ta' osservanza tar-raba' kriterju Altmark.

258 Fit-tielet lok, SNCM lanqas għandha tibbaża argument fuq il-fatt li l-Conseil d'État (kunsill tal-istat, Franza), f'deċiżjoni tal-5 ta' Ġunju 2007 kif ukoll fid-deċiżjoni tiegħu tat-13 ta' Lulju 2012 imsemmija fil-punt 27 hawn fuq, kif ukoll il-Kunsill tal-Kompetizzjoni, fid-Deċiżjoni 07-D-13, tas-6 ta' April 2007, dwar talbiet għal miżuri protettivi fis-settur tat-trasport marittimu bejn Korsika u l-kontinent, allegatament ikkunsidraw li l-proċedura użata miċ-CTC għall-għoti tal-FDSP kienet perfettament legali.

259 Fil-fatt, l-ewwel nett, fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Conseil d'État (kunsill tal-istat, Franza) ta-5 ta' Ġunju 2007, hemm lok li jiġi rrimarkat li din kienet deċiżjoni li ngħatat wara appell ta' kassazzjoni magħmula minn Corsica Ferries kontra d-digriet tal-Imħallef għal miżuri provviżorji tat-Tribunal Administratif de Bastia (tribunal amministrattiv ta' Bastia) tas-27 ta' April 2007 imsemmija fil-punt 20 hawn fuq, li kienet laqgħet parzjalment it-talba tagħha għall-annullament tal-proċedura kollha organizzata miċ-CTC u l-OTC għat-tiġdid tad-DSP tas-servizz marittimu ta' Korsika li jitlaq minn Marseille. Minbarra l-fatt li, minn natura tagħha, il-kompetenza tal-Imħallef għal miżuri provviżorji hija limitata, għandu jiġi rrilevat li, fid-deċiżjoni tiegħu, il-Conseil d'État illimita ruħu, essenzjalment, fir-rigward tal-fondatezza tad-digriet appellat, sabiex jikkonstata li l-Imħallef għal miżuri provviżorji tat-Tribunal Administratif de Bastia ma kien wettaq l-ebda żnaturament tal-fatti jew tal-provi tal-proċess. Għandu jintqal ukoll li l-imsemmija deċiżjoni tirrigwarda biss il-parti tat-talbiet ta'

Corsica Ferries li kienet ġiet miċħuda minn dan l-Imħallef, peress li dan barra minn hekk, minħabba nuqqas ta' trattament ugwali bejn il-kandidati, annulla l-fażi ta' negozjati tal-proċedura u, bħala konsegwenza, id-deċiżjoni li tintgħażel l-offerta tal-grupp SNCM-CMN u li jiġi propost lill-Assemblea ta' Korsika l-għoti tad-DSP lil dan il-grupp.

260 Sussegwentement, kuntrarjament għal dak li tallega SNCM, ma jistax jiġi dedott mid-deċiżjoni tal-Conseil d'État (kunsill tal-istat, Franza) tat-13 ta' Lulju 2012 li dan tal-aħħar ikkonferma fiha l-legalità tal-proċedura segwita miċ-CTC għall-għoti tal-FDSP. Fit-tieni parti tad-deċiżjoni tiegħu, li tirrigwarda d-dritt tal-għajnuna mill-Istat u, b'mod iktar partikolari, l-osservanza tal-obbligu ta' notifika minn qabel previst fl-Artikolu 108(3) TFUE, il-Conseil d'État illimita ruħu sabiex jeżamina jekk il-klawżola ta' protezzjoni prevista bl-Artikolu 7(1) tal-FDSP, ikkunsidrata waħedha, kinitx tista' tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Għandu jiżdied li, wara l-annullament, permezz ta' Deċiżjoni tal-Conseil d'État tat-13 ta' Lulju 2012, tas-sentenza tal-Cour administrative d'appel de Marseille (qorti amministrattiva ta' appell ta' Marseille, Franza) tas-7 ta' Novembru 2011 u tar-rinviju tal-kawża lejn din il-qorti, l-imsemmija qorti, permezz ta' sentenza tas-6 ta' April 2016, annullat is-sentenza tat-Tribunal administrative de Bastia tal-24 ta' Jannar 2008 kif ukoll id-deliberazzjoni u d-deċiżjoni msemmija fil-punti 23 u 25 hawn fuq wara li preċiżament ikkonstatat li r-raba' kriterju Altmark ma kienx ġie ssodisfatt.

261 Finalment, fir-rigward tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Kompetizzjoni tas-6 ta' April 2007, għandu jiġi rrilevat li din kienet relatata ma' talbiet għal miżuri protettivi u ma setgħetx għalhekk tipprevedi d-deċiżjoni dwar il-mertu tal-kawża inkwistjoni. Barra minn hekk, minn din id-deċiżjoni ma setgħet tinsilet l-ebda konklużjoni fir-rigward tal-osservanza tar-raba' kriterju Altmark. Fil-fatt, il-kwistjonijiet li minnhom kien adit il-Kunsill tal-Kompetizzjoni kienu jirrigwardaw, fil-fatt, in-natura antikompetittiva eventwali tal-formazzjoni temporanja tal-grupp bejn SNCM u CMN kif ukoll l-ammont allegatament eċċessiv tas-sussidju mitlub minn dan il-grupp fl-offerta tiegħu ppreżentata wara l-pubblikazzjoni tas-sejħa għal offerti ġdida. Finalment, għandu jiġi rrilevat li, fil-punt 46 tad-deċiżjoni tiegħu, il-Kunsill tal-Kompetizzjoni jenfasizza hu stess li d-deċiżjoni li tintgħażel l-1 ta' Mejju 2007 bħala d-data ta' implementazzjoni tad-DSP (b'din l-aħħar data titressaq għall-1 ta' Lulju 2007) kellha effett projbittiv.

262 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-Kummissjoni ma kkommettietx żball meta kkunsidrat li r-raba' kriterju Altmark ma kienx ġie ssodisfatt kemm fir-rigward tas-servizz bażiku kif ukoll tas-servizz komplementari. It-tieni motiv għandu għalhekk jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tielet motiv, invokat b'mod sussidjarju, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kkalkolat b'mod żbaljat l-ammont tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata

263 It-tielet motiv imqajjem minn SNCM huwa indirizzat kontra l-premessa 218 tad-deċiżjoni kkontestata, li taqra kif ġej:

"Biex tiddetermina l-ammont ta' għajnuna li għandha tiġi rkuprata, minbarra l-imgħaxijiet, il-Kummissjoni tqis li l-kontabilità analitika tal-SNCM hija bażi adegwata għall-allokazzjoni tal-kumpens bejn servizz bażiku u servizz kumplimentari. Fuq din il-bażi, l-ammont ta' għajnuna li għandha tiġi rkuprata għandha tinkludi dan li ġej:

l-ammont tal-kumpens attwalment imħallas mill-2007 sal-2011 fil-qafas tas-servizz kumplimentari li jammonta għal EUR 172 744 miljun […];

il-ħlasijiet bil-quddiem ta' kull xahar għas-sena 2012 fil-qafas tas-servizz kumplimentari, li huma stmati li jammontaw għal EUR 38 miljun kif ukoll il-bilanċ tal-kumpens, li għandu jitħallas wara li jintbagħat ir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tas-servizzi, jekk dan diġà tħallas;

il-ħlasijiet bil-quddiem ta' kull xahar għas-sena 2013 fil-qafas tas-servizz kumplimentari sad-data ta' din id-deċiżjoni, bħalissa stmati għal EUR 9.5 miljun, filwaqt li jitfakkar li Franza għandha tħassar il-pagamenti kollha sussegwenti għal din id-data."

264 Permezz ta' dan il-motiv, li nqasam fi tliet partijiet, SNCM tallega li, anki jekk is-servizz komplementari jista' jiġi distint mis-servizz bażiku u li l-kumpens imħallas għas-servizz komplementari ma jissodisfax il-kriterji Altmark, il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u kisret l-Artikolu 106(2) u l-Artikolu 107 TFUE kif ukoll il-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' projbizzjoni ta' arrikkiment indebitu billi stabbilixxiet l-ammont tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata f'ammont ogħla mill-imsemmi kumpens kollu kemm hu.

265 Il-Kummissjoni u Corsica Ferries jikkunsidraw li dan it-tielet motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat fil-partijiet kollha tiegħu.

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni b'mod żbaljat, sabiex tistabbilixxi l-ammont tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata, l-ispejjeż sostnuti bil-provvista tas-servizz komplementari

266 SNCM tikkritika lill-Kummissjoni li ma kkunsidratx, waqt l-iffissar tal-ammont tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata, spejjeż li hija sostniet sabiex tipprovdi s-servizz komplementari, li kienu kunsiderevoli u ma ġewx koperti bl-ammont tal-kumpens imħallas għal dan is-servizz u lanqas bid-dħul mill-bejgħ li sar mingħand il-passiġġieri. Meta għamlet dan, il-Kummissjoni interpretat b'mod żbaljat l-Artikolu 106(2) u l-Artikolu 107 TFUE kif ukoll il-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' projbizzjoni ta' arrikkiment indebitu u wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni.

267 Għandu jitfakkar li, kif diġà ġie espost fil-punt 233 hawn fuq, u kif korrettament tenfasizza l-Kummissjoni, din il-kawża ma tirrigwardax sitwazzjoni li fiha l-Istat jakkwista, bi ħlas ta' prezz, prodott jew servizz partikolari. Dak li huwa involut f'din il-kawża huwa ftehim li permezz tiegħu awtorità pubblika tafda l-ġestjoni ta' servizz pubbliku lil operaturi ekonomiċi, permezz tal-ħlas ta' kumpens finanzjarju lil dawn tal-aħħar. F'tali każ, hija l-ġurisprudenza li ħarġet mis-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, EU:C:2003:415), li għandha tapplika. B'hekk, jekk il-kumpens ma kienx jissodisfa b'mod kumulattiv l-erba' kriterji Altmark, jiġi kkunsidrat bħala li jagħti vantaġġ lill-benefiċjarji tiegħu u, sakemm il-kundizzjonijiet l-oħra mitluba sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern huma ssodisfatti, huwa għandu jiġi rrimborsat kollu kemm hu mill-imsemmija benefiċjarji.

268 F'dan il-każ, peress li, kif ġie kkonstatat fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel u tat-tieni motiv hawn fuq, l-ewwel u r-raba' kriterji Altmark ma kinux issodisfatti fir-rigward tal-kumpens imħallas lil SNCM għas-servizz komplementari, b'dan tal-aħħar jikkostitwixxi kollu kemm hu vantaġġ favur din il-kumpannija. Peress li l-kundizzjonijiet l-oħra li jippermettu li jiġi stabbilit li l-imsemmi kumpens għandu jiġi kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern kienu ssodisfatti, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni ma interpretatx b'mod żbaljat l-Artikolu 106(2) u l-Artikolu 107 TFUE u lanqas il-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' projbizzjoni ta' arrikkiment indebitu inkwistjoni meta ordnat l-irkupru tal-ammont kollu tagħhom. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat b'mod partikolari li t-tneħħija ta' għajnuna mill-Istat illegali permezz ta' rkupru hija l-konsegwenza loġika tal-konstatazzjoni tal-illegalità tagħha. Konsegwentement, tali rkupru, sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni preċedenti, ma għandux, bħala regola, jiġi kkunsidrat bħala miżura sproporzjonata meta mqabbla mal-għanijiet tad-dispożizzjonijiet tat-trattat fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat (sentenza tal-21 ta' Marzu 1990, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-142/87, EU:C:1990:125, punt 66).

269 B'mod partikolari, ma għandux jiġi kkunsidrat li l-obbligu ta' rimbors tal-imsemmi ammont lill-awtoritajiet Franċiżi iwassal sabiex dawn ikollhom arrikkiment indebitu għaliex huma jillimitaw ruħhom sabiex jirkupraw l-ammont li ma setax jitħallas lil SNCM.

270 Fir-rigward tal-allegazzjoni mressqa minn SNCM fir-replika, li l-irkupru tal-ammont iffissat mill-Kummissjoni jfisser il-"kundanna għall-mewt" tagħha u l-likwidazzjoni tagħha, huwa biżżejjed li jitfakkar li l-fatt li l-impriża kkonċernata tinsab f'diffikultà jew kienet iddikjarata falluta ma tinfluwenzax l-obbligu ta' rkupru (sentenza tal-11 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-610/10, EU:C:2012:781, punt 71).

271 Finalment, fir-rigward tal-allegazzjoni ta' SNCM li s-servizz komplementari rreġistra "kumpens nieqes b'mod kroniku", għandu jiġi kkonstatat li hija ma stabbilixxietx b'mod suffiċjenti fid-dritt. Għall-kuntrarju, l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni bħala tweġiba għall-mistoqsija bil-miktub tal-Qorti Ġenerali kif ukoll waqt is-seduta huma intiżi li juru li dan is-servizz, fir-realtà, kien ibbenefika minn kumpens żejjed.

272 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-ewwel parti tat-tielet motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni b'mod żbaljat naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni, sabiex tiffissa l-ammont ta' għajnuna li għandu jiġi rkuprat, il-kumpens nieqes li kellu s-servizz bażiku

273 SNCM tallega li l-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni, fl-evalwazzjoni tagħha tal-ammont tal-għajnuna li kellha tingħata lura, tal-kumpens nieqes "kroniku u massiv" tas-servizz bażiku, li kien kopert bl-istess DSP bħas-servizz komplementari, kellu bejn l-2007 u l-2011. Minħabba f'hekk, hija wettqet żball ta' liġi kif ukoll żball ta' evalwazzjoni tal-ammont tal-vantaġġ mogħti lil SNCM u interpretat b'mod żbaljat il-prinċipji ta' proporzjonalità u l-projbizzjoni ta' arrikkiment indebitu.

274 Dan l-ilment ma għandux jintlaqa'.

275 Fil-fatt, minn naħa, kif issostni korrettament il-Kummissjoni, ma għandux jiġi aċċettat li kumpens mogħti inkambju għat-twettiq ta' servizz partikolari u li jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ikun affettwat b'mod artifiċjali bil-kumpens ta' servizz pubbliku, anki jekk dawn iż-żewġ servizzi kienu previsti mill-istess ftehim wieħed. Kumpens ta' servizz pubbliku mogħti lil impriża inkarigata mill-implementazzjoni ta' SIEĠ għandu, fil-fatt, ikun stabbilit fir-rigward ta' spejjeż sostnuti bil-provvista ta' dan is-SIEĠ biss.

276 Min-naħa l-oħra, u fi kwalunkwe każ, huwa żbaljat li jiġi allegat li s-servizz bażiku kien suġġett ta' kumpens nieqes "kroniku u massiv". Fil-fatt, minn kalkoli magħmula mill-Kummissjoni abbażi tal-indikatur finanzjarju "return on assets" (ROA), li jkejjel f'perċentwali r-rapport bejn ir-riżultat nett u t-total tal-attiv, u, minn analiżi tad-dikjarazzjonijiet tad-dħul ta' SNCM imsemmija fil-punt 155 hawn fuq, liema kalkoli kienu spjegati mill-Kummissjoni fit-tweġiba tagħha għal waħda mill-mistoqsijiet bil-miktub tal-Qorti Ġenerali kif ukoll waqt is-seduta, jirriżulta li dan is-servizz la kien b'kumpens nieqes u lanqas b'kumpens żejjed (ara wkoll it-tabella li tinsab fil-premessa 207 tad-deċiżjoni kkontestata).

Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni fl-iffissar tal-parti tal-kumpens annwali attribwibbli għas-servizz komplementari

277 SNCM issostni li, jekk l-ammont tal-vantaġġ li għandu jitħallas lura jikkorrispondi mal-kumpens kollu mogħti minħabba s-servizz komplementari, *quod non*, il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta ffissat dan l-ammont. Hija tikkunsidra li din tal-aħħar wettqet għażla arbitrarja u

żbaljata billi bbażat ruħha fuq il-kontabbiltà analitika tagħha u, b'mod iktar preċiż, fuq l-allokazzjoni tad-dikjarazzjoni tad-dħul magħmula skont it-tip ta' vapur (id-dikjarazzjoni tad-dħul akkumulat tal-vapuri tal-merkanzija mħalltin ġiet assimilata mad-dikjarazzjoni tad-dħul tas-servizz bażiku u dik tal-laneċ mad-dikjarazzjoni tad-dħul tas-servizz komplementari) sabiex tistabbilixxi l-parti tal-kumpens annwali attribwibbli għas-servizz komplementari. Hija tipproponi żewġ metodi oħra li setgħu jintużaw mill-Kummissjoni għal dan il-għan.

278 Għandu jiġi rrilevat li din il-parti tistrieħ kollha kemm hi fuq il-premessa li l-Kummissjoni ma setgħetx tassimila s-servizz bażiku mas-servizzi offruti mill-vapuri tal-merkanzija mħalltin u s-servizz komplementari ma' dawk offruti mil-laneċ. Issa, kif dan diġà ntwera fil-punti 158 sa 162 hawn fuq, din il-premessa hija żbaljata. Għalhekk għandu jiġi kkunsidrat li l-metodu użat mill-Kummissjoni sabiex tevalwa l-ammont tal-vantaġġ marbut mal-kumpens tas-servizz komplementari, li huwa bbażat fuq l-analiżi tad-dikjarazzjonijiet tad-dħul ta' SNCM (li jagħmlu distinzjoni ċara bejn vapuri tal-passiġġieri/laneċ, minn naħa, u vapuri tal-merkanzija mħalltin, min-naħa l-oħra), kien partikolarment adegwat, bid-differenza taż-żewġ metodi alternattivi proposti minn SNCM, li ma għandhomx jiġu aċċettati, peress li jirriżultaw f'konfużjoni tas-servizz bażiku u tas-servizz komplementari kif ukoll tal-mezzi użati sabiex jingħataw dawn is-servizzi.

279 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li t-tielet parti tat-tielet motiv u dan il-motiv kollu kemm hu għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

280 Fil-kuntest tar-raba' motiv, SNCM tinvoka erba' fatti allegatament eċċezzjonali li kienu tali li jistabbilixxu aspettattiva leġittima tan-natura regolari tal-għajnuna inkwistjoni u, għalhekk, jipprekludu lill-Kummissjoni milli tordna r-restituzzjoni tagħha.

281 Il-Kummissjoni u Corsica Ferries jikkontestaw l-argumenti ta' SNCM.

282 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, id-dritt li tipprevalixxi ruħek mill-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi huwa estiż għal kull individwu li istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea tkun ħolqitlu aspettattivi fondati [sentenza tal-11 ta' Marzu 1987, Van den Bergh en Jurgens u Van Dijk Food Products (Lopik) vs KEE, 265/85, EU:C:1987:121, punt 44]. Huwa jippreżupponi s-sodisfazzjon ta' tliet kundizzjonijiet kumulattivi. L-ewwel nett, assigurazzjonijiet preċiżi, inkundizzjonati u konkordanti, li ġejjin minn sorsi awtorizzati u dgħajfa, għandhom jiġu pprovduti lill-persuna interessata mill-amministrazzjoni tal-Unjoni. It-tieni nett, dawn l-assigurazzjonijiet għandhom ikunu ta' natura sabiex inisslu aspettattiva leġittima fl-ispirtu tiegħu li għalih huma indirizzati. It-tielet nett, l-assigurazzjonijiet mogħtija għandhom ikunu konformi mar-regoli applikabbli (ara s-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2005, Branco vs Il-Kummissjoni, T-347/03, EU:T:2005:265, punt 102 u l-ġurisprudenza ċċitata; sentenzi tat-23 ta' Frar 2006, Cementbouw Handel & Industrievs Il-Kummissjoni, T-282/02, EU:T:2006:64, punt 77, u tat-30 ta' Ġunju 2009, CPEM vs Il-Kummissjoni, T-444/07, EU:T:2009:227, punt 126).

283 Hija wkoll ġurisprudenza stabbilita li l-impriżi li jibbenefikaw minn għajnuna ma jistax ikollhom, bħala regola, aspettattivi leġittimi dwar ir-regolarità tal-għajnuna ħlief jekk din tingħata skont il-proċedura prevista mit-Trattat FUE. Fil-fatt, operatur ekonomiku diliġenti għandu normalment ikun kapaċi jiddetermina normalment jekk din il-proċedura ġietx osservata jew le (ara s-sentenza tal-20 ta' Marzu 1997, Alcan Deutschland, C-24/95, EU:C:1997:163, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata). B'mod partikolari, meta għajnuna tiġi implementata mingħajr notifika minn qabel lill-Kummissjoni, b'tali mod li hija tkun illegali skont l-Artikolu 108(3) TFUE, il-benefiċjarju tal-għajnuna ma jistax ikollu, f'dan il-mument, aspettattivi leġittimi dwar ir-regolarità tal-għoti tagħha (ara s-sentenza tas-27 ta' Settembru 2012, Fedecom vs Il-Kummissjoni, T-243/09, mhux ippubblikata, EU:T:2012:497, punt 93 u l-ġurisprudenza ċċitata).

284 Għandu jiġi kkonstatat li ebda wieħed mill-erba' fatti allegatament eċċezzjonali invokati minn SNCM ma kienu l-bażi għall-aspettattivi leġittimi dwar in-natura regolari tal-għajnuna inkwistjoni.

285 B'hekk, fl-ewwel lok, huwa għalxejn li SNCM tipprova tislet l-argument mill-fatt li l-Kummissjoni, fid-deċiżjonijiet preċedenti tagħha dwar DSP preċedenti għas-servizz marittimu ta' Korsika, jiġifieri d-Deċiżjoni 2002/149 u d-Deċiżjoni 2009/611/CE, tat-8 ta' Lulju 2008, dwar il-miżuri C 58/02 (ex N 118/02) li Franza tat lis-Société nationale maritime Corse-Méditerranée (SNCM) (ĠU 2009, L 225, p. 180), ma kkonkludietx li kien meħtieġ li ssir analiżi separata tas-servizz bażiku u tas-servizz komplementari.

286 Fir-realtà, il-fatt li l-Kummissjoni setgħet tikkunsidra li SIEĠ għal servizz marittimu ta' Korsika kien jissodisfa l-ħtieġa reali ta' servizz pubbliku matul perijodu preċedenti ma jagħti l-ebda indikazzjoni, u *a fortiori* l-ebda assigurazzjoni, fuq il-fatt li tali ħtieġa kienet teżisti diġà għall-perijodu 2007-2013. Kif diġà ġie rrilevat fil-punt 99 hawn fuq, l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' tali ħtieġa tista' wara kollox tevolvi biż-żmien, skont l-iżvilupp tal-forzi tas-suq. Issa, id-deċiżjonijiet imsemmija fil-punt 285 hawn fuq ġew adottati mill-Kummissjoni fl-2001 u fl-2008 billi ġie kkunsidrat kuntest fattwali differenti minn dak li kien fis-seħħ meta ġiet adottata d-deċiżjoni kkontestata, b'mod partikolari f'termini ta' żvilupp tal-ishma tas-suq. Barra minn hekk, din il-perspettiva hija kkonfermata mill-kliem tal-premessi 78 u 80 tad-Deċiżjoni 2002/149 iċċitati fil-punt 99 hawn fuq u fil-punt 70 tas-sentenza tal-11 ta' Settembru 2012, Corsica Ferries France vs Il-Kummissjoni (T-565/08, EU:T:2012:415), sentenza li fuq kollox ġiet invokata minn SNCM insostenn tal-allegazzjoni preżenti, li minnha jirriżulta li, fir-rigward tal-iżvilupp partikolarment mgħaġġel tal-kuntest kompetittiv fuq is-suq ikkonċernat, l-analiżi dwar l-eżistenza ta' ħtieġa ta' servizz pubbliku reali matul perijodu partikolari ma tistax tkun tali li tipproduċi xi prova li fiha nnifisha tikkontesta l-evalwazzjoni li l-Kummissjoni tkun għamlet minħabba din l-istess ħtieġa għal perijodu ieħor.

287 Fit-tieni lok, SNCM ma għandhiex tikkritika lill-Kummissjoni li applikat il-punt 48 tal-Komunikazzjoni SIEĠ minħabba l-fatt li, fid-data tal-iffirmar tal-FDSP, din il-Komunikazzjoni kienet għadha ma ġietx adottata.

288 Il-punt 48 tal-Komunikazzjoni SIEĠ, li jidher taħt it-titolu 3.2 "Eżistenza ta' [SIEĠ]", jaqra kif ġej:

"Il-Kummissjoni tikkunsidra […] li ma huwiex opportun li tgħaqqad [OSP] speċifiċi ma' attività li diġà hija pprovduta jew li tista' tiġi pprovduta b'mod sodisfaċenti u taħt kundizzjonijiet, (prezz, karatteristiċi oġġettivi tal-kwalità, kontinwità u aċċess għas-servizz) li huma kompatibbli mal-interess pubbliku, kif iddefinit mill-Istat, minn impriżi li joperaw f'kundizzjonijiet normali tas-suq […]"

289 Fil-premessa 166 tad-deċiżjoni kkontestata, wara li rriproduċiet il-passaġġ imsemmi fil-punt 288 hawn fuq, il-Kummissjoni tindika li, "[f]'dan il-kuntest, [hija] tqis li l-elementi ta' hawn fuq jistabbilixxu li l-kumpens tal-kosti mġarrba mill-SNCM minħabba l-provvista tas-servizz kumplimentari wkoll imur kontra l-prassi [tagħha] f'dan il-qasam".

290 Il-kritika li SNCM tagħmel kontra l-Kummissjoni ma għandhiex tintlaqa'. Fir-realtà, kif jirriżulta mill-punt 3 tiegħu, il-Komunikazzjoni SIEĠ għandha l-għan biss li tikkjarifika l-kunċetti fundamentali li fuqhom tistrieħ l-applikazzjoni tar-regoli fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat għall-kumpens ta' servizz pubbliku. B'hekk, sabiex jiġi evalwat jekk l-ewwel kriterju Altmark ġiex issodisfat f'dan il-każ jew le, il-Kummissjoni applikat biss ir-regoli oġġettivi tat-trattat u wara li kkunsidrat id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-regolament kabotaġġ marittimu, dawk kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Frar 2001, Analir *et* (C-205/99, EU:C:2001:107), jiġifieri prinċipji li, fil-mertu tagħhom, kienu diġà jeżistu waqt il-konklużjoni tad-DSP.

291 Fit-tielet lok, għandu jiġi kkunsidrat li SNCM ma għandhiex tipprevalixxi ruħha mill-perijodu allegatament eċċessiv tal-proċedura amministrattiva li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata sabiex tibbaża l-aspettattivi leġittimi tagħha dwar ir-regolarità tal-għajnuna inkwistjoni.

292 Fil-fatt, qabel xejn, hemm lok li jiġi enfasizzat li hija ġurisprudenza stabbilita li, meta, bħal f'dan il-każ, għajnuna ma tiġix innotifikata lill-Kummissjoni, l-inazzjoni tagħha fir-rigward ta' din il-miżura ma għandhiex sinjifikat (sentenzi tal-11 ta' Novembru 2004, Demesa u Territorio Histórico de Àlava vs Il-Kummissjoni, C-183/02 P u C-187/02 P, EU:C:2004:701, punt 52, u tas-27 ta' Settembru 2012, Fedecom vs Il-Kummissjoni, T-243/09, mhux ippubblikata, EU:T:2012:497, punt 93). Qabel xejn, kif jirriżulta mill-konstatazzjonijiet esposti fil-punti 294 sa 296 iktar 'il quddiem, il-Kummissjoni fl-ebda ħin ma baqgħet inattiva wara li rċeviet l-ilment ippreżentat f'din il-kawża minn Corsica Ferries.

293 Imbagħad, għandu jitfakkar li, fis-27 ta' Ġunju 2012, il-Kummissjoni informat lir-Repubblika Franċiża bid-deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali, skont l-Artikolu 108(2) TFUE, fuq l-għajnuna potenzjali lil SNCM u CMN li jinsabu fil-FDSP u li din id-deċiżjoni ġiet ippubblikata f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tal-5 ta' Ottubru 2012. Anki jekk, qabel l-imsemmija pubblikazzjoni, operatur ekonomiku diliġenti seta' jkollu aspettattivi leġittimi fl-għoti tal-għajnuna inkwistjoni, huwa ma setax jibqa' jkollu tali aspettattivi mid-data ta' din il-pubblikazzjoni. Fil-fatt, il-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali jimplika li l-Kummissjoni kellha dubji serji dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna inkwistjoni mad-dritt tal-Unjoni (sentenza tal-21 ta' Marzu 2013, Magdeburger Mühlenwerke, C-129/12, EU:C:2013:200, punt 47).

294 Finalment, u fi kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat li, jekk, ċertament, il-perijodu tal-proċedura amministrattiva kienet relattivament twila, madankollu, ma jistax jitqies bħala irraġonevoli. Jekk huwa veru li l-prinċipji u l-kuntest li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni kkontestata ma humiex fundamentalment differenti minn dawk li fuqhom huma bbażati d-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni dwar is-servizz marittimu ta' Korsika, xorta jibqa' l-fatt, madankollu, li din il-kawża kienet tippreżenta ċerta kumplessità u kellha bżonn li jiġu stabbiliti numru ta' fatti, li sar iktar diffiċli minħabba l-assenza ta' preavviż mill-awtoritajiet Franċiżi.

295 F'dan il-kuntest, għandu jiġi rrilevat li, kuntrarjament għal dak li tallega SNCM, il-Kummissjoni ma stennietx iktar minn sitt xhur qabel tadotta xi miżura wara l-preżentata, fis-27 ta' Settembru 2007, tal-ilment ta' Corsica Ferries. SNCM naqset, fil-fatt, milli ssemmi li dan l-ilment kien issostanzjat addizzjonalment minn Corsica Ferries fit-30 ta' Novembru u fl-20 ta' Diċembru 2007, b'tali mod li għandu jiġi kkunsidrat li f'terminu ta' inqas minn tliet xhur, jiġifieri t-13 ta' Marzu 2008, il-Kummissjoni ħadet l-ewwel miżura konkreta f'dan il-każ, billi bagħtet talba għal informazzjoni lill-awtoritajiet Franċiżi, li għaliha dawn tal-aħħar wieġbu fit-3 ta' Ġunju 2008. Talba għal informazzjoni oħra ntbagħtet mill-Kummissjoni lill-awtoritajiet Franċiżi fit-12 ta' Novembru 2008, li għaliha huma wieġbu fl-14 ta' Jannar 2009.

296 L-allegazzjoni ta' SNCM li l-Kummissjoni sussegwentement baqgħet inattiva matul perijodu ta' kważi tliet snin, jiġifieri sat-13 ta' Ottubru 2011, data li fiha hija bagħtet it-tielet talba għal informazzjoni lill-awtoritajiet Franċiżi, hija żbaljata. Fil-fatt, fl-20 ta' Mejju u fis-16 ta' Lulju 2010, fit-22 ta' Marzu u fit-22 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni addizzjonali mingħand Corsica Ferries insostenn tal-ilment tagħha, li hija kellha teżamina u tittratta. L-awtoritajiet Franċiżi rrispondew għal din it-tielet talba għal informazzjoni fis-7 ta' Diċembru 2011. Fil-15 ta' Diċembru 2011 u fl-10 ta' Jannar 2012, Corsica Ferries bagħtet informazzjoni addizzjonali lill-Kummissjoni. Fl-20 ta' Jannar 2012, l-awtoritajiet Franċiżi rrispondew għar-raba' talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni, li ntbagħtet lilhom fl-14 ta' Diċembru 2011.

297 It-terminu ta' madwar ħames xhur li sussegwentement baqa' għaddej sas-27 ta' Ġunju 2012, data tan-notifika, mill-Kummissjoni, lir-Repubblika Franċiża tad-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, ma għandux jitqies eċċessiv. L-istess jgħodd fir-rigward tat-terminu ta' ftit iktar minn għaxar xhur li għadda bejn din l-aħħar data u dik tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, fit-2 ta' Mejju 2013. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-awtoritajiet Franċiżi ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq id-deċiżjoni ta' ftuħ fit-13 ta' Lulju u fis-7 ta' Settembru 2012, li

Corsica Ferries, SNCM u CMN ukoll ippreżentaw osservazzjonijiet fuq l-imsemmija deċiżjoni, li ġew mibgħuta lill-awtoritajiet Franċiżi u li kienu s-suġġett ta' kummenti li saru minnhom permezz ta' posta elettronika tal-14 ta' Novembru 2012 u tat-3 ta' Jannar, tas-16 ta' Jannar u tat-12 ta' Frar 2013.

298 Fir-raba' lok, huwa għalxejn ukoll li SNCM tinvoka d-deċiżjoni tal-Conseil d'État (kunsill tal-istat, Franza) tat-13 ta' Lulju 2012 u, b'mod iktar partikolari, il-fatt li dan tal-aħħar kkonferma permezz tagħha l-ħtieġa ta' analiżi globali tas-servizz bażiku u tas-servizz komplementari.

299 Fil-fatt, qabel xejn, għandu jiġi enfasizzat li, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 282 hawn fuq, huma biss l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u mhux qorti ta' Stat Membru, li jistgħu jkunu l-oriġini ta' aspettattivi leġittimi. F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li, kif dan diġà ġie espost fil-punt 176 hawn fuq, il-Kummissjoni barra minn hekk ma setgħetx tiġi marbuta bl-interpretazzjoni mogħtija mill-Conseil d'État (kunsill tal-istat, Franza) lid-dispożizzjonijiet tar-regolament kabotaġġ marittimu.

300 Imbagħad, għandu jiġi rrilevat li, meta l-Conseil d'État (kunsill tal-istat, Franza) ta d-deċiżjoni tiegħu fit-13 ta' Lulju 2012, il-Kummissjoni kienet diġà ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura formali ta' investigazzjoni, skont l-Artikolu 108(2) TFUE, kontra l-għajnuna potenzjali lil SNCM u lil CMN li tinsab fil-FDSP. Għalhekk, fir-rigward ta' dak li ġie espost fil-punt 293 hawn fuq, għandu jiġi kkunsidrat li, peress li l-Kummissjoni ma tatx id-deċiżjoni finali tagħha, kwalunkwe aspettattivi leġittimi fir-rigward tal-għajnuna inkwistjoni kienu eskluži, irrispettivament minn dak li seta' jiddeċiedi l-Conseil d'État.

301 Finalment, għandu jiġi rrimarkat li, kif tirrileva b'mod rilevanti l-Kummissjoni, minn tmiem is-sena 2006, il-kwistjoni tad-DSP tas-servizz marittimu ta' Korsika kienet l-oġġett ta' numru ta' rikorsi quddiem il-qrati Franċiżi, li wasslu għal diversi bidliet ta' ġurisprudenza u li tagħhom l-epilogu kienet is-sentenza tas-6 ta' April 2016 tal-Cour administrative d'appel de Marseille (qorti amministrattiva ta' appell ta' Marseille, Franza) li annullat is-sentenza tat-Tribunal administrative de Bastia tal-24 ta' Jannar 2008 kif ukoll id-deliberazzjoni tal-Assemblea ta' Korsika tas-7 ta' Ġunju 2007 u d-deċiżjoni tal-President tal-Kunsill Eżekuttiv ta' Korsika tal-istess jum (ara l-punti 17, 20 u 27 hawn fuq).

302 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-raba' motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament

303 Fil-qafas tal-ħames motiv, SNCM tallega li d-deċiżjoni kkontestata, meta ordnat lir-Repubblika Franċiża tirkupra l-ammonti li tħallsu lilha skont l-FDSP bis-saħħa tas-servizz komplementari mingħajr ma ġiet prevista l-ebda possibbiltà oħra ta' kumpens għal dan is-servizz, tistabbilixxi differenza ta' trattament mhux iġġustifikata bejnha u l-operaturi l-oħra ta' linji marittimi bejn Korsika u l-kontinent, kemm jekk hija CMN jew kompetituri li joperaw barra mill-qafas tad-DSP.

304 Il-Kummissjoni u Corsica Ferries jitolbu li dan il-ħames motiv jiġi miċħud bħala infondat.

305 Għandu jitfakkar li l-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jirrikjedi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (sentenzi tas-17 ta' Ottubru 1995, Fishermen's Organisations *et*, C-44/94, EU:C:1995:325, punt 46, u tat-30 ta' Marzu 2006, Spanja vs Il-Kunsill, C-87/03 u C-100/03, EU:C:2006:207, punt 48).

306 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li ebda waħda miż-żewġ sitwazzjonijiet imsemmija minn SNCM ma hija tali li tikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

307 B'hekk, fl-ewwel lok, huwa żbaljat li SNCM tikkritika l-fatt li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ddeskriviet bħala għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern il-kumpens li hija rċeviet għall-provvista tas-servizz komplementari fuq il-linja Marseille-Propriano [ara l-punt I(d) tal-paragrafu 1.4 tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt tal-FDSP] minkejja li hija ma ddeskrivietx bl-istess mod il-kumpens li hija ħallset lil CMN għall-"kapaċitajiet addizzjonali li din tal-aħħar implementat fuq din l-istess linja bejn Mejju u Settembru".

308 Fil-fatt, il-"kapaċitajiet addizzjonali" imsemmija minn SNCM jaqgħu taħt il-punt I(d) tal-paragrafu 1.3(i) tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt tal-FDSP u jagħmlu għalhekk parti integrali mis-servizz bażiku, u mhux mis-servizz komplementari kif tallega SNCM. Dan huwa kkonfermat b'mod partikolari b'waħda mit-tabelli li tidher taħt il-punt B "Preżentazzjoni tas-snin tipiċi" tal-Anness 2 tal-FDSP, li minnu jirriżulta li t-tisħiħ tas-servizz bażiku hekk previst minn din id-dispożizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt kien sar fil-prattika biż-żieda ta' rotazzjoni fil-ġimgħa ta' vapuri tal-merkanzija mħalltin ta' CMN, il-*Kalliste* jew il-*Girolata*, mar-rotazzjonijiet tal-vapuri tal-merkanzija mħalltin tagħha, l-i*Scandola*. Issa, kif dan diġà ġie espost fil-punti 160 u 161 hawn fuq, is-servizz bażiku kien eżegwit billi jintużaw vapuri tal-merkanzija mħalltin, filwaqt li s-servizz komplementari kien eżegwit billi intużaw laneċ.

309 Peress li s-servizz komplementari kien unikament ipprovdut minn SNCM u li kull kumpens imħallas bis-saħħa ta' dan is-servizz kien ikkunsidrat mill-Kummissjoni bħala għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern, ma kienx hemm ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament meta din tal-aħħar ordnat l-irkupru ta' tali kumpens u mhux ta' dak imħallas minn CMN għal servizzi li jaqgħu taħt is-servizz bażiku.

310 Fit-tieni lok, SNCM tinvoka b'mod żbaljat l-allegata differenza ta' trattament bejnha u l-operaturi li joffru servizzi marittimi fuq ir-rotot Toulon-Korsika u Nice-Korsika. Fil-fatt, hija ma kinitx tinsab f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik ta' dawn l-operaturi, peress li hija kienet tagħti biss is-servizz komplementari fil-qafas tal-FDSP u kienet tibbenefika minn kumpens, minħabba f'hekk, filwaqt li l-imsemmija operaturi kienu koperti bl-iskema ta' għajnuna soċjali msemmija fil-punt 14 hawn fuq. Għandu jingħad ukoll li, b'differenza mill-imsemmi kumpens, din l-iskema ta' għajnuna ġiet iddikjarata kompatibbli mas-suq intern mill-Kummissjoni (ara l-punt 14 hawn fuq).

311 F'dan il-kuntest, huwa żbaljat ukoll li SNCM tallega li mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li hija kienet obbligata toffri ċerti kapaċitajiet ta' trasport fuq ir-rotta Marseille-Korsika mingħajr ma setgħet tippretendi xi kumpens, kemm jekk ikun bis-saħħa tal-FDSP jew taħt l-iskema ta' għajnuna ta' natura soċjali, filwaqt li l-kumpanniji marittimi li joperaw minn Toulon jew Nice setgħu jibbenefikaw minn kumpens minħabba din l-aħħar skema. Din is-sitwazzjoni hija, fil-fatt, imputabbli mhux għall-Kummissjoni iżda għall-awtoritajiet Franċiżi li, mill-1 ta' Jannar 2002, organizzaw is-servizz pubbliku ta' trasport marittimu bejn Korsika u Franza Kontinentali skont żewġ mudelli ta' ġestjoni paralleli, jiġifieri, minn naħa, ftehim ta' DSP għar-rotot li jitilqu minn Marseille, li wasslu għal kumpens finanzjarju għad-delegati, u, min-naħa l-oħra, sistema ta' għajnuna soċjali għall-passiġġieri li nġarru bir-rotot li jitilqu minn Nice u Toulon.

312 Minn dan isegwi li l-ħames motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat.

313 Għalhekk, ir-rikors għandu jiġi miċħud bħala infondat kollu kemm hu.

Fuq l-ispejjeż

314 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regolament tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li SNCM tilfet, hija għandha tiġi kkundannata, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni u minn Corsica Ferries, skont it-talbiet ta' dawn tal-aħħar.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-rikors huwa miċħud.**

2) **Société nationale maritime Corse Méditerranée (SNCM) għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u minn Corsica Ferries France SAS.**

Frimodt Nielsen Collins Valančius

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fl-1 ta' Marzu 2017.

Firem

Il-fatti li wasslu għall-kawża

L-atturi prinċipali 2

Servizz ta' trasport bil-baħar bejn Franza kontinentali u Korsika u ftehim ta' delega ta' servizz pubbliku. 3

Il-proċedura quddiem il-Kummissjoni u d-deċiżjoni kkontestata 6

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet 10

Id-dritt 12

Osservazzjonijiet preliminari 12

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kkunsidrat b'mod żbaljat li s-servizz komplementari ma kienx jikkostitwixxi SIEĠ 13

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi billi eżerċitat stħarriġ iddettaljat tal-ħtieġa tas-servizz fir-rigward tal-ħtieġa reali ta' servizz pubbliku 14

– Fuq l-ewwel subparti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni interpretat b'mod żbaljat il-prassi deċiżjonali preċedenti tagħha kif ukoll il-ġurisprudenza 14

– Fuq it-tieni u r-raba' subpartijiet, ibbażati fuq il-fatt li l-Kummissjoni interpretat b'mod żbaljat is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tal-Istati Membri kif ukoll il-portata tas-sentenza tal-20 ta' Frar 2001, Analir et (C-205/99, EU:C:2001:107), u tar-regolament kabotaġġ marittimu 15

– Fuq it-tielet subparti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni interpretat b'mod żbaljat ir-regoli dwar l-oneru tal-prova 20

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi, żball ta' fatt u żball manifest ta' evalwazzjoni billi assimilat il-kapaċitajiet addizzjonali sabiex jingħata servizz matul il-perijodi l-iktar iffrekwentati ma' servizz komplementari u billi evalwat dan is-servizz b'mod separat mis-servizz bażiku fir-rigward tal-ewwel kriterju Altmark 22

– Fuq l-ewwel subparti, ibbażata fuq il-fatt li l-FDSP ma jagħmilx distinzjoni bejn is-servizz bażiku u s-servizz komplementari 22

– Fuq it-tieni subparti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni b'mod żbaljat assimilat is-servizz bażiku mas-servizzi offruti permezz tal-vapuri tal-merkanzija mħalltin u s-servizz komplementari ma' dawk offruti permezz tal-laneċ 25

– Fuq it-tielet subparti, invokata b'mod sussidjarju, ibbażata fuq il-fatt li s-servizz komplementari huwa ġġustifikat bil-ħtieġa reali ta' servizz pubbliku li kien jissodisfa s-servizz bażiku 26

Fuq it-tielet parti, invokata b'mod sussidjarju, ibbażata fuq il-fatt li s-servizz komplementari, ikkunsidrat waħdu, jissodisfa l-ewwel kriterju Altmark 29

– Fuq l-ewwel subparti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni evalwat b'mod żbaljat is-sostitwibbiltà tas-servizzi ta' trasport ta' passiġġieri li jitilqu minn Marseille ma' dawk li jitilqu minn Toulon .. 29

– Fuq it-tieni subparti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni evalwat b'mod żbaljat in-nuqqas ta' inizjattiva privata 32

– Fuq it-tielet subparti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni b'mod żbaljat naqset milli tanalizza l-impatt li kien ikun hemm bit-tneħħija tas-servizz komplementari fuq l-offerta effettivament ikkonstatata 34

– Fuq ir-raba' subparti, ibbażata fuq il-fatt li l-kompetituri ta' SNCM li joperaw servizzi li jitilqu minn Toulon ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom f'kundizzjonijiet normali tas-suq 35

Fuq ir-raba' parti, invokata b'mod sussidjarju ferm, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma urietx li s-servizzi pprovduti bis-servizz komplementari jikkostitwixxu tranżazzjoni kummerċjali normali 35

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kkunsidrat b'mod żbaljat li l-FDSP ma kienx jissodisfa r-raba' kriterju Altmark 36

Fuq it-tielet motiv, invokat b'mod sussidjarju, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kkalkolat b'mod żbaljat l-ammont tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata 40

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni b'mod żbaljat, sabiex tistabbilixxi l-ammont tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata, l-ispejjeż sostnuti bil-provvista tas-servizz komplementari 41

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni b'mod żbaljat naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni, sabiex tiffissa l-ammont ta' għajnuna li għandu jiġi rkuprat, il-kumpens nieqes li kellu s-servizz bażiku 42

Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni fl-iffissar tal-parti tal-kumpens annwali attribwibbli għas-servizz komplementari 42

Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi 43

Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament 46

Fuq l-ispejjeż 47